II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

Fil-verżjoni ppubblikata ta' din id-deċiżjoni, ħalliet barra xi informazzjoni, skont l-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, rigward in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali. L-ommissjonijiet huma indikati kif ġej […]	VERŻJONI PUBBLIKA Dan id-dokument qed jiġi pprovdut biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/69

tal-24 ta' Frar 2020

dwar Għajnuna mill-Istat SA.43549 (2017/C) (ex 2017/FC) (ex 2016/NN) (ex 2015/EO) implimentata mir-Rumanija għal CFR Marfă

(notifikata bid-dokument C(2020) 1115)

(It-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li appellat biex il-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittra datata l-24 ta' Settembru 2015, ir-Rumanija infurmat lill-Kummissjoni li f'Ġunju 2013 hija kkonvertiet f'ekwità dejn pubbliku ta' RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun [2]) dovut minn Societatea Națională de Transport Feroviar de Marfa CFR S.A. (minn hawn 'il quddiem "CFR Marfă"), kumpanija tal-Istat tal-merkanzija bil-ferrovija, lil CFR Infrastructură, amministratur tal-Istat tal-infrastruttura ferrovjarja, u lil diversi korpi tas-sigurtà soċjali u korpi tat-taxxa [3]. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ każ *ex officio* dwar il-miżuri favur CFR Marfă, irreġistrat taħt in-numru tal-każ tal-għajnuna mill-Istat SA.43549 (2015/CP).

[1] ĠU C 198, 8.6.2018, p. 16.

[2] Ir-rata tal-kambju użata f'din id-deċiżjoni hija identika għal dik użata fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, jiġifieri EUR 1 = RON 4.6, kif kien jidher fuq is-sit web tal-BĊE fit-13 ta' Settembru 2017. Iċ-ċifri f'EUR huma għal skopijiet ta' informazzjoni biss; iċ-ċifri uffiċjali huma ppreżentati f'RON. https://www.ecb.europa.eu/stats/policy_and_exchange_rates/euro_reference_exchange_rates/html/eurofxref-graph-ron.en.html

[3] Id-Digriet ta' Urġenza Nru 61/2013 li tirregola ċerti miżuri fiskali finanzjarji tat-12 ta' Ġunju 2013, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Rumena Nru 363 tat-18 ta' Ġunju 2013.

(2) Permezz tal-ittri datati s-17 ta' Novembru 2015, is-6 ta' Lulju 2016, u s-6 ta' April 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar il-miżuri favur CFR Marfă. Ir-Rumanija wieġbet bl-ittri datati l-24 ta' Diċembru 2015, l-10 u l-11 ta' Awwissu 2016 u t-12 ta' Mejju 2017. Ir-Rumanija nnotifikat ukoll minn qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fil-5 ta' Ottubru 2016, u n-notifika minn qabel tar-Rumanija ġiet amalgamata mal-każ *ex officio* ta' għajnuna mill-Istat imsemmi hawn fuq.

(3) Fis-6 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet ilment formali ("l-Ilment") mill-*Assoċjazzjoni ta' Operaturi Privati tal-Merkanzija bil-Ferrovija fir-Rumanija* ("l-ilmentatur" jew "OPSFPR", li tfisser *Organizația Patronală a Societăților Feroviare Private din Romania*) ([4]), li tirrappreżenta l-interessi ta' kumpaniji privati li joperaw fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija. L-ilment, flimkien ma' talba għal aktar informazzjoni teknika, intbagħat lir-Rumanija fis-6 ta' April 2017. Ir-Rumanija kkummentat dwar l-ilment fit-12 ta' Mejju 2017.

(4) Fid-19 ta' Settembru, l-ilmentatur issottometta *Addendum* għall-Ilment lill-Kummissjoni. Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-*Addendum* intbagħtet lir-Rumanija għall-kummenti. Ir-Rumanija wieġbet fis-6 ta' Ottubru 2017.

(5) Permezz tal-ittra datata t-18 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija li hija kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") rigward l-għajnuna.

(6) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tagħti bidu għall-proċedura (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni ta' Ftuħ" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna/il-miżura.

(7) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet inizjali mir-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ fl-20 ta' Frar 2018.

(8) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mill-partijiet interessati fis-6 ta' Lulju 2018. Fis-16 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni bagħtithom lir-Rumanija bl-opportunità ta' reazzjoni. Ir-Rumanija sostniet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti tal-partijiet terzi permezz ta' ittra datata l-14 ta' Awwissu 2018.

(9) Il-Kummissjoni bagħtet talbiet sussegwenti għal informazzjoni lir-Rumanija, notevolment fl-14 ta' Novembru 2018 u fil-15 ta' Marzu 2019, li l-awtoritajiet Rumeni wieġbu għalihom fid-19 ta' Diċembru 2018, u fis-27 ta' Ġunju, fid-9 ta' Lulju, fit-13 ta' Settembru u fis-6 ta' Novembru 2019 rispettivament.

(10) Il-Kummissjoni ospitat diversi laqgħat mal-awtoritajiet Rumeni, b'dik l-aktar reċenti fl-24 ta' Lulju 2019, li warajha r-Rumanija ssottomettiet informazzjoni addizzjonali fit-13 ta' Settembru 2019.

2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

2.1. **Benefiċjarju**

(11) CFR Marfă hija 100 % kumpanija tal-Istat b'responsabbiltà limitata ("intrapriża tal-Istat" jew "SoE") li tipprovdi servizzi ta' merkanzija bil-ferrovija u li tħaddem terminals multimodali. Ir-Rumanija, bħala l-uniku azzjonist, attwalment timmaniġġja u tissorvelja l-kumpanija (eż. rigward il-baġit annwali tagħha) permezz tal-Ministeru tat-Trasport.

(12) CFR Marfă ġiet inkorporata bħala kumpanija b'ishma konġunti fl-1 ta' Ottubru 1998, wara r-riorganizzazzjoni ta' Romanian Railways eżistenti, *Societatea Națională Căile Ferate Române* ("SNCFR") ([6]), kumpanija ferrovjarja integrata vertikalment li mbagħad inqasmet f'ħames kumpaniji indipendenti: CFR Infrastructură (jew CFR SA, il-maniġer tal-infrastruttura, 100 % tal-Istat, minn hawn 'il quddiem "CFR Infrastructură"), CFR Marfă, CFR Călători (l-operatur tal-passiġġieri tal-ferrovija, 100 % tal-Istat), CFR Gevaro (li tipprovdi servizzi marbuta mal-vaguni ristorant u mal-vaguni tal-irqad) u *Societatea de Administrare Active Feroviare* – SAAF (kumpanija li timmaniġġja l-materjal żejjed fuq ir-roti, li għandu jinbiegħ, jinkera jew jiġi skrappjat).

([4]) Fi żmien is-sottomissjoni tal-ilment, l-Assoċjazzjoni kellha 16-il membru li minnhom 13 kienu attivi fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (b'kuntrast mat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija). Il-membri kienu jinkludu Grup Feroviar Român S.A. ("GFR"), Deutsche Bahn Cargo Romania ("DB Cargo Romania"), Unicom Tranzit SA ("Unicom Tranzit"), Cargo Trans Vagon S.A. ("Cargo Trans Vagon"), Transferoviar Grup S.A. ("Transferoviar Grup"), Vest Trans Rail S.R.L. ("Vest Trans Rail"), Servtrans Invest S.A. ("Servtrans Invest"), Tehnotrans Feroviar S.R.L. ("Tehnotrans"), Via Terra Spedition, Rail Cargo Carrier Romania (parti mill-Grupp Austrian Rail Cargo), Tim Rail Cargo, Rail Force S.R.L. u Trans Expedition Feroviar S.R.L.

([5]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

([6]) L-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 12/1998 dwar ir-riorganizzazzjoni ta' SNCFR u t-trasport bil-ferroviji.

(13) CFR Marfă tipprovdi servizzi ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ta' fost l-oħrajn faħam, siment, prodotti kimiċi, ħbub u żejt, injam, melħ u metalli domestiċi, tħaddem terminals multimodali u tipprovdi servizzi anċillari, bħal servizzi ta' depot, servizzi tal-fjuwil, u loġistika. Fost il-klijenti prinċipali ta' CFR Marfă hemm SoEs oħra bħal CE Hunedoara, dawk li kienu produtturi ta' kimiċi Oltchim, Salrom, u kumpaniji tat-tisħin distrettwali.

(14) Fl-2017, il-merkanzija bil-ferrovija kienet tirrappreżenta 30,2 % mis-suq tat-trasport tal-merkanzija fir-Rumanija, meta mqabbla ma' 30,7 % fl-2013 u ma' 24,9 % biss fl-2007 ([7]). Is-sehem tat-trasport bit-triq kien relattivament ogħla, minn 53,5 % fl-2007 għal 40,3 % fl-2013 u 42,4 % fl-2017, filwaqt li s-sehem tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni varja minn 25,2 % fl-2007 għal 29 % fl-2013 u għal 27,4 % fl-2017 ([8]).

(15) Ir-Rumanija tat aċċess għan-network ferrovjarju lil operaturi barranin tal-merkanzija bil-ferrovija fl-1998 ([9]). Mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE fl-2007, is-sehem mis-suq ta' CFR Marfă fis-settur tal-merkanzija bil-ferrovija mkejjel skont il-volum (eluf ta' tunnellati ta' merkanzija ttrasportata) naqas b'rata kostanti minn [70-80] % fl-2007 għal [50-60] % fl-2014 u għal [40-50] % fl-2018. Is-sehem mis-suq ta' CFR Marfă mkejjel skont id-distanza ttrasportata (tunnellati-kilometri) naqas ukoll minn [60-70] % fl-2007 għal [40-50] % fl-2014 u għal [30-40] % fl-2018 ([10]). Dan jirrappreżenta s-sehem ta' [5-10] % ta' CFR Marfă mis-suq totali tal-merkanzija fir-Rumanija, meta mqabbel mas-sehem mis-suq ikkombinat ta' [10-20] % tal-operaturi privati tal-merkanzija bil-ferrovija ([11]).

Tabella 1

L-iżvilupp tas-sehem mis-suq (merkanzija bil-ferrovija) ta' CFR Marfă mill-2007 - 2018

Sehem mis-suq (%)		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018 (*)
skont il-volum tal-merkanzija ttrasportata	**CFR Marfă**	**[70-80]**	**[60-70]**	**[50-60]**	**[50-60]**	**[60-70]**	**[50-60]**	**[50-60]**	**[50-60]**	**[50-60]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**
	Operaturi oħra tal-merkanzija bil-ferrovija	[20-30]	[30-40]	[40-50]	[40-50]	[30-40]	[40-50]	[40-50]	[40-50]	[50-60]	[50-60]	[50-60]	[50-60]
skont id-distanza ttrasportata (tkm)	**CFR Marfă**	**[60-70]**	**[50-60]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[40-50]**	**[30-40]**	**[30-40]**	**[30-40]**
	Operaturi oħra tal-merkanzija bil-ferrovija	[30-40]	[40-50]	[50-60]	[50-60]	[50-60]	[50-60]	[50-60]	[50-60]	[60-70]	[60-70]	[60-70]	[60-70]

(*) L-ewwel 9 xhur tal-2018 biss.

Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015; it-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, l-Anness 2; it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punt 29.1.;

([7]) Ara t-tweġiba tar-Rumanija għall-Mistoqsija 2, l-Anness 2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 u d-data tal-Eurostat disponibbli fuq https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/refreshTableAction.do?tab=table&plugin=1&pcode=t2020_rk320&language=en

([8]) Ibid.

([9]) L-Artikolu 15 (2) tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 12/1998.

([10]) Ara t-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punti 49-51.

([11]) Ara t-tweġiba tar-Rumanija għall-Mistoqsija 2, l-Anness 2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2018, il-punt 29.1.

(16) Fi żmien id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, madwar 20 operatur tal-merkanzija bil-ferrovija kienu attivi fis-suq Rumen. Il-kompetituri prinċipali ta' CFR Marfã huma kollha operaturi privati bl-ishma mis-suq li ġejjin (f'termini ta' tunnellati-kilometri): SC Group Feroviar Roman SA ([12]) ("GFR"; [20-30] % fl-2012 u [20-30] % fl-2016), SC Unifertrans SA ([5-10] % fl-2012 u [5-10] % fl-2016), SC Cargo Trans Vagon SA ([5-10] % fl-2012 u [0-5] % fl-2016), SC DB Schenker Rail Romania ([5-10] % fl-2012 u [10-20] % fl-2016), SC Transferoviar Grup SA ([0-5] % fl-2012 u [0-5] % fl-2016), u Rail Cargo Carrier Romania ([0-5] % fl-2016) ([13]). Attwalment l-għadd ta' trasportaturi attivi fis-suq Rumen tal-merkanzija bil-ferrovija żdied għal 28 ([14]).

2.2. **Id-diffikultajiet finanzjarji ta' CFR Marfã qabel il-privatizzazzjoni li ma rnexxitx fl-2013**

(17) Matul dan l-aħħar deċennju, l-attività kummerċjali ta' CFR Marfã tnaqqset progressivament. Il-volum tal-merkanzija ttrasportata minn CFR Marfã naqas b'mod kostanti minn […] eluf ta' tunnellati fl-2007 għal […] eluf ta' tunnellati fl-2016 (ara t-Tabella 2 hawn taħt).

Tabella 2

Il-volum tal-merkanzija ta' CFR Marfã f'eluf ta' tunnellati mill-2007 – 2017 skont il-kategorija

F'eluf ta' tunnellati	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
Volum tal-merkanzija ttrasportata	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015; it-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, l-Anness 1; it-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, is-Sottotaqsima E, il-Punt 13.

(18) Bit-tnaqqis tal-attività kummerċjali ta' CFR Marfã, tnaqqas progressivament ukoll l-għadd ta' impjegati minn 15 992 impjegat f'ekwivalenti full-time ("FTE") fl-2009 għal 6 508 fl-2014, għal 6 155 fl-2016 u għal 5 717 fl-2018 (ara t-Tabella 3 hawn taħt).

Tabella 3

L-impjegati ta' CFR Marfã f'FTE fl-2009-2018

FFTE	1999	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018
Għadd ta' Impjegati	29 289	15 992	10 813	8 257	9 053	8 767	6 508	6 454	6 155	5 995	5 717

Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015, it-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, l-Anness 1, il-karti tal-bilanċ annwali tal-kumpanija ([1]), it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 49.

([1]) Rapporti annwali disponibbli fuq is-sit web ta' CFR Marfã (eż. http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/financiar/indicatori%20financiari/indicatori%20financiari%20conform%20bilantului%20depus%20pe%20anul%20%202017.pdf

(19) Il-fatturi deskritti fil-Premessi 15 u 16 hawn fuq affettwaw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfã b'mod avvers. Kif ippreżentat fit-Tabella 4 hawn taħt, CFR Marfã ilha tiffaċċja diffikultajiet finanzjarji għal bosta snin.

Tabella 4

Indikaturi finanzjarji ewlenin ta' CFR Marfã mill-2009–2016

F'miljuni ta' RON	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Fatturat totali	1 097,30	1 056,10	1 150,00	1 020,60	961,50	954,90	775,94	673,61

([12]) GFR hija parti minn Grampet Group li jikkonsisti minn 14-il kumpanija attiva fis-settur tat-trasport bil-ferrovija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk.

([13]) Ara l-Anness 1 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni.

([14]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punt 51.2.

F'miljuni ta' RON	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
EBITDA	**– 186,60**	**– 97,10**	**25,10**	**– 41,50**	**– 89,70**	**17,70**	**27,56**	**– 43,69**
Spejjeż tal-imgħax	31,40	29,40	27,00	23,10	16,00	12,90	8,98	5,62
Total tad-dejn	**1 261,60**	**1 673,40**	**1 891,20**	**2 186,60**	**666,30**	**720,20**	**788,25**	**868,13**
Ekwità tal-azzjonisti	**93,60**	**– 343,50**	**– 471,90**	**– 904,60**	**566,20**	**540,50**	**405,21**	**302,00**
Kapital azzjonarju sottoskritt	247,33	248,15	251,60	263,96	1 987,54	1 988,35	2 012,12	2 012,12
Ekwità oħra	– 153,69	– 591,62	– 723,50	– 1 168,58	– 1 420,20	– 1 447,69	– 1 606,91	– 1 710,13
— *Riżervi ta' rivalutazzjoni*	*93,91*	*120,62*	*107,98*	*106,46*	*114,90*	*101,99*	*88,08*	*88,08*
— *Riżervi*	*236,22*	*253,62*	*266,15*	*279,17*	*293,50*	*306,36*	*201,05*	*201,05*
— *Qligħ/telf akkumulat*	*– 141,84*	*– 430,59*	*– 1 004,18*	*– 1 149,12*	*– 1 565,68*	*– 1 828,88*	*– 1 736,85*	*– 1 844,48*
— ***Qligħ/telf annwali***	***– 341,98***	***– 535,27***	***– 93,45***	***– 405,09***	***– 262,92***	***– 27,16***	***– 159,19***	***– 154,78***
% mill-kapital azzjonarju mitluf	**– 62**	**– 238**	**– 288**	**– 443**	**– 71**	**– 73**	**– 20**	**– 15**
Proporzjon ta' Dejn/Ekwità	**13,48**	**– 4,87**	**– 4,01**	**– 2,42**	**1,18**	**1,33**	**1,94**	**2,87**
EBITDA/Proporzjon ta' kopertura tal-imgħax	**– 5,94**	**– 3,30**	**0,93**	**– 1,80**	**– 5,61**	**1,37**	**3,07**	**– 7,77**

Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015; it-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, l-Anness 1.

(20) CFR Marfă ilha tagħmel telf mill-2008. ([15]) It-telf annwali akkumulat fis-snin finanzjarji mill-2009 sal-2012 kien jammonta għal RON 1 149,12 miljun (madwar EUR 250 miljun), li kien il-fattur prinċipali għat-tnaqqis fl-ekwità tal-azzjonisti minn valur pożittiv ta' RON 93,6 miljun (madwar EUR 20 miljun) fl-2009 għal valur negattiv ta' RON 904,60 miljun (madwar EUR 197 miljun) fl-2012. L-ekwità tal-azzjonisti qalbet għall-pożittiv fl-2013 b'RON 566,20 miljun (madwar EUR 123 miljun), prinċipalment minħabba konverżjoni ta' dejn f'ekwità, maqbul mill-Istat ([16]), ta' RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun). Id-deterjorament kostanti tal-ekwità tal-azzjonisti reġa' beda fl-2013 (immedjatament wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013) u kompla fl-2015 u fl-2016.

(21) Kif deskritt fil-qosor fit-Tabella 5 hawn taħt, CFR Marfă kien diġà kellha livell sinifikanti ta' dejn fl-2010, li jammonta għal 126 % mill-assi totali. Fl-isfond tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija li kienet qed tiddeterjora, mill-2010 sal-2012 id-djun ta' CFR Marfă żdiedu b'madwar 31 % biex laħqu RON 2 186,56 miljun (madwar EUR 475 miljun), jiġifieri 171 % mill-assi totali.

([15]) Fl-2007 hija xorta waħda għamlet profitt nett ta' RON 4,73 miljun (madwar EUR 1,02 miljun) filwaqt li fl-2008 irreġistrat telf annwali ta' RON 169,45 miljun (EUR 36,83 miljun). Sors: indikaturi finanzjarji mill-karti tal-bilanċ tal-2007 u l-2008 disponibbli fuq is-sit web ta' CFR Marfă fuq: http://www.cfrmarfa.cfr.ro/index.php?option=com_content&view=article&id=75%3Aindicatori-financiari-conform-bilantului-depus-pe-anul-2007-&catid=35&Itemid=194&lang=ro; u http://www.cfrmarfa.cfr.ro/index.php?option=com_content&view=article&id=170%3Aindicatori-financiari-conform-bilantului-depus-pe-anul-2008-&catid=35&Itemid=194&lang=ro

([16]) Ara l-Premessa 1 hawn fuq, u s-Sottotaqsima 4.1.5.2 hawn taħt.

(22) Fl-2012, l-obbligazzjonijiet kurrenti (bid-data ta' maturità ta' inqas minn sena) kienu jirrappreżentaw 87 % mill-obbligazzjonijiet totali ta' CFR Marfă u kienu jikkonsistu minn ammonti pagabbli kummerċjali, ammonti pagabbli tat-taxxa u obbligazzjonijiet oħra (ara t-Tabella 5 hawn taħt).

Tabella 5

Stampa ġenerali tad-djun ta' CFR Marfă mill-2010-2016

F'miljuni ta' RON	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Proviżjonament	215,72	96,92	61,1	31,69	1,97	2,68	1,55
Teħid b'self fit-tul	324,74	272,82	223,77	169,95	113,23	57,15	—
Dħul differit	2,24	2,49	2,23	2,49	1,61	1,73	1,4
Obbligazzjonijiet mhux kurrenti	**542,7**	**372,23**	**287,1**	**204,13**	**116,81**	**61,56**	**2,95**
Ammonti pagabbli kummerċjali*	556,36	709,55	841,85	301,12	448,10	604,60	731,54
Teħid b'self fil-qosor	97,38	89,06	83,02	67,23	77,55	83,50	81,46
Taxxi	310,86	487,48	631,57	52,15	69,00	14,07	30,79
Obbligazzjonijiet oħrajn	166,13	232,86	343,02	36,30	8,25	24,52	21,39
Obbligazzjonijiet kurrenti	**1 130,73**	**1 518,95**	**1 899,46**	**456,80**	**602,90**	**726,69**	**865,18**
Total tad-djun	**1 673,43**	**1 891,18**	**2 186,56**	**660,93**	**719,71**	**788,25**	**868,13**
Total tal-assi (= ekwità + djun)	**1 329,96**	**1 419,28**	**1 281,94**	**1 227,16**	**1 260,21**	**1 193,47**	**1 170,12**

Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015; l-applikazzjoni ta' Kriterju ta' Investitur Privat (* għall-ammonti pagabbli kummerċjali), Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013; it-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, l-Anness 1, ir-rapport finanzjarji ppubblikati fuq is-sit web ta' CFR Marfă http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/financiar/sit%20fin%20extinse/Situatii%20financiare%20extinse%20la%2031.12.2014.pdf.

(23) Mill-2010 sal-2012, l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă żdiedu bi 53 % minn RON 562,61 miljun (madwar EUR 122 miljun) għal RON 862,43 miljun (madwar EUR 187 miljun). Il-maġġoranza tal-ammonti pagabbli kummerċjali pendenti ([90-100] % mill-ammonti pagabbli kummerċjali totali fl-2012) tista' tiġi attribwita għall-SoEs, jiġifieri CFR Infrastructură, Informatica Feroviară ([17]), CFR Călatori u oħrajn (ara t-Tabella 6 hawn taħt).

Tabella 6

Stampa ġenerali tal-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă mill-2010-2016

F'miljuni ta' RON	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018
Total tal-ammonti pagabbli kummerċjali	562,61	726,74	862,43	318,72	465,70	607,68	724,17	934,66	991,88
— **li minnhom SoEs**	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

([17]) Informatica Feroviara tappartjeni 100 % għal CFR Infrastructură u tipprovdi servizzi tal-IT u softwer ferrovjarji.

F'miljuni ta' RON	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018
— **li minnhom CFR Infrastructură**	412,68	582,77	716,30	213,47	348,65	505,26	623,54	826,09	860,93
% ta' CFR Infrastructură mit-total tal-ammonti pagabbli kummerċjali	73,35	80,19	83,06	66,98	74,86	83,15	86,10	88,38	86,80

Sors: Is-sottomissjoni mir-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39 u l-kalkoli tal-Kummissjoni stess ([1]).

([1]) Hemm differenzi żgħar bejn l-aħħar ċifri pprovduti fit-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019 (il-paġna 39) dwar id-dejn b'terminu qasir u l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă (kemm ġenerali kif ukoll maqsumin skont il-kategorija) meta mqabbla maċ-ċifri preċedenti pprovduti mir-Rumanija jew li jinsabu f'diversi rapporti finanzjarji annwali fuq is-sit web tal-kumpanija, li jispjega d-differenza bejn xi wħud miċ-ċifri fit-Tabella 6 meta mqabbla mat-Tabella 5. Madankollu, dawn id-differenzi mhumiex materjali għall-valutazzjoni tal-għajnuna mogħtija, u għalhekk il-Kummissjoni se tiddependi fuq l-aħħar data disponibbli għaliha biex tivvaluta d-djun ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat u lejn CFR Infrastructură skont l-aħħar data sottomessa mir-Rumanija fit-Tweġiba tagħha tas-27 ta' Ġunju 2019.

(24) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, għad-djun arretrati lejn CFR Infrastructură, CFR Marfă kellha tħallas mgħax u penali (ara t-Tabella 7 hawn taħt).

Tabella 7

Stampa ġenerali tal-obbligazzjonijiet arretrati (inklużi r-rata tal-imgħax u l-penali) dovuti minn CFR Marfă lil CFR Infrastructură

Miljuni ta' RON	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018
Ammont arretrat, li minnu	347	515,66	663,96	182,6	314,28	460,57	557,57	777,33	950,08
Rata tal-imgħax u penali (kuljum) għall-% tal-ħlas tard	0,05	0,05	0,05	0,05	0,06	0,05	0,05	0,03	0,03
Imgħax u penali fatturati fl-istess sena	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
% tat-total tad-dejn irrappreżentat minn CFR Infrastructură	30,57	28,08	34,44	34,15	27,65	62,24	61,78	76,57	73,23

Sors: It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punti 36 u 39.

(25) Id-djun ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat li jikkonsisti minn ammonti pagabbli tat-taxxa pendenti u pagamenti pendenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali (sigurtà soċjali, kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontribuzzjoni għall-fond tal-qgħad u għall-fond speċjali) żiedu aktar mid-doppju, minn RON 376,21 miljun (madwar EUR 82 miljun) fl-2010 għal RON 838,47 miljun (madwar EUR 183 miljun) fl-2012 (ara t-Tabella 8 hawn taħt).

(26) Fl-istess ħin, il-krediti bankarji privati pendenti ta' CFR Marfă naqsu minn RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) fl-2010 għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) fl-2012 (ara wkoll il-Premessa 191 hawn taħt li tispjega li CFR Marfă pprijoritizzat il-ħlas lura tal-krediti bankarji privati, tas-salarji u tal-forniturи mhux pubbliċi filwaqt li pposponiet il-ħlasijiet lejn il-baġit tal-Istat).

(27) Skont l-awtoritajiet Rumeni, mit-tieni parti tal-2013 'il quddiem, CFR Marfă ma kellhiex aktar djun arretrati dovuti lill-baġit tal-Istat (ara t-Tabella 8 hawn taħt).

Tabella 8

Stampa ġenerali tad-djun arretrati ta' CFR Marfã (inklużi l-imgħax u l-penali) lejn il-baġit tal-Istat mill-2008 (inklużi l-ANAF, is-CNPP, l-ANOFM u s-CNAS (kontribuzzjoni soċjali))

F'miljuni ta' RON	2008	2009	2010	2011	2012 (*)	Ġunju 2013 (**)	Wara Ġunju 2013	2014	2015	2016 (***)	2017 (****)	2018
Kapital	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Imgħax fuq il-ħlas tard	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Penali għall-ħlas tard	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
TOTAL tad-djun arretrati lejn il-baġit tal-Istat	**130,2**	**309,41**	**376,21**	**627,4**	**838,47**	**1 001,2**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**19,9**

(*) Iċ-ċifri ta' CFR Marfã għall-2012 jinkludu dejn addizzjonali li fit-28 ta' Ġunju 2012 ittieħed minn CFR Marfã permezz ta' fużjonijiet ma' SC Intreținere și Reparații Vagoane SA (RON […] miljun) u ma' SC de Transport Maritim de Coastă Ferry Boat SA (RON […] miljun). Ara t-Tweġiba tar-Rumanija għall-Mistoqsija 16 u 19 tat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2019, sottomessa fis-27 ta' Ġunju 2019.

(**) Dejn arretrat dovut lill-baġit tal-Istat minn CFR Marfã li tħassar kompletament f'Lulju 2013 wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. Din iċ-ċifra ma tinkludix l-obbligazzjonijiet f'ammont ta' RON 668 miljun minn CFR Infrastructură, li ttieħdu minn CFR Marfã skont l-Ordinanzi ta' Emerġenza tal-Gvern 32/13 u 61/13 – ara l-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(***) L-imgħax u l-penali għall-ħlas tard flimkien jikkostitwixxu RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) f'Ġunju 2013 - ara l-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(****) Għas-snin 2016 u 2017 ara l-Premessi 89-90 hawn taħt.

Sors: It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punti 18, 19 u 21; Ukoll l-Anness 4 tal-kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ sottomessi fl-20 ta' Frar 2018 ("il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ").

2.3. **L-istorja tat-tentattivi ta' privatizzazzjoni li ma rnexxewx ta' CFR Marfã u l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fl-2013**

(28) CFR Marfã tinsab fil-lista tal-SoEs immonitorjati mill-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") u mill-Bank Dinji ([18]), u kienet koperta wkoll mill-UE fit-tieni u t-tielet programmi ta' assistenza finanzjarja għall-Bilanċ tal-Pagamenti ([19]). Fl-2010, il-krediturі internazzjonali rrakkomandaw li r-Rumanija tipprivatizza l-ishma maġġoritarji f'bosta SoEs, inkluża CFR Marfã, sabiex jitnaqqsu l-ħlasijiet u l-arretrati pendenti li jaffettwaw b'mod negattiv il-baġit tal-Istat tar-Rumanija.

(29) Skont informazzjoni disponibbli pubblikament, ir-Rumanija kienet ilha mill-inqas mill-2007 bil-ħsieb li tipprivatizza lil CFR Marfã ([20]). F'Ittra ta' Intenzjoni datata s-16 ta' Ġunju 2010, ir-Rumanija ddikjarat li hija għadha impenjata għall-privatizzazzjoni ta' CFR Marfã fl-2011 ([21]).

(30) Fid-dawl tal-impenji magħmula mir-Rumanija permezz tal-Ittra ta' Intenzjoni u tal-Memorandum ta' Qbil Tekniku ffirmat mal-FMI u fl-istess ħin mal-UE ([22]), ir-Rumanija approvat l-istrateġija ta' privatizzazzjoni għal sehem maġġoritarju (51 %) f'CFR Marfã permezz tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 46 tal-13 ta' Frar 2013.

([18]) Ara pereżempju l-FMI/ir-Rumanija: Ittra ta' Intenzjoni, u Memorandum ta' Qbil Tekniku tal-5 ta' Frar 2010; FMI/ir-Rumanija: Ittra ta' Intenzjoni, u Memorandum ta' Qbil Tekniku tas-16 ta' Ġunju 2010 u oħrajn aċċessibbli fil-link li ġejja: http://www.imf.org/external/country/rou/index.htm?type=9998#23, aċċessat fil-31 ta' Marzu 2016.

([19]) Ara pereżempju d-Dokument Istituzzjonali 312 ta' Novembru 2015 intitolat "*Balance of Payments Assistance Programme: Romania, 2013-2015*", disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/ip012_en_2.pdf, il-paġni 3, 28 u 30. Għall-programmi preċedenti, ara wkoll: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/ip012_en_2.pdf

([20]) Ara pereżempju l-artikoli tal-istampa aċċessibbli fil-links li ġejjin: http://english.banknews.ro/article/2370_ministry_of_transport_wants_1_billion_euros_from_cfr_marfa_privatisation.html, l-Artikolu tat-13 ta' Diċembru 2016, https://www.railwaygazette.com/news/freight-for-sale/32838.article, l-Artikolu tal-31 ta' Marzu 2008, aċċessati fis-17 ta' Marzu 2016.

([21]) L-FMI, 2010, ir-Rumanija—*Staff Report for the 2010 Article IV Consultation, Fourth Review Under the Stand-By Arrangement, and Requests for Modification and Waiver of Non-observance of Performance Criteria—Staff Report; Staff Supplement; Public Information Notice and Press Release on the Executive Board Discussion; Statement by the Executive Director for Romania.* Ir-Rapport tal-FMI għall-Pajjiż Nru. 10/227, Lulju 2010, il-paġna 97.

([22]) Ara l-Anness 4 tad-Dokument Istituzzjonali 312 ta' Novembru 2015 intitolat "*Balance of Payments Assistance Programme: Romania, 2013-2015*", disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/ip012_en_2.pdf, b'mod partikolari l-Paġni 57, 69, 71, 81.

(31) Skont informazzjoni disponibbli pubblikament, fil-5 ta' April 2013, il-Ministeru tat-Trasport Rumen ippubblika avviż dwar il-bejgħ tas-sehem ta' 51 % f'CFR Marfă bi prezz inizjali ta' RON 797 miljun (madwar EUR 173 miljun) ([23]). Sat-8 ta' Mejju 2013, ir-Rumanija rċeviet tliet offerti għall-ishma ta' CFR Marfă minn OmniTRAX Inc. ibbażata fl-Istati Uniti, minn GFR u minn konsorzju ta' Transferoviar Grup u Donau-Finanz ([24]). Fil-15 ta' Mejju 2013, ir-Rumanija ħabbret li t-tliet applikazzjonijiet kollha ġew rifjutati u li kienet se terġa' tagħti bidu għall-proċess ta' privatizzazzjoni ([25]).

(32) Fis-17 ta' Mejju 2013, ir-Rumanija ppubblikat notifika dwar il-bejgħ tal-ishma ta' CFR Marfă fil-midja internazzjonali, nazzjonali u lokali, kif ukoll fuq is-siti web tal-Ministeru tat-Trasport u ta' CFR Marfă. L-investituri potenzjali ġew mistiedna jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist tas-sehem maġġoritarju (51 %) f'CFR Marfă sat-23 ta' Mejju 2013.

(33) Fit-23 ta' Mejju 2013, l-espressjonijiet ta' interess sottomessi li kienu jinkludu dokumenti ta' prekwalifikazzjoni kienu ġew ivvalutati u ġiet stabbilita lista qasira ta' offerenti prekwalifikati. L-offerenti fil-lista qasira, il-konsorzju Transferoviar Grup u Donau-Finanz, GFR u OmniTRAX Inc., ġew innotifikati permezz ta' ittra datata t-23 ta' Mejju 2013.

(34) Bejn l-24 ta' Mejju 2013 u l-20 ta' Ġunju 2013, l-offerenti prekwalifikati rċevew aċċess għall-kamra għall-ħażna tad-*data* li ppermettitilhom li jwettqu d-diliġenza dovuta. L-offerenti prekwalifikati ġew mistiedna wkoll jissottomettu offerti preliminari mhux vinkolanti sal-5 ta' Ġunju 2013 u offerti vinkolanti sal-20 ta' Ġunju 2013. Skont informazzjoni disponibbli pubblikament, wara li l-offerenti prekwalifikati rtiraw mit-tranżazzjoni, GFR baqgħet l-uniku offerent sal-iskadenza tal-20 ta' Ġunju 2013, u offriet madwar EUR 202 miljun għas-sehem ta' 51 % u weġħdet investimenti ulterjuri li jammontaw għal madwar EUR 201,4 miljun ([26]).

(35) Sadanittant, fit-12 ta' Ġunju 2013 ir-Rumanija kkonvertiet f'ekwità RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun) fi djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură u lejn il-bażit tal-Istat (fl-għamla tal-ammonti pagabbli tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa) ([27]).

(36) Ir-Rumanija pprevediet l-approvazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet prinċipali tal-ftehim dwar il-bejgħ u x-xiri tal-ishma bejn il-25 ta' Ġunju 2013 u l-1 ta' Awwissu 2013, biex b'hekk kellha l-għan li t-tranżazzjoni ssir f'Ottubru 2013. Madankollu, GFR ma ħallsitx il-prezz tax-xiri qabel l-iskadenza stabbilita, u l-privatizzazzjoni ma rnexxitx.

(37) Żewġ offerenti oħra – OmniTRAX u l-konsorzju ta' Transferoviar Group u Donau-Finanz –, li kienu esprimew l-interess tagħhom li jixtru lil CFR Marfă fl-2013, minbarra GFR, irtiraw mill-offerta. Sussegwentement, kif ġie rifless f'diversi stqarrijiet għall-istampa tal-Gvern, kienu previsti pjanijiet oħra ta' privatizzazzjoni iżda l-ebda wieħed minnhom ma ġie implimentat fl-aħħar mill-aħħar (pereżempju, fl-2015 tħabbret privatizzazzjoni permezz tal-IPO iżda l-proġett ġie abbandunat) ([28]).

2.4. **Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx**

(38) Fl-2013, id-dejn totali ta' CFR Marfă naqas b'mod sinifikanti bis-saħħa tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, iżda mbagħad reġa' żdied immedjatament wara. Wara li l-privatizzazzjoni ta' CFR Marfă ma rnexxitx, id-dejn totali baqa' jiżdied b'mod kostanti: b'9 % fl-2014 u fl-2015, meta laħaq RON 788,25 miljun (madwar EUR 171 miljun), u b'10 % fl-2016, meta laħaq RON 868,13 miljun (madwar EUR 189 miljun, ara t-Tabella 4 hawn fuq). Id-dejn globali kompla jiżdied b'mod stabbli fis-snin sussegwenti u laħaq RON 1 214,66 miljun (madwar EUR 264 miljun) fl-2018, li jikkorrispondi għal żieda ta' 20 % meta mqabbel ma' dejn ta' RON 1 013,13 miljun (madwar EUR 220 miljun) fl-2017 ([29]).

([23]) http://www.railwaygazette.com/news/freight/single-view/view/cfr-marfa-privatisation-bids-invited.html; u http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/CFRMarfa/enANUNT.pdf, aċċessati fis-17 ta' Marzu 2016.

([24]) http://www.railwaygazette.com/news/freight/single-view/view/cfr-marfa-privatisation-bids-in.html, aċċessat fis-17 ta' Marzu 2016.

([25]) http://www.railwaygazette.com/news/policy/single-view/view/all-cfr-marfa-privatisation-bids-rejected.html, aċċessat fis-17 ta' Marzu 2016.

([26]) http://www.railwaygazette.com/news/freight/single-view/view/news-in-brief-74.html, aċċessat fis-17 ta' Marzu 2016.

([27]) Id-Digriet ta' Urġenza Nru 32/2013 tat-23 ta' April 2013, il-Gazzetta Uffiċjali Rumena, il-Parti I Nru 245, id-29 ta' April 2013; u d-Digriet ta' Urġenza Nru 61/2013 tat-12 ta' Ġunju 2013. Il-miżura ta' konverżjoni ġiet implimentata għall-ammont ta' RON 1 669 miljun, li jinkludi: (i) id-djun ta' CFR Infrastructură lejn l-ANAF, fl-ammont ta' RON 527,2 miljun, li ttieħdu minn CFR Marfă skont id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 32/2013; (ii) l-ammont ta' RON 140,78 miljun, li jirrappreżenta dejn ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură; (iii) l-ammont ta' RON 1 001,2 miljun, li jirrappreżenta dejn ta' CFR Marfă lejn l-ANAF.

([28]) http://www.ziare.com/dan-coman-sova/ministrul-transporturilor/sova-privatizarea-cfr-marfa-va-fi-reluata-in-acest-an-1289691, l-artikolu ppubblikat fl-24 ta' Marzu 2014.

([29]) Ara r-Rapport tal-Indikaturi Finanzjarji skont il-Karta tal-Bilanċ tal-kumpanija ppubblikat fuq is-sit web ta' CFR Marfă fl-indirizzi li ġejjin: http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/financiar/indicatori%20financiari/Indicatori%20financiari%20conform%20bilantului%20depus%20pe%20anul%202018.pdf (għas-sena 2018);
http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/financiar/indicatori%20financiari/indicatori%20financiari%20conform%20bilantului%20depus%20pe%20anul%20%202017.pdf (għas-sena 2017).

(39) Barra minn hekk, wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx, l-obbligazzjonijiet kurrenti ta' CFR Marfă komplew jiżdiedu bi 32 %, 21 % u 19 % fl-2014, fl-2015 u fl-2016 rispettivament, li jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira mid-djun (92 % fl-2015 u 99,7 % fl-2016, ara t-Tabella 5 hawn fuq), filwaqt li l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă żdiedu b'mod kostanti minn RON 251,34 miljun (madwar EUR 55 miljun) fl-2013 għal RON 731,54 miljun (madwar EUR 159 miljun) fl-2016, għal darb'oħra bil-maġġoranza (90 % fl-2016) ta' dawn l-ammonti pagabbli kummerċjali jkunu attribwibbli lill-SOEs. B'mod partikolari, l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă lil CFR Infrastructură kważi ttriplikaw minn RON 213,47 miljun (madwar EUR 46 miljun) fl-2013 għal RON 623,5 miljun (madwar EUR 135,5 miljun) fl-2016 (ara t-Tabelli 5 u 6 hawn fuq).

(40) Wara ftit titjib fl-2014 (telf operatorju ta' RON 27,16 miljun (madwar EUR 6 miljun) fl-2014 meta mqabbel ma' telf ta' RON 262,92 miljun (madwar EUR 57 miljun) fl-2013), is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă kompliet tiddeterjora. Telf ta' RON 159,19 miljun (madwar EUR 35 miljun) u ta' RON 154,78 miljun (madwar EUR 34 miljun) ġie irreġistrat fl-2015 u fl-2016 rispettivament. L-ekwità tal-azzjonisti ta' CFR Marfă reġgħet naqset b'47 %, jiġifieri minn RON 566,2 miljun (madwar EUR 123 miljun) fl-2013 għal RON 302 miljun (madwar EUR 66 miljun) fl-2016 (ara t-Tabella 4 hawn fuq).

(41) Id-diffikultajiet finanzjarji ta' CFR Marfă jridu jitqiesu f'kuntest usa' ta' fatturi ta' influwenza, minbarra żieda fil-kompetizzjoni minn trasportaturi privati (nazzjonali u barranin) tal-merkanzija bil-ferrovija u minn mezzi oħra ta' trasport. Skont ir-rapporti disponibbli pubblikament, dawn il-fatturi addizzjonali jinkludu b'mod partikolari ġestjoni skorretta, nuqqas ta' trasparenza u ta' akkontabbiltà, spejjeż enormi, xogħol b'lura sinifikanti minn kuntratti ma' SoEs oħra (li xi whud minnhom jinsabu f'diffikultà huma wkoll), materjal skadut fuq ir-roti, maniġers li jitilqu mill-kumpanija u li jmorru jaħdmu ma' kompetituri diretti, kif ukoll korruzzjoni li allegatament lill-kumpanija tiswilha ammonti sinifikanti ta' riżorsi finanzjarji (miljuni ta' euro) jew kuntratti importanti ma' klijenti, kif irrappurtat mill-istampa ([30]) ([31]) u f'diversi komunikazzjonijiet uffiċjali għall-aġenziji Statali rilevanti ([32]).

2.5. **Kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali**

(42) Fit-18 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni tat bidu għal proċedimenti formali rigward il-ħames miżuri ta' appoġġ:

Miżura 1: In-nuqqas ta' infurzar tad-djun dejjem jiżdiedu b'mod kostanti lejn l-Istat (djun tas-sigurtà soċjali u taxxi pendenti) minn mill-inqas l-2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (il-*Miżura 3* hawn taħt), li kkonvertiet id-djun arretrati kollha ta' CFR Marfă lejn l-Istat f'ekwità ta' CFR Marfă;

Miżura 2: In-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă dejjem jiżdiedu b'mod kostanti lejn CFR Infrastructură minn mill-inqas l-2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (il-*Miżura 3* hawn taħt), li kkonvertiet 85 % mid-djun arretrati ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură f'ekwità ta' CFR Marfă;

Miżura 3: Konverżjoni ta' dejn f'ekwità li jammonta għal RON 1,669 miljun (madwar EUR 363 miljun) fl-2013;

Miżura 4: In-nuqqas ta' infurzar kontinwu tad-djun dovuti lill-Istat (djun tas-sigurtà soċjali u taxxi pendenti) wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013;

Miżura 5: In-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură li baqgħu jiżdiedu b'mod kostanti wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013.

(43) Fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-konklużjoni preliminari tal-Kummissjoni kienet li l-miżuri deskritti hawn fuq kienu jinkludu riżorsi tal-Istat u kienu imputabbli għall-Istat. Barra minn hekk, minħabba l-probabbiltà baxxa li kwalunkwe operatur privat razzjonali kien jipprovdi tali miżuri lil CFR Marfă, il-Kummissjoni adottat il-fehma preliminari li l-miżuri taw lil CFR Marfă vantaġġ mhux dovut; dan il-vantaġġ ikun selettiv, billi CFR Marfă kienet l-unika benefiċjarju tiegħu.

([30]) https://www.romaniajournal.ro/society-people/law-crime/the-fight-against-corruption-still-on-searches-at-cfr-calatori-and-cfr-marfa/, l-Artikolu tat-28 ta' Ottubru 2014, https://www.romania-insider.com/another-romanian-businessman-targeted-in-corruption-case,l-Artikolu tat-30 ta' Ottubru 2014;
http://www.business-review.eu/news/former-cfr-marfa-director-mihut-craciun-investigated-in-eur-6-million-fraud-case-137031, l-Artikolu tat-3 ta' Mejju 2017, http://www.capital.ro/diicot-cfr-marfa-urma-sa-vanda-un-nou-lot-de-vagoane.html, l-Artikolu tal-4 ta' Mejju 2017.

([31]) http://www.capital.ro/examen-pentru-guvern-faliment-sau-privatizare-pentru-cfr-marfa.html, l-Artikolu tat-3 ta' Frar 2017.

([32]) https://www.diicot.ro/index.php/arhiva/1910-comunicat-de-presa2-19-10-2016, stqarrija għall-istampa tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni datata d-19 ta' Ottubru 2016, li tikkonerna għadd ta' eks eżekuttivi ta' CFR Marfă, http://www.pna.ro/comunicat.xhtml?id=6788, stqarrija għall-istampa tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni datata t-2 ta' Novembru 2015, li tikkonċerna eks Maniġer Ġenerali tal-Fergħa reġjonali ta' Galati ta' CFR Marfă, http://www.pna.ro/comunicat.xhtml?id=8485, stqarrija għall-istampa tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni datata l-10 ta' Novembru 2017, li tikkonċerna eks Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tat-Trasport.

(44) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-miżuri aktarx jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri billi CFR Marfà kienet f'kompetizzjoni ma' trasportaturi oħra tal-merkanzija bil-ferrovija minn Stati Membri oħra. Il-miżuri ppermettew li CFR Marfà tkompli topera sabiex hija ma kellhiex għalfejn tiffaċċa, bħal kompetituri oħra, il-konsegwenzi li normalment jirriżultaw mir-riżultati finanzjarji ħżiena tagħha.

(45) Abbażi ta' dawn ta' hawn fuq, il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li kien jidher li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(46) Il-Kummissjoni esprimiet ukoll xi dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri, b'mod partikolari billi l-awtoritajiet Rumeni ma pprovdewx raġunijiet possibbli għall-kompatibbiltà. Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li CFR Marfà setgħet titqies bħala impriża f'diffikultà skont it-tifsira tal-Linji Gwida tal-2004 u tal-2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ("il-Linji Gwida R&R") ([33]), fost l-oħrajn minħabba l-fatt li l-kumpanija kienet qed tissodisfa l-kundizzjonijiet biex titqiegħed taħt insolvenza minn mill-inqas l-2010.

(47) Madankollu, il-kriterji għal għajnuna kompatibbli għas-salvataġġ u r-ristrutturar stabbiliti fil-Linji Gwida R&R ma ġewx rispettati mill-ebda waħda mill-miżuri. B'mod partikolari, fin-nuqqas ta' pjan ta' ristrutturar innotifikat (l-awtoritajiet Rumeni ma ddikjarawx l-eliġibbiltà tal-miżuri bħala għajnuna għar-ristrutturar), il-Kummissjoni la setgħet tivvaluta l-komponenti meħtieġa tar-ristrutturar, inklużi l-miżuri ta' investiment u ta' modernizzazzjoni, u lanqas ma setgħet tevalwa jekk dawn il-miżuri jkunux kapaċi jirrestawraw il-vijabilità fit-tul tal-kumpanija, u jinżammu f'minimu, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet mhux dovuti fil-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, ma kienx hemm miżuri ta' kumpens sinifikanti proposti mill-awtoritajiet Rumeni.

(48) Barra minn hekk, billi l-miżuri ngħataw bi ksur tal-obbligi ta' notifika u moratorju stabbiliti fl-Artikolu 108(3) TFUE, il-Kummissjoni osservat li kien jidher li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali. Fin-nuqqas ta' notifika dwar il-pjan ta' ristrutturar, u minħabba li l-imġiba tal-krediturі pubbliċi ma kinitx tikkonforma mal-prinċipju tal-*operatur privat f'ekonomija tas-suq* ("MEO"), filwaqt li ma ġewx issodisfati r-rekwiżiti tal-Linji Gwida applikabbli għall-Għajnuna għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004 u l-2014, dawn il-ħames miżuri ma setgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli mas-suq intern.

3. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ

3.1. Osservazzjonijiet minn partijiet interessati

(49) L-ilmentatur issottometta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ qabel l-iskadenza legali, u qabel mas-sejbiet tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ. B'mod partikolari, l-ilmentatur ipprovda aktar kummenti dwar żewġ aspetti msemmija fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, jiġifieri dwar l-argument tar-Rumanija li CFR Marfà hija kumpanija ta' "importanza strateġika", u dwar l-affermazzjonijiet tar-Rumanija li CFR Infrastructură ma ħelsitx lil CFR Marfà mid-dejn tagħha u li fil-fatt ħadet passi sodi lejn l-infurzar tal-pretensjonijiet tagħha fuq CFR Marfà bejn l-2013 u l-2017.

(50) L-ewwel nett, l-ilmentatur isostni li, għall-kuntrarju tal-affermazzjoni tar-Rumanija, CFR Marfà mhijiex "ta' importanza strateġika" għas-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija.

(51) L-ilmentatur, li jirrappreżenta assoċjazzjoni ta' operaturi tal-merkanzija bil-ferrovija, iqis li huwa skorrett li jingħad li CFR Marfà hija l-unika operatur li għandu r-riżorsi u l-kapaċità organizzazzjonali biex jaġixxi f'każ ta' kriżijiet, u jagħti l-eżempju ta' mill-inqas 10 trasportaturi li jittrasportaw firxa wiesgħa ta' merkanzija ([34]), u li għalhekk huma komparabbli ma' CFR Marfà f'termini ta' riżorsi.

(52) Rigward it-trasport ta' merkanzija militari, l-ilmentatur isostni li kwalunkwe operatur privat jista' japplika għall-ħruġ ta' awtorizzazzjon speċjali bħal dik miżmuma minn CFR Marfà. In-nuqqas ta' interess għall-applikazzjoni ta' tali awtorizzazzjoni, fil-fehma tal-ilmentatur, huwa dovut għad-domanda limitata għal dawn is-servizzi tat-trasport.

(53) It-tieni nett, l-ilmentatur iqis li l-ebda waħda mill-pretensjonijiet ippreżentati mir-Rumanija, li skonthom id-djun ta' CFR Marfà ġew infurzati mill-Istat, ma hija vera.

([33]) Il-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristruttura ta' kumpaniji f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2), ("il-Linji Gwida R&R tal-2004"); il-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1) ("il-Linji Gwida R&R tal-2014").

([34]) Ara t-Tabella 7 fis-Sottomissjoni ta' OPSFPR tas-6 ta' Lulju 2018.

(54) *Minn naħa waħda*, filwaqt li l-ilmentatur jirrikonoxxi li CFR Infrastructură tat bidu għal ċerti proċeduri biex tirkupra porzjon mid-dejn ta' CFR Marfă relatat mat-taxxa għall-użu tal-infrastruttura ("IUT"), huwa josserva li ġiet infurzata parti biss mill-ammont totali tad-dejn. Speċifikament, filwaqt li CFR Infrastructură kellha titoli infurzabbli (mandati ta' sekwestru, jiġifieri ordnijiet li jeħtieġu li partijiet terzi li għandhom jagħtu flus lil CFR Marfă jittrasferixxu l-ħlasijiet tad-dejn tagħhom lil CFR Infrastructură) f'ammont ta' RON […] (madwar EUR […] miljun), ġew infurzati biss RON […] (madwar EUR […] miljun) ([35]) (mid-djun arretrati totali li jammontaw għal mhux inqas minn RON […] (madwar EUR […] miljun)).

(55) L-ilmentatur isostni wkoll li mis-sottomissjoni tal-Ilment lill-Kummissjoni f'Marzu 2017, l-ammont tad-dejn mit-taxxi għall-użu tal-infrastruttura dovuti minn CFR Marfă lil CFR Infrastructură kompla jiżdied b'mod kostanti, iżda CFR Marfă kompliet tuża n-network tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija CFR Infrastructură.

(56) L-ilmentatur jikkwota żewġ dokumenti li jappoġġaw din il-fehma:

(a) In-Nota tal-Bord tad-Diretturi ta' CFR Marfă maħruġa fit-23 ta' Marzu 2018 li tiddikjara li d-dejn IUT ta' CFR Marfă lil CFR Infrastructură kien ta' RON […] (madwar EUR […] miljun), li jikkonsisti minn RON […] (madwar EUR […] miljun) f'dejn prinċipali u RON […] (madwar EUR […] miljun) fl-għamla ta' penali ([36]).

(B) Ittra indirizzata lil CFR Marfă mid-Diviżjoni Legali ta' CFR Infrastructură fis-26 ta' Marzu 2018 li fiha CFR Infrastructură stmat li d-dejn ta' CFR Marfă lil CFR Infrastructură kien ta' RON […] (madwar EUR […] miljun), li minnu ammont ta' RON […] (madwar EUR […] miljun) kien arretrat ([37]).

(57) Għalhekk, l-ilmentatur iqis li minkejja n-nuqqas ta' ħlas u l-akkumulazzjoni tad-dejn IUT kontinwi, CFR Marfă kompliet tuża l-infrastruttura tal-binarji għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mmaniġġjata minn CFR Infrastructură mingħajr xkiel, u għalhekk ibbenefikat minn aktar għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-ilmentatur jispjega li CFR Infrastructură ikkonfermat espressament li CFR Marfă għandha tkun tista' twettaq l-attivitajiet kummerċjali tagħha u li ma kinitx se tieħu miżuri li jwasslu għall-imblukkar tal-attivitajiet ta' CFR Marfă ([38]). Speċifikament, f'ittra lil CFR Marfă, CFR Infrastructură tispjega li fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, aħna nuru li matul dawn il-proċeduri CNCF "CFR" SA qieset is-sitwazzjoni tad-debitur u pproċediet biex tirkupra d-djun pendenti f'qafas legali, mingħajr ma mblokkat l-attività kummerċjali ta' SNTFM "CFR Marfă" SA.

(58) *Min-naħa l-oħra*, l-ilmentatur jisħaq li d-dikjarazzjoni tar-Rumanija kkwotata fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ li, mill-2017, CFR Marfă ma kellhiex aktar dejn fil-konfront tal-baġit tal-Istat hija kemm qarrieqa kif ukoll skorretta. L-ilmentatur josserva li CFR Marfă għadha topera fis-suq u, għalhekk, qed tkompli takkumula d-djun lejn il-baġit tal-Istat b'mod kostanti.

(59) L-ilmentatur isemmi wkoll nota minn CFR Marfă fejn il-kumpanija tirrikonoxxi li "mhijiex kapaċi tħallas id-djun attwali lill-impjegati, lill-baġit tal-Istat u lill-fornituri, u b'mod speċjali ma tistax tipparteċipa, fid-29 ta' Marzu 2018, f'żewġ offerti prinċipali għat-trasport biex jinkiseb l-introjtu meħtieġ għall-attività tal-kumpanija. Iż-żewġ offerti huma [Oltenia Power Complex] u [SALROM Salt National Company]." ([39])

(60) Fl-aħħar nett, l-ilmentatur itenni l-fehmiet tiegħu li huma diġà ppreżentati fl-*Addendum* tal-Ilment datat it-12 ta' Settembru 2017 dwar l-effetti negattivi tal-għajnuna, jiġifieri li (i) l-għajnuna kellha effetti distorsivi serji fuq il-kompetizzjoni fis-suq Rumen liberalizzat tal-merkanzija bil-ferrovija billi ffavorixxiet lil CFR Marfă aktar mill-kompetituri tagħha; (ii) l-għajnuna wasslet għal deterjorament serju tal-istat tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Rumanija, u li (iii) dawn id-distorsjonijiet huma aggravati mill-ksur tad-dritt tal-akkwist pubbliku mill-Istat Rumen b'relazzjoni mal-għoti diskriminatorju ta' kuntratti tas-settur pubbliku tal-merkanzija bil-ferrovija lil CFR Marfă. Fir-rigward ta' dawn il-punti tal-aħħar, l-ilmentatur jirrikonoxxi li dawn il-kwistjonijiet ma jaqgħux taħt il-kompetenza ta' valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat mill-Kummissjoni.

([35]) In-Noti tal-Bord tad-Diretturi ta' CFR Marfă Nru 90 datati mit-23 ta' Marzu 2018, mehmuża man-Nota Nru 29 datata t-23 ta' Marzu 2018, Nru 16 tas-26 ta' Marzu 2018 – l-Anness 3 u l-Anness 6 tal-kummenti mill-ilmentatur. Skont dawk in-noti, id-dejn globali ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură kien ta' RON […] (madwar EUR […] miljun), li minnu kien hemm djun arretrati fl-ammont ta' RON […] (madwar EUR […] miljun).

([36]) In-Nota tal-Bord tad-Diretturi ta' CFR Marfă Nru 90 datata t-23 Marzu 2018, mehmuża man-Nota Nru 29 datata t-23 ta' Marzu 2018 (ara l-Anness 3 tal-Kummenti mill-Ilmentatur).

([37]) Ara t-test enfasizzat fl-Anness 5 tal-*Addendum* tal-Ilment li ppreżenta Ittra mibgħuta minn CFR Infrastructură lil CFR Marfă fis-26.3.2018.

([38]) Il-paragrafi 17-19 tal-Kummenti mill-Ilmentatur u l-Anness 5 li jinkludi l-Ittra lil CFR Marfă mid-diviżjoni legali ta' CFR Infrastructură datata s-26 ta' Marzu 2018.

([39]) L-Anness 7 tal-Kummenti mill-ilmentatur dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ: "Nota dwar id-djun ta' CFR Marfă lejn CNCFR SA" Annessa mad-Dokument datat it-23.3.2018 ta' CFR Marfă approvat mill-maniġment ta' CFR Marfă.

(61) Fl-aħħar nett, fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, l-ilmentatur jenfasizza li d-durata tad-diversi miżuri ta' għajnuna kienet konsiderevolment itwal u li l-għajnuna għandha effett distorsiv partikolari fuq l-operaturi privati tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija. Għalhekk, huwa jitlob li l-Kummissjoni tordna sospensjoni talgħoti ta' għajnuna mill-Istat lil CFR Marfă fl-għamla tan-nuqqas ta' ħlas lura tat-taxxa għall-użu tal-infrastruttura u tad-djun akkumulati lejn il-baġit tal-Istat (jiġifieri l-*Miżuri 4 u 5*).

3.2. **Kummenti mir-Rumanija**

(62) Ir-Rumanija tqis li l-ebda waħda mill-miżuri ddefiniti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tirrappreżenta għajnuna mill-Istat inkompatibbli, u tressaq għadd ta' raġunijiet. L-ewwel nett, bħala kumment ġenerali, ir-Rumanija tipprovdi argumenti li l-attivitajiet imwettqa minn CFR Marfă huma ta' interess strateġiku għall-Istat. It-tieni nett, il-kummenti tar-Rumanija dwar kull waħda mill-miżuri soġġetti għad-Deċiżjoni ta' Ftuħ kif mogħtija fil-qosor hawn taħt fis-Sottotaqsimiet 3.2.3 sa 3.2.5.

3.2.1. *Il-kummenti tar-Rumanija dwar l-importanza strateġika ta' CFR Marfă u l-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE*

(63) Ir-Rumanija ssostni li CFR Marfă hija kumpanija kummerċjali ta' interess strateġiku għall-Istat li, minbarra li tikkompeti fuq suq tal-merkanzija bil-ferrovija ma' operaturi privati tal-merkanzija bil-ferrovija, twettaq ukoll attivitajiet relatati mal-ħtiġijiet ta' difiża tal-pajjiż u mas-sħubija tiegħu fin-NATO, kif ukoll tinvolvi lilha nfisha fit-trasport ta' materjali strateġiċi f'setturi ta' importanza kbira għall-ekonomija, għas-settur tal-enerġija u għassetturi soċjali tal-pajjiż.

(64) Ir-Rumanija targumenta li CFR Marfă għandha l-obbligi li ġejjin relatati mal-ħtiġijiet ta' difiża tal-pajjiż ([40]):

(i) Li tipparteċipa, flimkien ma' partijiet ikkonċernati responsabbli oħra, fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' mobilizzazzjoni;

(ii) Li tiżgura r-riżervi u l-kapaċitajiet meħtieġa (materjal fuq ir-roti, laneċ, persunal, eċċ.) biex jitwettqu l-kompiti ta' mobilizzazzjoni. Għalkemm dawn ir-riżervi jistgħu jintużaw fl-attività kummerċjali tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ta' CFR Marfă, CFR Marfă hija obbligata tistabbilixxi dawn ir-riżervi f'diversi punti fuq innetwork ferrovjarju nazzjonali, u l-awtoritajiet ma joffrux kumpens għal dan. Barra minn hekk, fejn dawn ir-riżervi ma jkunux għadhom meħtieġa għal finijiet kummerċjali minħabba li d-domanda għat-trasport ma tkunx għadha teżisti, dawn ir-riżorsi ma jistgħux jintremew u għandhom jinżammu operazzjonali bi spiża ta' CFR Marfă, li tkopri l-ispejjeż relatati mid-dħul miksub minn fornimenti oħra ta' servizzi. L-istima tal-ispejjeż relatati mal-istabbiliment u ż-żamma ta' dawn ir-riżervi ġiet ipprovduta mir-Rumanija tard ħafna matul il-proċedimenti ([41]) minħabba l-fatt li l-awtoritajiet pubbliċi ma ħejjewx metodoloġiji ta' kalkolu f'dan ir-rigward, u minħabba li din l-informazzjoni tkun ikklassifikata bħala sigriet tal-Istat ([42]). Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, l-ispejjeż totali stmati biż-żamma ta' riżervi għall-finijiet ta' difiża jammontaw għal RON […] miljun (EUR […] miljun) għall-perjodu bejn l-2008 u l-2018, u għal RON […] miljun (EUR […] miljun) għall-perjodu bejn l-2010 u l-2018.

(iii) Li tfassal id-dokumenti relatati mas-supplimentazzjoni tal-forza tax-xogħol meħtieġa;

(iv) Li tiżgura l-protezzjoni ċivili tal-persunal tagħha stess, tal-passiġġieri u tal-merkanzija fdati lilha għall-finijiet ta' trasport f'każ ta' ċirkostanzi speċjali, inklużi diżastri;

(v) li twettaq vjeġġi militari (kemm fil-livell tan-NATO kif ukoll f'dak nazzjonali) biex tiżgura l-kontinwità tat-trasport ta' truppi u materjali militari fi żmien ta' paċi u f'każ ta' kriżi, diżastri u gwerra, jew f'ċirkostanzi speċjali oħra, kif ukoll li tipprovdi vaguni, persunal u riżorsi oħra fuq talba tal-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali. Dawn l-obbligi jitwettqu minn CFR Marfă abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-protokolli, l-ordnijiet konġunti u l-ftehimiet ([43]) konklużi bejn il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u

([40]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ; l-Anness 1 tas-sottomissjoni tar-Rumanija tal-14 ta' Awwissu 2018; it-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018. Ara wkoll is-sottomissjoni tar-Rumanija tas-6 ta' Novembru 2019 u l-ittri inklużi fiha mill-Ministeru Nazzjonali tad-Difiża u l-Aġenzija għar-Riżervi Nazzjonali u l-Kwistjonijiet Speċjali (ANRSPS).

([41]) Is-sottomissjoni tar-Rumanija tat-13 ta' Settembru 2019, l-Annessi 1 u 2.

([42]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punti 2.2 u 2.4.

([43]) Il-Protokoll Interministerjali Nru M-86 tat-2 ta' Lulju 2003 dwar il-kooperazzjoni bejn il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tat-Turiżmu għall-koordinazzjoni u t-twettiq ta' trasport permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni ferrovjarji, navali u tal-ajru, ir-regoli ta' implimentazzjoni ta' dan il-protokoll interministerjali approvati mill-Ordni Konġunta Nru M 163/1053/2003 tal-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u tal-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tat-Turiżmu, u l-Ftehim għallforniment ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija għall-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali fi ħdan it-traffiku domestiku u li jistabbilixxi ddokumenti tat-trasport militari u l-mezzi ta' pagament Nru A 220 tat-12 ta' Jannar 2001, sottomessi bħala l-Anness 2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni u bħala l-Anness Nru 9 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

tat-Turiżmu, kif ukoll skont il-ftehimiet rispettivi bejn ir-Rumanija u n-NATO. Ir-Rumanija stmat il-proporzjon tal-vjeġġi militari f'livell ta' […] % mill-fatturat annwali ta' CFR Marfà ([44]), iżda ma pprovditx kalkolu dettaljat u ġġustifikat tiegħu, għal raġunijiet ta' segretezza tal-Istat;

(vi) Li tinżamm u tiġi żviluppata linja tal-laneċ imfassla biex tkun estensjoni tal-Kuritur Pan-Ewropew IV, bħala mezz ta' konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja. Ir-Rumanija ssostni li billi l-linji tal-laneċ li jgħaqqdu lill-Ewropa u lill-Asja permezz tal-port ta' Constanta mhumiex profittabbli u jikkawżaw telf ([45]), il-laneċ li jappartjenu għal CFR Marfà ġew stazzjonati fil-port ta' Constanta u ma pprovdewx attività kummerċjali fil-perjodu 2008-2018. Ir-Rumanija tispjega li l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-laneċ (li huma inklużi fiċ-ċifri pprovduti fil-Punt (ii) tal-Premessa 64 hawn fuq) jammontaw għal RON […] miljun (EUR […] miljun) għall-perjodu 2008-2018, u għal RON […] miljun (EUR […] miljun) għall-perjodu 2010-2018 ([46]).

(65) Barra minn hekk, ir-Rumanija targumenta li, minbarra l-ħtiġijiet ta' difiża tal-pajjiż, CFR Marfà għandha wkoll importanza strateġika minħabba li tipprovdi servizzi tat-trasport ta' faħam u prodotti strateġiċi oħra lill-akbar klijenti industrijali (prinċipalment SOEs bħal Complexul Energetic Oltenia, Complexul Energetic Hunedoara, CET Govora u impjanti oħra li jaħdmu bil-faħam), li jipproduċu ċerti utilitajiet bażiċi bħall-elettriku, it-tisħin u l-misħun. Skont ir-Rumanija, dawn il-vjeġġi normalment jitwettqu abbażi ta' kuntratti konklużi wara sejħiet għall-offerti, li fihom operaturi privati oħra jipparteċipaw u jikkompetu ma' CFR Marfà, iżda fi żminijiet ta' kriżi (eż. kundizzjonijiet tat-temp severi bħal silġ, tempesti tas-silġ, nixfiet) l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jitolbu li dawn il-vjeġġi jitwettqu wkoll barra mill-kuntratti eżistenti. Ir-Rumanija ssostni li l-impjanti idroelettriċi u s-sistemi eoliċi ma għandhomx il-kapaċità meħtieġa biex ikopru d-defiċit tal-elettriku kkawżat minn tnaqqis fil-produzzjoni tal-impjanti tal-enerġija termali, li huma s-sorsi prinċipali tal-elettriku (Complexul Energetic Oltenia waħidha tirrappreżenta 20-30 % mill-produzzjoni tal-elettriku fir-Rumanija). Għalhekk, skont ir-Rumanija, l-iżgurar tal-kontinwità tal-provvista ta' dawn il-materjali strateġiċi lil dawn il-klijenti industrijali huwa meħtieġ biex jinżammu l-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni u biex jiġi evitat impatt negattiv fuq l-attivitajiet tal-operaturi ekonomiċi, li jagħmel dawn il-vjeġġi kwistjoni ta' sigurtà nazzjonali, kif ikkorroborat mis-sejbiet tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija fis-Sentenza Nru 91 tat-28 ta' Frar 2018 ([47]).

(66) Barra minn hekk, ir-Rumanija tisħaq li l-akkumulazzjoni tad-djun għas-servizzi ta' vjeġġi strateġiċi mogħtija minn CFR Marfà lill-klijenti industrijali tagħha (prinċipalment SOEs, il-Premessa 65) kienet il-kawża sottostanti għalfejn CFR Marfà akkumulat dejn arretrat lejn l-ANAF. Ir-Rumanija tistma l-ammonti tal-penali u l-imgħax korrispondenti ġġenerati min-nuqqas ta' ħlas tad-dejn ta' CFR Marfà lejn l-ANAF biex jikkorrispondu mal-ammont ta' dejn akkumulat minn dawn l-SOEs għas-servizzi ta' vjeġġi strateġiċi ta' CFR Marfà ([48]).

(67) Ir-Rumanija tosserva wkoll li CFR Marfà u entitajiet pubbliċi oħra għandhom l-obbligu li jipparteċipaw (mingħajr ħlas) f'diversi eżerċizzji (eż. simulazzjonijiet ta' inċidenti ferrovjarji) organizzati mill-awtoritajiet pubbliċi (bħall-Ispettorat Ġenerali ta' Emerġenza), u li CFR Marfà pprovdiet riżorsi tat-trasport tal-merkanzija mingħajr l-ebda kumpens monetarju fl-interess ta'/għal ċerti awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet pubbliċi (fl-għamla ta' kustodja u stokkjar ta' oġġetti, fost oħrajn għall-Aġenzija Nazzjonali ta' Riżerva, kiri ta' tagħmir speċjali għal interventi speċifiċi għall-Kmand Ċentrali tax-Xitwa) ([49]). Ir-Rumanija ma pprovditx kwantifikazzjoni tal-ispejjeż imġarrba għall-attivitajiet ta' hawn fuq.

(68) Ir-Rumanija ssostni li CFR Marfà hija l-uniku operatur li għandu l-kapaċitajiet meħtieġa biex jiżgura twettiq xieraq u f'waqtu tal-obbligi msemmija hawn fuq fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali. Konsegwentement, ir-Rumanija targumenta li l-irkupru tad-djun ta' CFR Marfà permezz ta' proċedimenti ta' infurzar, likwidazzjoni immedjata jew il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza mhuwiex soluzzjoni aċċettabbli, billi dan jista' jirriżulta f'perjodi ta' żmien sinifikanti meta r-riżorsi meħtieġa għas-sigurtà nazzjonali u d-difiża tal-pajjiż ma jkunux jistgħu jintużaw ([50]).

(69) Għalhekk, wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE, l-Artikolu 4 TUE u l-Punt 17 tan-Notifika tal-Kummissjoni Nru 2016/C 262/01 dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("NoA") ([51]), ir-Rumanija targumenta li:

([44]) Il-minuti tal-laqgħa tal-24 ta' Lulju 2019 bejn ir-Rumanija u l-Kummissjoni;
([45]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.
([46]) Is-sottomissjoni tar-Rumanija tat-13 ta' Settembru 2019, l-Annessi 1 u 2.
([47]) It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018; ukoll il-Punt 7.2 fit-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.
([48]) Is-sottomissjoni tar-Rumanija tat-13 ta' Settembru 2019, l-Annessi 1 u 2.
([49]) It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018; ukoll il-Paġni 8 u 9 fit-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.
([50]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ. Ara wkoll l-Anness 1 tas-sottomissjoni tar-Rumanija tal-14 ta' Awwissu 2018.
([51]) ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.

(a) iċ-ċirkostanzi kollha ta' hawn fuq jippermettu li l-awtoritajiet Rumeni jieħdu kwalunkwe miżura maħsuba biex tiżgura l-integrità territorjali, iżżomm l-ordni pubbliku u tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali, anke jekk dik il-miżura taffettwa l-kompetizzjoni f'ċertu qasam;

(b) kwalunkwe miżura meħuda fl-interess u maħsuba biex tiżgura s-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali u l-ordni pubbliku, irrispettivament minn jekk titqiesx bħala għajnuna mill-Istat jew le, hija kompatibbli mar-regoli Komunitarji ([52]).

(70) Fi kliem ieħor, ir-Rumanija tqis li meta adottat il-Miżuri 1-3 u 5 fir-rigward ta' CFR Marfă bil-ħsieb li tiżgura l-kontinwità ta' vjeġġi militari u vjeġġi ta' materjali strateġiċi, kif ukoll biex din twettaq obbligi oħra relatati ma' finijiet ta' sigurtà nazzjonali u difiża, ir-Rumanija eżerċitat is-setgħat pubbliċi tagħha, li hija r-raġuni għalfejn l-Artikolu 107(1) TFUE ma jkunx applikabbli bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 TUE u l-Punt 17 tan-NoA.

3.2.2. *Il-kummenti tar-Rumanija dwar l-osservazzjonijiet sottomessi mill-ilmentatur dwar l-importanza strateġika ta' CFR Marfă*

(71) Ir-Rumanija ssostni li l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur ma tagħtix prova li l-operaturi privati għandhom il-kapaċità biex jissostitwixxu lil CFR Marfă fis-swieq tal-vjeġġi strateġiċi u militari għar-raġunijiet li ġejjin

(72) *L-ewwel nett*, ir-Rumanija tqis li l-fatt li l-operaturi privati mhumiex f'pożizzjoni li jissostitwixxu l-attivitajiet ta' CFR Marfă huwa sostnut mir-realtà fis-suq. Għal dan il-għan, ir-Rumanija tagħti l-eżempju ta' sejħa għall-offerti organizzata fl-2014 minn Complexul Energetic Oltenia, fejn offerta mill-konsorzju ta' tliet operaturi privati (GFR, Unicom Transit u Servtrans Invest) ġiet rifjutata minħabba li l-membri tiegħu ma kellomx il-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali meħtieġa fl-ispeċifikazzjonijiet tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti, minkejja l-offerta finanzjarja aktar vantaġġuża tal-konsorzju. Il-qorti nazzjonali rrifjutat l-appell tal-konsorzju, u kkonfermat il-korrettezza tas-sejbiet dwar in-nuqqas tal-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali tal-membri tal-konsorzju kif meħtieġ mid-dokumenti tal-offerta.

(73) Ir-Rumanija ssostni wkoll li n-nuqqas ta' interess mill-operaturi privati biex jiġu involuti f'servizzi ta' vjeġġi militari mhuwiex relatat biss ma' domanda baxxa ħafna għal dan it-tip ta' servizz tat-trasport, iżda wkoll għall-fatt li l-vjeġġi militari u rekwiżit rispettiv ta' reazzjoni rapida għall-ordnijiet għal dawn il-vjeġġi (li għandhom prijorità fuq kwalunkwe vjeġġ privat) jinvolvu riżervi minn diversi riżorsi (eż. materjal fuq ir-roti, laneċ, eċċ.) mifruxa f'diversi punti tan-network ferrovjarju nazzjonali. Skont ir-Rumanija, dan inaqqas l-effiċjenza tal-użu ta' dawn ir-riżorsi u dan it-tnaqqis fl-effiċjenza mhuwiex rimunerat mill-awtoritajiet, li mhuwiex attraenti għall-operaturi privati. Barra minn hekk, ir-Rumanija tiddikjara li CFR Marfă għandu madwar 93 % mil-flotta nazzjonali tal-vaguni u huwa l-uniku operatur li jista' jissodisfa l-obbligu li jinżammu r-riżervi ta' mobilizzazzjoni, filwaqt li l-operaturi privati fil-biċċa l-kbira jużaw vaguni mikrija minn kumpaniji barranin, li ma jistgħux jikkostitwixxu riżervi ta' mobilizzazzjoni.

(74) Għalhekk, ir-Rumanija tqis li l-operaturi privati ma jistgħux jissostitwixxu lil CFR Marfă fis-suq tal-vjeġġi militari, kif ġie kkorroborat ulterjorment mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-2013 mill-Kunsill Suprem tad-Difiża Nazzjonali, li teħtieġ li fil-kuntratt ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfă jiġu inklużi klawsoli li jobbligaw lill-akkwirent li jiżgura l-issodisfar tal-obbligi strateġiċi kollha attwalment imposti fuq CFR Marfă fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u d-difiża ([53]).

(75) *It-tieni nett*, ir-Rumanija tisħaq ukoll li l-forniment ta' servizzi tat-trasport fl-interess tad-difiża nazzjonali jimplika, f'ħafna każijiet, id-divulgazzjoni ta' informazzjoni sigrieta b'diversi livelli ta' segretezza, li jfisser li operaturi privati interessati li jfornu dawn is-servizzi tat-trasport ikollhom iżommu ċertifikati ta' sigurtà industrijali. Madankollu, l-operaturi privati tal-ferroviji bl-ogħla ishma mis-suq fir-Rumanija (membri tal-OPSFPR) aktarx li jiġu mċaħħda minn tali ċertifikat ta' sigurtà industrijali għall-forniment ta' vjeġġi strateġiċi u ta' difiża, minħabba li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stretti biex jiksbu dawn iċ-ċertifikati. Ir-Rumanija ssemmi bosta raġunijiet possibbli għar-rifjut taċ-ċertifikati lill-membri tal-OPSFPR:

([52]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ. Ara wkoll l-Anness 1 tas-sottomissjoni tar-Rumanija tal-14 ta' Awwissu 2018.
([53]) L-Anness 9 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(a) azzjonisti jew persuni oħra b'setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-kumpanija:

(1) ġew ikkundannati għal korruzzjoni permezz ta' sentenza finali ([54]);

(2) ġew akkużati b'korruzzjoni ([55]);

(3) ġew akkużati bl-istabbiliment ta' grupp kriminali, b'evażjoni tat-taxxa u b'ħasil tal-flus ([56]);

(4) huma ċittadini jew impriżi barranin;

(b) l-operaturi inkwistjoni għandhom djun jew irreġistraw telf sinifikanti;

(c) l-operaturi jwettqu negozju ma' entitajiet fi Stati li l-istrateġiji nazzjonali tad-difiża tar-Rumanija, approvati permezz ta' deċiżjonijiet tal-gvern, jiddeskrivuhom bħala li jippreżentaw riskji għas-sigurtà għar-Rumanija (jiġifieri pajjiżi f'dik li kienet l-Unjoni Sovjetika).

(76) Għalhekk, ir-Rumanija tisħaq li CFR Marfã hija *de facto* l-uniku operatur fis-suq li għandu l-kapaċità meħtieġa biex iwettaq vjeġġi ta' materjali strateġiċi u militari, kif ukoll biex iwettaq obbligi oħra relatati mal-finijiet ta' sigurtà nazzjonali u difiża. Konsegwentement, ir-Rumanija tqis li fid-dawl taċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, u minħabba r-realtà ta' kunflitt reċenti qrib il-fruntieri Rumeni (fl-Ukrajna), li minħabba fih l-ammont ta' vjeġġi militari mwettqa minn CFR Marfã żdied b'aktar minn 5 darbiet meta mqabbel mal-2013, ir-Rumanija hija intitolata tinvoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 TUE u l-Punt 17 tan-NoA biex tisħaq li l-Artikolu 107(1) TFUE mhuwiex applikabbli għall-attività kollha ta' CFR Marfã.

3.2.3. *Il-kummenti tar-Rumanija dwar il-Miżuri 1 u 4*

(77) Rigward il-*Miżura 1*, ir-Rumanija ssostni li sabiex jiġu garantiti d-djun fiskali pendenti, l-ANAF tat bidu għal proċedimenti ta' infurzar. Skont il-liġijiet fis-seħħ mill-2004, is-CNPP (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Pensjonijiet Pubbliċi), l-ANOFM (l-Aġenzija Nazzjonali tal-Impjieg) u s-CNAS (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa) ma jiġbrux direttament il-kontribuzzjonijiet dovuti mill-operaturi ekonomiċi Rumeni u minn persuni oħra; l-unika aġenzija responsabbli għal dan il-kompitu hija l-ANAF, li mbagħad tiddistribwixxi lid-diversi awtoritajiet l-ammonti miġbura f'isimhom ([57]).

(78) Fir-rigward tad-dejn ta' CFR Marfã deskritt hawn fuq lejn il-baġit tal-Istat taħt il-*Miżura 1* (ara t-Tabella 8), ir-Rumanija ssostni li l-ANAF aġixxiet bħala operatur privat f'ekonomija tas-suq minħabba li kienet qed tikkalkula l-imgħax u l-penali għad-djun arretrati ta' CFR Marfã dovuti lill-baġit tal-Istat. B'mod partikolari, ir-Rumanija ssostni li r-rati tal-imgħax li ġejjin ġew ikkalkulati fir-rigward tad-djun arretrati ta' CFR Marfã lejn il-baġit tal-Istat: (i) rata tal-imgħax ta' 0,1 % kuljum matul il-perjodu tal-1.1.2006-30.6.2010; (ii) rata tal-imgħax ta' 0,05 % kuljum matul il-perjodu tal-1.7.2010-30.9.2010; (iii) rata tal-imgħax ta' 0,04 % kuljum matul il-perjodu tal-1.10.2010-28.2.2014 ([58]). Ir-Rumanija tispjega wkoll li l-ħlas tard tal-obbligazzjonijiet fiskali huwa sanzjonat ukoll b'penali għall-ħlas tard, kif ġej: (i) jekk il-ħlas tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa arretrati jsir aktar tard minn 30 jum mid-data ta' maturità, iżda qabel 90 jum wara d-data ta' maturità, tiżdied penali għall-ħlas tard ta' 5 % tal-ammont prinċipali dovut; (ii) wara l-iskadenza ta' 90 jum mid-data ta' maturità, tiżdied penali għall-ħlas tard ta' 15 % tal-ammont prinċipali. Il-ħlas ta' penali għall-ħlas tard ma jeliminax l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax ([59]).

(79) Barra minn hekk, ir-Rumanija ssostni li l-ANAF kienet qed tipprova tinforza b'mod attiv id-djun ta' CFR Marfã lejn il-baġit tal-Istat u ħadet għadd ta' miżuri ta' infurzar fl-għamla ta' ordnijiet u sekwestri ta' kontijiet bankarji, proprjetà mobbli u immobbli ta' CFR Marfã.

(80) B'mod partikolari, ir-Rumanija ssostni li fl-2009, l-ANAF ħarġet 12-il ordni biex jiġu infurzati d-djun pendenti ta' CFR Marfã fl-ammont totali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun). Ir-Rumanija tispjega li ordni hija dokument riċevibbli tat-taxxa li jista' jiġi infurzat direttament, li jfisser li l-ANAF tista' tkompli bil-proċedimenti ta' infurzar mingħajr l-involviment tal-qrati f'każ li d-debitur ma jħallasx l-ammonti pendenti fi ħdan il-perjodu speċifikat fl-ordni. B'mod partikolari, l-ANAF imbagħad tista' tisforza l-eżekuzzjoni ta' djun pendenti billi tissekwestra l-assi u l-proprjetà tad-debitur u billi tagħti bidu għall-bejgħ ta' dawn l-assi u l-proprjetà ([60]).

([54]) Is-Sentenza Kriminali Nru 67 tat-23 ta' Frar 2016 maqtugħa mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja fil-Kawża Nru 856/2/2014.
([55]) Ara l-kawża mid-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni Nru 1036/117/2018 li hija pendenti quddiem it-Tribunal ta' Cluj.
([56]) Il-Kawża Nru 8056/99/2015 quddiem it-Tribunal ta' Iasi.
([57]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Punt II(1)(D).
([58]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punt. 18.
([59]) Idem.
([60]) Is-sottomissjoni tar-Rumanija tal-10 ta' Awwissu 2016 fit-Tweġiba tar-Rumanija għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, il-Punt 2(a); Ukoll it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 14.

(81) Dawn l-ordnijiet ġew segwiti b'sekwestru wieħed tal-kontijiet bankarji ta' CFR Marfă fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), li ġie infurzat u wassal għall-irkupru ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), ([61]) u minn 22 sekwestru imposti fuq assi immobbli ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku totali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) ([62]). Ir-Rumanija tispjega li s-sekwestru applikat fuq assi mobbli jew immobbli jikkostitwixxi ipoteka legali ta' dawn l-assi, li jagħti pretensjoni preferenzjali lir-rikavat mill-bejgħ tal-assi ssekwestrati, b'konsegwenzi addizzjonali li d-debitur ma jistax ibigħ l-assi ssekwestrati u jista' juża l-assi ssekwestrati biss bl-approvazzjoni tal-korp kompetenti (f'dan il-każ – l-ANAF) ([63]).

(82) Ir-Rumanija ssostni wkoll li fl-2010 u l-2011, l-ANAF ħarġet 24 ordni lil CFR Marfă u tispjega li s-sekwestri fuq id-debituri ta' CFR Marfă (prinċipalment SOEs) ma ġewx imposti fl-2010 u l-2011 biex jiġi evitat impatt soċjali sinifikanti ([64]). Ir-Rumanija ssostni wkoll li sa Ġunju 2013, l-ANAF imponiet 200 sekwestru fuq assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku totali ta' RON […] (madwar EUR […] miljun). Ir-Rumanija mbagħad telabora li minn dawn il-200 sekwestru, 25 sekwestru ġew imposti fuq l-assi mobbli u immobbli ta' SC de Transport Maritim și de Coastă CFR Ferryboat SA ("CFR Ferryboat") b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), filwaqt li 84 sekwestru ġew imposti fuq l-assi mobbli u immobbli ta' SC Intreținere și Reparații Vagoane SA ("Wagon Repair and Maintenance SA") b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), li t-tnejn li huma kienu l-kumpaniji li ngħaqdu f'CFR Marfă f'Ġunju 2012 (ara l-Premessa 27) ([65]).

(83) Mill-91 sekwestru li jifdal, 10 ġew imposti fuq l-assi immobbli ta' CFR Infrastructură b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), u l-81 sekwestru li jifdal ġew imposti (f'Novembru u f'Diċembru 2012) fuq l-assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) ([66]).

(84) Barra minn hekk, ir-Rumanija ssostni li l-ANAF ([67]) ħarġet total ta' 1 440 notifika ta' sekwestru tal-fondi disponibbli fil-kontijiet bankarji ta' CFR Ferryboat SA, Wagon Repair and Maintenance SA u CFR Infrastructură, kif ukoll 612-il sekwestru ta' kontijiet bankarji ta' partijiet terzi (għall-ammont totali ta' RON […] miljun, madwar EUR […] miljun).

(85) Ir-Rumanija tispjega wkoll li s-sekwestru tal-assi mobbli (prinċipalment vaguni u lokomottivi) ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] (madwar EUR […] miljun, 95 % mill-valur globali ta' 81 sekwestru) ġie impost biss fit-28 ta' Novembru 2012 u mhux qabel minħabba li dawn l-oġġetti mobbli kienu jirrappreżentaw materjal fuq ir-roti u lokomottivi, oġġetti mobbli li jintużaw għall-attivitajiet prinċipali ta' CFR Marfă li jiġġeneraw id-dħul, u minħabba li CFR Marfă tipprovdi attivitajiet ta' interess pubbliku nazzjonali, sabiex tipprovdi trasport pubbliku tal-merkanzija u servizzi meħtieġa għad-difiża nazzjonali ([68]).

(86) Ir-Rumanija ssostni li wara li ġew imposti s-sekwestri fuq l-assi ta' CFR Marfă, l-ANAF talbet il-valwazzjoni tagħhom u l-bidu tal-proċedura għar-realizzazzjoni tal-assi. Madankollu, ir-realizzazzjoni tal-assi qatt ma bdiet, minħabba li l-mandati tal-eżekuzzjoni fuq id-djun ta' CFR Marfă ġew riżolti bl-implimentazzjoni tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 ([69]). Ir-Rumanija tispjega wkoll li l-irkupru tad-djun ta' CFR Marfă lejn l-ANAF permezz ta' proċedimenti ta' infurzar, likwidazzjoni immedjata jew il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza ma kienx soluzzjoni aċċettabbli minħabba li dan seta' rriżulta f'perjodi ta' żmien sinifikanti meta r-riżorsi meħtieġa għas-sigurtà nazzjonali u d-difiża tal-pajjiż ma setgħux jintużaw, li fid-dawl ta' kunflitti reċenti fir-reġjun dan jista' potenzjalment jhedded lstat, u għalhekk l-Istat Rumen ma jistax jgħaddi mingħajr strument u riżorsi importanti, li huwa kien taħt obbligu legali li jforni sabiex jeżerċita r-rwol u l-funzjonijiet tiegħu biex jiżgura l-integrità territorjali tiegħu, biex iżomm l-ordni pubbliku u biex jiddefendi s-sigurtà nazzjonali, u li ma jistgħux jiġu sostitwiti fiċ-ċirkostanzi attwali ([70]).

(87) Rigward il-*Miżura 4*, ir-Rumanija ssostni li CFR Marfă ħallset bis-sħiħ il-kontribuzzjonijiet tagħha lejn il-baġit tal-Istat bejn l-2013 u l-2017, u li ċ-ċertifikati fiskali maħruġa mill-ANAF f'diversi istanzi f'dan il-perjodu jservu bħala prova li CFR Marfă ma akkumulatx aktar dejn lejn il-baġit tal-Istat f'dan il-perjodu ([71]).

([61]) It-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017, il-Punt 8.
([62]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 14.
([63]) Ibid, il-Punti 14-15.
([64]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 17.
([65]) L-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ; it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 16.
([66]) L-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.
([67]) Ibid.
([68]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 17.2.
([69]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima II, il-Punt C.
([70]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima IV.
([71]) It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, il-punt 21.

(88) Speċifikament, ir-Rumanija tispjega li t-Tabella 7 tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ telenka, għall-perjodu 2013-2016, l-obbligazzjonijiet fiskali dovuti eżatt qabel l-għeluq tas-sena finanzjarja, li d-data ta' maturità tagħha kienet fis-sena sussegwenti. Ir-Rumanija ssostni li għas-snin kollha minn Ġunju 2013, l-ammonti rispettivi dovuti minn CFR Marfă tħallsu fil-bidu tas-sena sussegwenti, jiġifieri sad-data ta' maturità. Ir-Rumanija ssostni li l-ammonti rispettivi huma elenkati fil-karti tal-bilanċ annwali f'konformità mar-regoli għat-tħejjija tagħhom, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dati tal-bidu u tal-ħlas għal dawk l-obbligi fiskali. Ir-Rumanija tqis li valutazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' ħlas, minn CFR Marfă, tal-obbligi fiskali tagħha abbażi tad-*data* dwar il-karta tal-bilanċ mhijiex preċiża, u li d-dokumenti li għandhom jitqiesu huma ċ-ċertifikati tat-taxxa maħruġa regolarment mill-ANAF ([72]). Għalhekk, ir-Rumanija ppreżentat id-*data* li tikkorrispondi għall-obbligi fiskali u għad-djun oħra lejn il-baġit tal-Istat, kif ġej:

Tabella 9

L-obbligi fiskali ta' CFR Marfă u dejn ieħor dovut lill-baġit tal-Istat wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (RON miljun)

F'miljuni ta' RON	2013	2014	2015	2016	2017
Obbligi fiskali u dejn ieħor lejn il-baġit tal-Istat	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Somom li għandhom jiġu rifużi/jiġu rritornati mill-ANAF lil CFR Marfă	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Nru/data taċ-ċertifikat tat-taxxa	1042215/ 18.12.2013	1356231/ 5.12.2014	107680/ 16.12.2015	90817/ 12.1.2016	78183/ 14.12.2017

Sors: It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, it-Taqsima E. il-Punt 21.

(89) Ir-Rumanija tispjega li l-obbligi fiskali ta' CFR Marfă għas-sena 2016 u 2017 kienu s-suġġett ta' azzjoni legali minn CFR Marfă quddiem il-Qorti tal-Appell f'Bukarest. B'din l-azzjoni, CFR Marfă talbet lill-Qorti tal-Appell biex tannulla d-deċiżjoni tal-ANAF li biha l-ANAF irrifjutat it-talba ta' CFR Marfă għal tpaċija tad-djun fiskali pendenti ta' CFR Marfă għas-snin 2016 u 2017 bl-ammonti (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun), li l-ANAF ġiet ordnata tħallas lil CFR Marfă bis-Sentenza Ċivili Nru 1011/2015 tal-Qorti tal-Appell, kif ikkonfermata bid-Deċiżjoni Nru 998/30.3.2016 mill-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni u tal-Ġustizzja ([73]).

(90) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-Rumanija tqis li bejn l-2013 u l-2017, CFR Marfă ma rreġistratx dejn lejn il-baġit tal-Istat minħabba li l-ANAF għandha tagħmel tpaċija/tagħti rifużjoni tal-ammonti ta' RON […] miljun u RON […] miljun, li jkunu aktar baxxi mid-dejn rispettiv tal-ANAF lejn CFR Marfă.

(91) Fl-aħħar nett, ir-Rumanija pprovdiet informazzjoni li d-dejn arretrat ta' CFR Marfă (flimkien mal-imgħax u l-penali) lejn il-baġit tal-Istat laħaq RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) fl-2018, u aktar minn ittrippla għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) fit-28 ta' Marzu 2019 ([74]). Ir-Rumanija enfasizzat li fir-rigward ta' dan id-dejn, l-ANAF imponiet 16-il sekwestru fuq l-assi mobbli mhux gravati ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) u 66 sekwestru fuq l-assi immobbli mhux gravati ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) ([75]).

3.2.4. *Il-kummenti tar-Rumanija dwar il-Miżuri 2 u 5*

(92) Rigward il-Miżuri 2 u 5, ir-Rumanija ssostni l-fehma tagħha li CFR Infrastructură ma eżentax lil CFR Marfă mill-ħlas tad-djun li jikkorrispondu mat-taxxa għall-użu tal-infrastruttura.

(93) Ir-Rumanija tispjega li l-liġi tar-Rumanija ma tippermettix li operatur ferrovjarju jiġi eżentat mill-ħlas tal-IUT, u li CFR Infrastructură ma tagħmilx eċċezzjoni lanqas għal CFR Marfă.

([72]) Idem.
([73]) Idem.
([74]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-punt 21.3.
([75]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 12.

(94) Ir-Rumanija tispjega li hemm tliet forom ta' penali għan-nuqqas ta' ħlas tal-IUT mit-trasportaturi, kif ġej:

(1) Għal kull servizz, CFR Infrastructură toħroġ fatturi ta' kull xahar u, meta dawn l-obbligi finanzjarji ma jiġux issodisfati bit-termini maqbula fil-Kuntratt ta' Aċċess għall-Infrastruttura Ferrovjarja (li jiġi konkluż kull sena), tikkalkula u toħroġ fatturi fuq bażi permanenti, għal kull jum ta' dewmien, tal-imgħax u l-penali għan-nuqqas ta' ħlas tal-IUT (l-ewwel forma ta' penali għan-nuqqas ta' ħlas tal-IUT). Ir-rata tal-imgħax u l-penali huma speċifikati fit-Tabella 7 (il-Premessa 24). L-istess penali tapplika għall-operaturi kollha tat-trasport tal-merkanzija (u tal-passiġġieri) bil-ferrovija, irrispettivament mis-sjieda tagħhom.

(2) Barra minn hekk, minħabba d-dewmien fil-ħlas tal-IUT, CFR Infrastructură ma tagħtix l-iskont ta' 33 % tal-IUT għall-ferroviji li jiċċirkulaw fi ħdan in-network ta' CFR, imħaddem minn CFR Marfă, bħalma tagħmel għall-operaturi privati (it-tieni forma ta' penali).

(3) Barra minn hekk, CFR Infrastructură ma taċċettax u ma toħloqx rotot addizzjonali għall-ferroviji soġġett għall-interessi ta' CFR Marfă u l-klijenti tagħha, bħalma tagħmel għal operaturi privati (it-tielet forma ta' penali).

(95) F'dan il-kuntest, ir-Rumanija tisħaq li CFR Infrastructură ressqet ukoll azzjonijiet legali fil-konfront ta' CFR Marfă bl-għan li tinforza d-djun ta' CFR Marfă mill-2015. B'mod partikolari, ir-Rumanija ssostni li CFR Infrastructură tat bidu għal proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim rigward l-infurzar tad-djun ta' CFR Marfă, kif ġej: proċedimenti ta' arbitraġġ tal-2015 fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun); proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim tal-2016 fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun); proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim tal-2017 fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun); proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim tal-2018 fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) ([76]). Skont ir-Rumanija, 100 % minn dawn l-ammonti ġew aġġudikati favur CFR Infrastructură bid-deċiżjonijiet rispettivi u finali tal-qorti u l-arbitraġġ ([77]).

(96) Skont ir-Rumanija, wara li kienu nħarġu dawn id-deċiżjonijiet favur tagħha, CFR Infrastructură użat is-servizzi ta' uffiċjali ġudizzjarji biex tirkupra d-djun aġġudikati, inkluż permezz tal-iffriżar tal-fondi f'kontijiet bankarji u sekwestri fir-rigward ta' ammonti dovuti lil CFR Marfă mill-klijenti tagħha, kif ukoll permezz ta' sekwestri tal-proprjetà mobbli u immobbli ta' CFR Marfă ([78]).

(97) Ir-Rumanija tispjega wkoll li, fl-2016, CFR Infrastructură kkonkludiet ftehim ta' skedar mill-ġdid tal-ħlas ma' CFR Marfă ("il-Ftehim tal-2016 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas") fir-rigward tal-ħlas tal-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), li jirrappreżenta l-kapital u l-imgħax li CFR Infrastructură ngħatat fil-proċedimenti ta' arbitraġġ fl-2015 u fl-2016. Ir-Rumanija tispjega li l-ammont ta' RON […] miljun ġie rkuprat bis-sħiħ permezz tal-eżekuzzjoni furzata tad-dejn wara li CFR Marfă ma kkonformatx mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-2016 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas ([79]).

(98) Skont ir-Rumanija, sa Awwissu 2018 CFR Infrastructură - permezz ta' miżuri ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji - irnexxielha tirkupra minn CFR Marfă aktar minn RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) li minnhom RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) ġew irkuprati fil-perjodu Marzu – Lulju 2018. Barra minn hekk, fis-6 ta' Diċembru 2018 CFR Infrastructură kkonkludiet ftehim għall-iskedar mill-ġdid tal-ħlas tal-imgħax u l-penali dovuti minn CFR Marfă fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, "il-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas"). Dan il-ftehim fost l-oħrajn jispeċifika li, fid-data tal-4 ta' Diċembru 2018, ammont totali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) kien arretrat minn CFR Marfă lejn CFR Infrastructură, li minnu RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) huwa l-ammont mogħti lill-CFR Infrastructură minn seba' sentenzi tal-qorti ċivili fl-2017, li qed jiġu esegwiti. Minn dan l-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) jirrappreżentaw l-imgħax u l-penali. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas jispeċifikaw ukoll li l-kapital ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) għandu jkompli jiġi rkuprat permezz tar-realizzazzjoni ta' sekwestri imposti fuq il-proprjetà mobbli u immobbli ta' CFR Marfă.

(99) Ir-Rumanija tispjega li l-infurzar permezz tal-attakkament tal-assi ġie applikat biss sakemm CFR Marfă kkonformat mal-obbligi assunti mill-ftehimiet ta' skedar mill-ġdid, u ssostni li l-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas qed jiġi rispettat minn CFR Marfă ([80]).

([76]) L-Anness 4 tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019. Ara wkoll l-Anness 5 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.
([77]) L-Anness 4 tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.
([78]) B'mod aktar speċifiku, skont ir-Rumanija, għall-irkupru tal-ammonti dovuti minn CFR Marfă sal-31 ta' Diċembru 2016 (RON […], madwar EUR […] miljun), wara l-proċedimenti ġudizzjarji, inġabar l-ammont ta' RON […] (madwar EUR […] miljun), filwaqt li fl-2017 (u sal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ), CFR Infrastructură kienet irkuprat ukoll l-ammont ta' RON […] (madwar EUR […] miljun). Ara l-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Punt II.2.
([79]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 37.
([80]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 37 u l-Anness 6.

(100) Fil-fehma tar-Rumanija, dan kollu ta' hawn fuq jikkonferma l-fatt li CFR Infrastructură tapplika miżuri għall-irkupru tad-dejn u li CFR Marfă ma ġiex eżentata mill-ħlas tiegħu ([81]).

(101) Ir-Rumanija tqis li CFR Marfă ma tirċevix trattament preferenzjali minn CFR Infrastructură u mhijiex, u lanqas ma kienet, eżentata minn xi obbligi legali ([82]). Ir-Rumanija ssostni li għan-nuqqas ta' ħlas tat-taxxi għall-użu tal-infrastruttura minn kwalunkwe wieħed mill-operaturi ferrovjarji, CFR SA [CFR Infrastructură] applikat u qed tapplika l-istess penali finanzjarji, u tfakkar li l-penali finanzjarji huma penali għal ħlasijiet tard ikkalkulati u applikati għan-nuqqas ta' ħlas tal-imposti dovuti fid-data ta' maturità skont l-istess perċentwal u mingħajr diskriminazzjoni ([83]). Ir-Rumanija ssostni wkoll li CFR Infrastructură tapplika l-istess miżuri ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji biex tirkupra l-ammonti dovuti minn kwalunkwe operatur ferrovjarju ([84]).

(102) Ir-Rumanija żżid ukoll li n-nuqqas ta' CFR Infrastructură li tiġbor IUT mingħand CFR Marfă huwa ċirkostanza oġġettiva u konsegwenza tal-fatt li, min-naħa tagħhom, SOEs jew impriżi oħra li fihom l-Istat huwa azzjonist (ħafna minn dawn huma attivi fis-settur tal-enerġija) ma ħallsux id-djun tagħhom lejn CFR Marfă. Ir-Rumanija tispjega li dawn id-djun lejn CFR Marfă huma fl-istess ordni ta' daqs tal-ammonti dovuti minn CFR Marfă lejn CFR Infrastructură, u li kwalunkwe interruzzjoni tas-servizzi tat-trasport ta' CFR Marfă xxekkel l-attivitajiet imwettqa minn dawn l-impriżi partikolari, għad-detriment tal-istandards tal-għajxien tan-nies u tal-attivitajiet ekonomiċi f'diversi oqsma. Ir-Rumanija ssostni li CFR Marfă ħadet passi biex tirkupra dawn id-djun f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali fil-qasam ([85]).

(103) Barra minn hekk, ir-Rumanija żżid li mhuwiex possibbli li jiġu imposti miżuri aktar qawwija fuq CFR Marfă (bħal applikazzjoni għall-insolvenza), billi CFR Infrastructură u l-awtoritajiet Rumeni jridu jieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza ta' CFR Marfă u tar-riżorsi tagħha għas-sistema nazzjonali tad-difiża, għas-sigurtà nazzjonali, għas-sikurezza u l-ordni pubbliku, għat-trasport ta' materjali strateġiċi, għall-ekonomija nazzjonali, u għall-popolazzjoni ([86]) (ara wkoll is-Sottotaqsima 3.2.1. u 3.2.2. hawn fuq).

(104) Għal dak il-għan, ir-Rumanija tfakkar li l-awtoritajiet Rumeni u CFR Infrastructură jridu jaġixxu skont il-qafas legali applikabbli għad-difiża ([87]), u jieħdu miżuri li ma jippreżentawx ir-riskju tar-rimi ta' ċerti riżorsi li jappartjenu għal CFR Marfă (impatt avvers fuq ir-riżorsi meqjusa bħala "riżorsi tal-Istat") u li ma jaffettwawx il-vjeġġi militari u t-trasport ta' materjali strateġiċi minn din il-kumpanija strateġika, jew miżuri li jaffettwaw ir-reazzjoni ta' CFR Marfă f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (bħax-xitwa tal-2016/2017) ([88]).

(105) Barra minn hekk, fil-kummenti tagħha tal-14 ta' Awwissu 2018 bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi, ir-Rumanija targumenta wkoll li CFR Infrastructură hija obbligata li ma tiħux miżuri ta' infurzar li jistgħu jimblukkaw vjeġġi militari u jnaqqsu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-pajjiż skont l-Artikolu 34 tal-Liġi dwar id-Difiża Nazzjonali ([89]). Ir-Rumanija tikkwota lill-Ministru tat-Trasport tagħha li jgħid li "*ma għandniex noqtlu t-tiġieġa li tbid il-bajd*" meta tirreferi għar-raġuni għalfejn l-Istat ma għandux jinforza d-djun kollha dovuti minn Marfa lil CFR Infrastructură.

([81]) It-Tweġiba tar-Rumanija għall-kummenti tal-Partijiet terzi, it-Taqsima C.
([82]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Punt II.2.
([83]) It-Tweġiba tar-Rumanija għall-kummenti tal-Partijiet terzi, it-Taqsima C.
([84]) Ibid.
([85]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima II, il-Punt 2.
([86]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima IV.
([87]) L-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 45/1994 dwar id-difiża nazzjonali tar-Rumanija, kif emendata, u l-Artikolu 1(8) tar-Regolament dwar it-trasport bil-ferrovija fir-Rumanija, approvati bl-Ordni tal-Gvern Nru 7 tal-20 ta' Jannar 2005, emendata bil-Liġi Nru 10 tas-27 ta' April 2006.
([88]) It-Tweġiba tar-Rumanija għall-kummenti tal-Partijiet terzi, it-Taqsima C, il-Paġna 8.
([89]) L-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 45/1994 dwar id-difiża nazzjonali tar-Rumanija, kif emendata ulterjorment jistipula li: "*Il-Ministeri, is-servizzi tal-intelligence u l-awtoritajiet l-oħra tal-amministrazzjoni pubblika ċentrali għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' difiża tal-pajjiż, kull wieħed fil-qasam ta' attività tiegħu, skont il-liġi; il-kapijiet tagħhom għandhom jissottomettu rapporti dwar it-twettiq tal-kompiti relatati mad-difiża nazzjonali, kif xieraq, lill-Parlament, lill-Gvern jew lill-Kunsill Suprem tad-Difiża Nazzjonali fuq bażi annwali jew kull meta jintalbu jagħmlu dan. Meta jiddikjaraw il-mobilizzazzjoni u l-istat ta' gwerra, il-Ministri rilevanti għandhom ikunu direttament responsabbli għall-allokazzjoni ta' riżorsi li jikkonċernaw: materja prima, prodotti industrijali, ikel, enerġija, trasport, xogħlijiet pubbliċi u komunikazzjonijiet. It-talbiet tal-forzi ta' difiża għandhom jitqiesu bħala prijorità u għandhom jiġu sodisfatti kif meħtieġ.*"
L-Artikolu 1(8) tar-Regolament dwar it-trasport bil-ferrovija fir-Rumanija, approvat bl-Ordni tal-Gvern Nru 7 tal-20 ta' Jannar 2005, kif emendat bil-Liġi Nru 10 tas-27 ta' April 2006, li jipprovdi dan li ġej:
"Jekk is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà tat-traffiku bil-ferrovija u l-interess pubbliku jeħtieġu dan, l-amministratur/il-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja u/jew l-operatur tat-trasport bil-ferrovija, skont l-ordnijiet tal-awtoritajiet kompetenti, skont il-liġi, jistgħu jiddeċiedu:
(a) li jissospendu kompletament jew parzjalment it-traffiku u s-servizzi għal ċerti rotot;
(b) li jeskludu ċerti vjeġġi mit-trasport jew li jirċevihom biss taħt ċerti ċirkostanzi prestabbiliti;
(c) **li jagħtu prijorità lil ċerti vjeġġi**;
(d) ***li jippermettu li l-vjeġġi militari jsiru kontinwament, jekk meħtieġ***." (enfasi miżjuda)

3.2.5. *Il-kummenti tar-Rumanija dwar il-Miżura 3*

(106) *L-ewwel nett*, ir-Rumanija tikkontesta li l-*Miżura 3* toriġina minn riżorsi tal-Istat. B'mod speċifiku, ir-Rumanija ssostni li t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi [tal-Artikolu 107(1) TFUE] ma ġewx issodisfati sabiex il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fir-rigward ta' CFR Marfã tkun tista' titqies bħala għajnuna mill-Istat, minħabba li l-kundizzjoni skont is-subparagrafu (a) ma ġietx issodisfata billi ma ntnefqux riżorsi tal-Istat u ma ġewx allokati riżorsi mill-baġit tal-Istat (li kieku jfisser li l-Istat ikun ġarrab nefqa baġitarja diretta). Fil-fatt, dawn l-ammonti ma kinux għadhom jirrappreżentaw dħul għall-baġit, li jmur lil hinn mill-formulazzjoni tat-test tat-TFUE. Ir-Rumanija tisħaq li hija aġixxiet bħalma kien jaġixxi sempliċi azzjonist u li kellha l-għan li tikkonsolida l-interessi tagħha stess, **mhux** li tipprovdi vantaġġ ekonomiku lil ċertu operatur ekonomiku ([90]).

(107) *It-tieni nett*, ir-Rumanija ssostni li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità kienet approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-UE fuq terminu medju lir-Rumanija ([91]) ("id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013"), ikkorroborat mid-dispożizzjonijiet tal-Arranġament ta' Riżerva prekawzjonarju bejn ir-Rumanija u l-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") fl-ammont ta' SDR 1 751,34 miljun, kif maqbul bl-Ittra ta' Intenzjoni ffirmata mill-awtoritajiet Rumeni f'Bukarest fit-12 ta' Settembru 2013, kif approvat bid-Deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2013 tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI ([92]). Ir-Rumanija tadotta din il-fehma abbażi tal-Anness I tal-Arranġament ta' Riżerva ([93]), li jistipula dan li ġej:

"*Is-sena li għaddiet wettaqna xi riformi importanti relatati mal-SoEs u mas-setturi tal-enerġija u t-trasport. Pereżempju, […], permezz ta' insolvenza jew likwidazzjoni volontarja ta' xi ftit kumpaniji, ta' **konverżjonijiet ta' dejn**, u ta' miżuri ta' ristrutturar. (enfasi miżjuda) […] Ir-riformi ewlenin fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport jinkludu: […] Is-settur tat-trasport: tajna bidu għal ftehim ta' bejgħ-xiri għall-bejgħ ta' sehem ta' 51 % fil-kumpanija tal-merkanzija tal-[I]stat [CFR Marfã] għal RON 905 miljun u ħadna deċiżjoni tal-gvern li tapprova l-ftehim ta' bejgħ-xiri. Approvajna wkoll skema ta' eliminazzjoni tal-arretrati f'Ġunju fejn l-arretrati ta' CFR Marfã se jitnaqqsu b'aktar minn 90 % wara l-konklużjoni tal-bejgħ […].*" ([94])

"**Qed nippjanaw ukoll li niffaċilitaw il-ħlas imtejjeb tal-aċċess għall-infrastruttura u tal-imposti tal-elettriku mill-kumpanija tal-Istat għat-trasport tal-passiġġieri u minn CFR Marfã permezz ta' riformi ta' dawk l-intrapriżi u biex jitħallsu d-djun pendenti fost it-tliet kumpaniji ferrovjarji prinċipali.** Il-miżuri biex titjieb il-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja ta' dawn il-kumpaniji jistgħu jinkludu: […] –CFR Marfã: Se nissodisfaw l-obbligi tagħna skont il-ftehim ta' xiri-bejgħ għall-bejgħ maġġoritarju ta' CFR Marfã u se nagħlqu t-tranżazzjoni (skambju ta' ħlas għall-ishma) sa nofs Ottubru 2013. F'dan il-kuntest, l-approvazzjoni tal-kontroll tal-fużjoni se tintalab mill-awtorità regolatorja rilevanti. Jekk il-proċess ta' privatizzazzjoni jiffaċċa ostakli li ma jistgħux jingħelbu, se nerġgħu niftħu l-offerta għall-privatizzazzjoni maġġoritarja ta' Marfa f'konformità ma' proċess li jsegwi l-aħjar prattiki internazzjonali".

(108) Ir-Rumanija tispjega li l-Arranġament ta' Riżerva msemmi hawn fuq, inkluż l-Anness ikkwotat fil-Premessa 107 hawn fuq, ġie approvat mill-Kunsill tal-UE skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013, li fost l-oħrajn issemmi kundizzjonijiet speċifiċi tal-politika ekonomika stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil li jinkludu, fost l-oħrajn, ir-ristrutturar tal-intrapriżi tal-Istat (SOEs), inkluż il-bejgħ ta' ishma fil-kapital tagħhom, u t-tisħiħ tal-governanza korporattiva tal-SOEs.

(109) Ir-Rumanija ssostni li l-Kunsill tal-UE mhux biss approva l-privatizzazzjoni ta' CFR Marfã u l-miżura ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità favur tagħha, iżda li l-Kummissjoni Ewropea mmonitorjat b'mod permanenti l-proċess ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfã.

(110) B'mod partikolari, f'konnessjoni mal-monitoraġġ tal-Kummissjoni, ir-Rumanija ssemmi r-rapport tal-Kummissjoni "*Il-Programm għall-Bilanċ tal-Pagamenti. Ir-Rumanija, 2013-2015*" li, fost l-oħrajn jippreżenta dak l-istatus tal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfã, inkluża l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. B'mod partikolari, skont ir-rapport ikkwotat, il-privatizzazzjoni, fost l-oħrajn, kieku ttaffi t-tħassib b'konverżjoni ta' dejn f'ekwità mwettqa f'Ġunju 2013, qabel it-tentattivi ta' privatizzazzjoni ta' Ottubru 2013 li ma rnexxewx ([95]).

([90]) Il-kummenti tar-Rumanija dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi sottomessi fl-14 ta' Awwissu 2018.
([91]) ĠU L 286, 29.10.2013, p. 1, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013D0531&from=MT
([92]) It-Tweġiba tar-Rumanija għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2018 sottomessa fid-19 ta' Diċembru 2018 ("it-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018"). Punt A.
([93]) L-Anness intitolat "Ir-Rumanija – Memorandum tal-Politika Ekonomika u Finanzjarja" tal-Ittra ta' Intenzjoni tat-12 ta' Settembru 2013.
([94]) Ibid, il-paragrafu 36.
([95]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima II.

(111) *It-tielet nett*, ir-Rumanija ssostni li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tissodisfa t-test standard tal-operatur f'ekonomija tas-suq u ttenni s-sejbiet tal-istudju ta' Deloitte li hija pproduċiet u ppreżentat lill-Kummissjoni.

(112) Ir-Rumanija ttenni li hija kkummissjonat lid-ditta tal-awditjar u ta' konsultazzjoni Deloitte biex twettaq studju biex isir it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq. L-istudju twettaq billi ġie applikat metodu magħruf, b'mod aktar speċifiku l-kalkolu tal-valur fis-suq tas-sehem ta' 51 % fil-31 ta' Diċembru 2012, bl-użu tal-metodu tal-fluss tal-flus skontat ("il-metodu DCF") u, separatament, kalkolu tal-valur fis-suq tas-sehem residwu tal-ekwità (49 %) bil-preżunzjoni li dan is-sehem tal-ekwità jinbiegħ fil-perjodu 2015-2018, u bl-applikazzjoni tal-metodu ta' valwazzjoni tal-multipli tas-CBIT u tal-EBITDA.

(113) Ir-Rumanija tenfasizza s-sejbiet tar-rapport ta' Deloitte tad-29 ta' Marzu 2019, li skonthom, il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità segwita mill-privatizzazzjoni ta' CFR Marfă kienet tippermetti li l-Istat, bħala azzjonist u kreditur, jirkupra ammont akbar (medja ta' RON 1 079,9 miljun jew bejn wieħed u ieħor EUR 235 miljun) minn likwidazzjoni immedjata tal-kumpanija (medja ta' RON 916,97 miljun jew bejn wieħed u ieħor EUR 199 miljun).

(114) Ir-Rumanija tindika li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità nkisbet biss wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonjiet tal-istudju ta' Deloitte, billi nħarġet l-Ordinanza ta' Emerġenza 61/2013 tal-12 ta' Ġunju 2013, jiġifieri wara li twettaq it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq.

(115) Ir-Rumanija tenfasizza wkoll li l-Ordninanza ta' Emerġenza 61/2013 imsemmija hawn fuq inħarġet b'kunsiderazzjoni dovuta għall-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-FMI u tal-UE (ara wkoll il-Premessi 107 *et subseq*. hawn fuq), billi l-memoranda ta' qbil kollha konklużi ma' dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali wara l-2011 jipprevedu riformi strutturali (inklużi privatizzazzjonijiet) maħsuba għal għadd kbir ta' intrapriżi tal-Istat f'diversi oqsma, inkluż it-trasport (CFR Infrastructură, CFR Marfă, Tarom) ([96]). B'mod partikolari, ir-Rumanija tenfasizza d-deskrizzjoni ta' waħda mir-riformi inklużi f'memorandum bħal dan approvat mid-deċiżjoni tal-Kunsill li skontha r-Rumanija approvat ukoll skema ta' eliminazzjoni tal-arretrati f'Ġunju fejn l-arretrati ta' CFR Marfă jitnaqqsu b'aktar minn 90 % mal-konklużjoni tal-bejgħ ([97]).

(116) *Ir-raba' nett*, ir-Rumanija ssostni li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 favur CFR Marfă hija simili ħafna għal miżuri oħra li jikkonċernaw lill-operaturi stabbiliti tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fi Stati Membri oħra, fejn il-Kummissjoni sabet li ma kinitx involuta għajnuna mill-Istat jew fejn l-għajnuna ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern. Ir-Rumanija tagħti l-eżempji tal-preċedenti tal-Kummissjoni li ġejjin: id-deċiżjoni tas-16.6.2017 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.32544 (2011/C) implimentata mill-Greċja favur il-Grupp Ferrovjarju Grieg TRAINOSE ([98]), id-deċiżjoni S.A. tal-20.7.2018 dwar is-self pubbliku SA.29198 - (2010/C) (eks 2009/NN) mogħti mis-Slovakkja lil Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s. (ZSSK Cargo) ([99]), u d-deċiżjoni tad-19.6.2017 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.39877 (2017/NN) – il-Kroazja – Għajnuna lil HŽ Cargo d. o. o. - Kanċellazzjoni tad-dejn ([100]).

(117) Ir-Rumanija ssostni li l-punt komuni huwa li l-operaturi ferrovjarji f'dawk l-Istati u CFR Marfă ffaċċaw diffikultajiet finanzjarji u ġarrbu telf sinifikanti u l-awtoritajiet pubbliċi ddeċidew li jintervjenu, meta qiesu l-importanza tagħhom għall-ekonomiji nazzjonali. Għalhekk, hija tqis li r-Rumanija, il-Kroazja, il-Greċja u s-Slovakkja aġixxew fl-istess spirtu fir-rigward tal-operaturi ferrovjarji nazzjonali, li kollha kemm huma ffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji. Fil-fehma tar-Rumanija, ir-riżultat tal-valutazzjoni ta' din il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità (kif ukoll tal-miżuri l-oħra) ma għandux ikun differenti għal CFR Marfă.

(118) B'mod partikolari, ir-Rumanija tfakkar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.32544 implimentata mill-Greċja favur il-Grupp Ferrovjarju Grieg Trainose S.A., u b'mod partikolari ż-żieda ta' EUR 60 miljun fl-ekwità li twettqet fl-2009 b'fondi mill-baġit tal-Istat.

(119) Ir-Rumanija tosserva li għalkemm l-awtoritajiet Griegi kienu qiesu li l-miżura rispettiva ma kinitx għajnuna mill-Istat, madankollu nstab li l-miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna u ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni minħabba li ([101]):

([96]) It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, it-Sottotaqsima C.
([97]) It-Taqsima 36 tal-Anness intitolat "*Ir-Rumanija: Memorandum dwar il-Problemi Ekonomiċi u Finanzjarji*" tal-Ittra ta' Intenzjoni ffirmata mill-awtoritajiet Rumeni f'Bukarest fit-12 ta' Settembru 2013, id-Deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2013 tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI.
([98]) Ara SA.32544 - *Ristrutturar tal-Grupp Ferrovjarju Grieg - TRAINOSE S.A.*, (ĠU L 186, 24.7.2018, p. 25).
([99]) Ara SA.29198 – is-Slovakkja - *Self pubbliku mogħti mis-Slovakkja lil Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s. (ZSSK Cargo)*, (ĠU C 117, 6.5.2010, p. 13).
([100]) Ara SA.39877 – Il-Kroazja - Għajnuna lil HZ Cargo - Kanċellazzjoni tad-dejn (ĠU C 117, 6.5.2017, p. 3).
([101]) Ara t-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, il-Punt B.

(a) il-miżura kellha l-għan li tirrimedja disturbi serji fl-ekonomija tal-Greċja. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija tfakkar li l-Kummissjoni żammet u aċċettat l-argumenti rigward is-sitwazzjoni ekonomika tal-Greċja (il-kriżi ekonomika) u l-fatt li Trainose kellha rwol vitali fl-ekonomija ta' dan il-pajjiż. Il-likwidazzjoni tagħha kienet toħloq diffikultajiet għall-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja, għal xi whud mis-sussidjarji tagħha, għal impriżi importanti fil-Greċja u għall-kummerċ barrani mwettaq mill-pajjiż. Barra minn hekk, dan kien jikkontribwixxi jew direttament jew indirettament għaż-żieda fil-qgħad f'pajjiż affettwat minn kriżi;

(b) il-miżura kienet adegwata/xierqa, meħtieġa u proporzjonali. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija tfakkar li "l-Kummissjoni qieset li, lil hinn mis-sitwazzjoni u l-benefiċċji ta' Trainose: il-miżura kienet konsistenti mal-iskop li jiġu evitati riskji għas-sistema ferrovjarja Griega u li tiġi evitata diskontinwità tal-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija għall-ekonomija u l-popolazzjoni; […] kienet limitata fiż-żmien; […] kienet meħtieġa għall-privatizzazzjoni ta' Trainose; […] kienet tiżgura s-sopravivenza temporanja sal-privatizzazzjoni effettiva tal-kumpanija; […] ma kellhiex l-għan li żżid il-kapaċità tal-kumpanija u, għal din ir-raġuni, ma affettwatx il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE."

(120) Ir-Rumanija ssostni wkoll li l-kanċellazzjoni tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità wara l-privatizzazzjoni tal-2013 li ma rnexxitx u l-ordni mogħtija biex CFR Marfă tirrimborża l-ammont relatat mal-konverżjoni kien jirriżulta f'diffikultajiet operazzjonali kbar għal CFR Marfă, li kienu jwasslu għar-**riskju inaċċettabbli li l-kumpanija ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġi, il-ftehimiet u l-konvenzjonijiet fil-qasam tad-difiża nazzjonali, jew dawk li jirriżultaw mis-sħubija tar-Rumanija fin-NATO**, meta jitqiesu l-kunflitt fl-Ukrajna li faqqa' fl-2014, ir-reazzjoni kbira għal dan il-kuntest politika u militari, u ż-żieda ta' 562.89 % fid-domanda għall-vjeġġi militari. **L-eċċezzjoni msemmija taħt l-Artikolu 107(1) tat-TFUE u l-Artikolu 4 tat-TUE hija ġġustifikata f'dan l-isfond.** ([102])

(121) B'mod partikolari, ir-Rumanija tenfasizza li l-bejgħ tal-assi bħala parti minn likwidazzjoni potenzjali tal-kumpanija, f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ, jista' jieħu żmien pjuttost twil, li jirriżulta f'perjodi ta' żmien sinifikanti meta r-riżorsi meħtieġa għas-sistema ta' difiża tal-pajjiż u għall-vjeġġi strateġiċi ma jkunux jistgħu jintużaw u jiddeterjoraw waqt li jkun qed jinżammu fil-garaxxijiet. Matul dawn il-perjodi meta CFR Marfă ma tkunx tista' tipprovdi servizzi tat-trasport u dawk ir-riżorsi jkunu għadhom ma sarux proprjetà ta' operatur ferrovjarju ieħor, kif kien il-każ fl-2008 u fl-2014, jistgħu jfaqqgħu jew jerġgħu jaqbdu xi kunflitti, kif indikat fl-Istrateġija Nazzjonali tad-Difiża ([103]). F'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-Rumanija tibża' li hija ma jibqax ikollha l-kapaċità tat-trasport u ma tkunx tista' tibqa' tirreaġixxi kif xieraq għal xi sfidi possibbli, li mhuwiex aċċettabbli.

4. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

(122) Il-Kummissjoni l-ewwel teżamina jekk il-Miżuri 1 sa 5 favur CFR Marfă jinvolvux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara s-Sottotaqsima 4.1 hawn taħt), jekk CFR Marfă kinitx impriża f'diffikultà, (ara s-Sottotaqsima 4.2 hawn taħt), u jekk l-għajnuna kinitx diġà implimentata (ara s-Sottotaqsima 4.3 hawn taħt). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tivvaluta jekk din l-għajnuna tistax tkun kompatibbli mas-suq intern (ara s-Sottotaqsima 4.4 hawn taħt).

4.1. L-Eżistenza ta' Għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat

(123) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(124) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni teħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-miżura trid tkun imputabbli għall-Istat u tiġi ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat;

(b) il-miżura trid tikkonferixxi vantaġġ lir-riċevitur tagħha;

(c) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u

(d) il-miżura trid toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

([102]) Is-Sottotaqsima F, il-Punt 8 tat-tweġiba tar-Rumanija għall-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi.

([103]) L-Istrateġija Nazzjonali tad-Difiża tħejjiet taħt il-koordinazzjoni tal-President tar-Rumanija u ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 33/2015.

4.1.1. *Impriża*

(125) Skont il-każistika stabbilita, il-Kummissjoni l-ewwel trid tistabbilixxi l-benefiċjarju tal-miżuri taħt valutazzjoni. L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jirreferi għall-kunċett ta' impriża fid-definizzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Il-Qrati tal-UE jiddefinixxu l-kunċett ta' impriża bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom u mill-mod kif jiġu ffinanzjati ([104]). L-uniku kriterju rilevanti huwa jekk din twettaqx attività ekonomika, u għalhekk jekk toffrix prodotti u/jew servizzi fis-suq.

(126) CFR Marfă hija 100 % kumpanija tal-Istat b'responsabbiltà limitata. Din ġiet inkorporata bħala kumpanija b'ishma konġunti fl-1 ta' Ottubru 1998 wara r-riorganizzazzjoni tal-operatur stabbilit ta' Romanian Railways, u tipprovdi trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u servizzi relatati oħra fis-suq.

(127) Għalhekk, CFR Marfă hija entità għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Kummissjoni se tkompli billi tivvaluta jekk l-attività tal-forniment ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u ta' servizzi relatati oħra fis-suq minn CFR Marfă hijiex attività ekonomika.

4.1.2. *Attività ekonomika*

(128) Fil-bidu nett, il-Kummissjoni vvalutat l-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE fid-dawl tal-argumenti tar-Rumanija li CFR Marfă teżerċita setgħa pubblika.

(129) Ir-Rumanija targumenta (ara l-Premessi 63 sa 76 hawn fuq) li l-Artikolu 107(1) TFUE mhuwiex applikabbli għal CFR Marfă bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) TUE ([105]) u tal-Punt 17 tan-NoA, li jipprovdi, fost oħrajn, li l-Artikolu 107(1) TFUE ma japplikax fejn l-Istat jaġixxi "billi jeżerċita setgħa pubblika, jew fejn l-entitajiet pubbliċi jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet pubbliċi". Ir-Rumanija tisħaq li hija eżerċitat setgħat pubbliċi meta adottat il-Miżuri 1-3 u 5, li kellhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tat-twettiq tal-obbligi ta' CFR Marfă fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali u d-difiża.

(130) Il-Kummissjoni tosserva li dan l-argument huwa żbaljat għar-raġunijiet li ġejjin.

(131) *L-ewwel nett*, dan l-argument jinterpreta b'mod skorrett il-mod kif huwa intenzjonat li jaħdmu d-dispożizzjonijiet tal-Punt 17 tan-NoA. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħmlu parti mit-Taqsima 2 tan-NoA, li tinkludi regoli relatati mal-kunċett ta' impriża u ta' attività ekonomika. L-Artikolu 107(1) TFUE huwa applikabbli fir-rigward ta' entitajiet li jikkwalifikaw bħala impriżi involuti f'attività ekonomika skont ir-regoli stipulati fit-Taqsima 2 tan-NoA. Għalhekk, it-test għall-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE jinvolvi l-valutazzjoni ta' jekk CFR Marfă hijiex impriża involuta f'attività ekonomika.

(132) Għall-kuntrarju, ir-Rumanija tissuġġerixxi li l-Artikolu 107(1) TFUE mhuwiex applikabbli għal CFR Marfă minħabba li r-Rumanija eżerċitat is-setgħat pubbliċi tagħha meta adottat il-Miżuri 1-3 u 5 favur CFR Marfă biex tiżgura l-kontinwità tal-vjeġġi ta' materjali strateġiċi u militari, kif ukoll it-twettiq ta' obbligi oħra relatati mal-finijiet ta' sigurtà nazzjonali u difiża. Fi kliem ieħor, ir-Rumanija tissuġġerixxi li l-Artikolu 107(1) TFUE mhuwiex applikabbli għal CFR Marfă sempliċiment minħabba l-kapaċità li fiha l-Istat Rumen adotta l-Miżuri 1-3 u 5 favur CFR Marfă.

(133) Il-Kummissjoni tosserva li dan l-argument huwa relatat mal-kwistjoni ta' jekk it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq huwiex applikabbli għall-azzjonijiet tar-Rumanija meta adottat il-Miżuri 1-5 u, jekk applikabbli, l-applikazzjoni ta' dak it-test (il-Punti 76-77 tan-NoA) kif indirizzat fil-Premessi 179 sa 181 hawn taħt. Madankollu, l-applikabbiltà u l-applikazzjoni tat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq ma jinvolvux il-valutazzjoni ta' jekk CFR Marfă hijiex impriża involuta f'attività ekonomika għall-finijiet tal-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għalhekk, l-argument tar-Rumanija jinterpreta b'mod skorrett l-għan tat-Taqsima 2 tan-NoA.

(134) *It-tieni nett*, ir-Rumanija ma pprovditx evidenza li l-attività ta' CFR Marfă mhijiex waħda ekonomika. B'mod partikolari, ir-Rumanija ma pprovditx evidenza li r-Rumanija ħarġet l-attivitajiet tal-vjeġġi militari u l-vjeġġi ta' prodotti strateġiċi 'l barra mid-dominju ekonomiku għall-eżerċitar tas-setgħat pubbliċi tagħha, li seta' juri li dawn l-attivitajiet huma tabilħaqq mhux ekonomiċi ([106]).

([104]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov u Oħrajn*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:EU:C:2000:428, il-Paragrafu 74; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze SpA u Oħrajn*, C-222/04, ECLI:EU:C:2006:8, il-Paragrafu 107.

([105]) L-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati, kif ukoll l-identitajiet nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi fundamentali tagħhom, politiċi u kostituzzjonali, inkluża l-awtonomija reġjonali u lokali. Hija għandha tirrispetta l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru.

([106]) Il-Kawża C-138/11, *Compass-Datenbank GMBH vs L-Awstrija*, ECLI:EU:C:2012:449, il-Paragrafi 43-44; ukoll il-Kawża T-138/15 – *Aanbestedingskalender u Oħrajn vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2017:675, il-paragrafi 38-108.

(135) Għall-kuntrarju, huwa ċar mis-sottomissjonijiet Rumeni li l-vjeġġi militari huma servizzi mogħtija minn CFR Marfà abbażi ta' kuntratti annwali u huma rimunerati ([107]). Ir-Rumanija tammetti wkoll li s-swieq għall-vjeġġi militari u għall-attivitajiet relatati huma miftuħin għall-operaturi privati tal-ferroviji kollha b'liċenzja valida, għalkemm huma soġġetti għall-ksib ta' ċerti approvazzjonijiet tas-sigurtà (ara l-Premessa 75 hawn fuq). Dan huwa kkonfermat ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-protokolli, l-ordnijiet konġunti u l-ftehimiet ([108]) konklużi bejn il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tat-Turiżmu, li jiddikjaraw li l-obbligi li tiġi żgurata l-kontinwità tal-vjeġġi militari fi żminijiet ta' paċi, ta' gwerra, ta' diżastri naturali, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew f'ċirkostanzi straordinarji oħra ma jgħoddux biss għal CFR Marfà, iżda wkoll għal operaturi liċenzjati oħra tat-trasport bil-ferrovija, li għandhom jiġu rimunerati fuq il-bażi kuntrattwali.

(136) Dan ta' hawn fuq juri biċ-ċar li dawn is-servizzi ta' vjeġġi militari ma ttiħdux barra mid-dominju ekonomiku mill-Istat u jiġu pprovduti minn CFR Marfà abbażi ta' mekkaniżmi tas-suq, u għalhekk jikkwalifikaw bħala attivitajiet ekonomiċi ([109]).

(137) Il-fatt li l-operaturi privati tal-merkanzija bil-ferrovija ma jixtiqux jinvolvu lilhom infushom fi vjeġġi militari jew minħabba d-domanda limitata jew inkella minħabba n-nuqqas ta' kapaċità, ma għandux effett fuq din il-konklużjoni – dak li jimporta huwa l-possibbiltà unika għal dawn l-operaturi li jikkompetu għal dawn il-kuntratti ma' CFR Marfà, li hija garantita wkoll mill-ispirtu u mill-formulazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([110]), trasposta fil-liġi Rumena bl-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 114/2011 tal-21 ta' Diċembru 2011 ([111]).

(138) Barra minn hekk, l-obbligu li jiġu stabbiliti, miżmuma u ppreservati r-riżervi f'diversi punti tan-network ferrovjarju huwa prerekwiżit biex CFR Marfà tkun tista' tipprovdi vjeġġi militari remunerati fuq bażi kuntrattwali ([112]), li huwa għaliex il-Kummissjoni tqis li dan jagħmel parti mill-attività ekonomika tal-vjeġġi militari. Il-fatt li CFR Marfà tista' tuża r-riżorsi mmarkati bħala riżervi ta' mobilizzazzjoni għall-attivitajiet kummerċjali normali tagħha ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (inklużi l-vjeġġi militari) iservi wkoll bħala konferma addizzjonali ta' din il-konklużjoni. Lanqas il-fatt li CFR Marfà tista' ma tkunx qed tirċievi rimunerazzjoni adegwata għall-ispejjeż imġarrba mill-istabbiliment, iż-żamma u l-preservazzjoni ta' dawn ir-riżervi ma jibdel dik il-konklużjoni, billi hija każistika stabbilita li kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u/jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika, irrispettivament minn jekk din issirx mingħajr motivazzjoni ta' profitt jew għall-kumpens dovut ([113]). Għalhekk, il-fatt li CFR Marfà tista' ma tkunx qed tiġi kkumpensata kif xieraq għall-forniment ta' ċerti servizzi ma għandux jaffettwa l-kwalifika tas-servizzi bħala attività ekonomika.

(139) Il-Kummissjoni ma taċċettax l-argument tar-Rumanija li CFR Marfà biss, li għandha madwar 93 % mill-flotta nazzjonali tal-vaguni, hija *de facto* l-unika operatur li huwa kapaċi jissodisfa l-obbligu li jżomm ir-riżervi ta' mobilizzazzjoni. Anke li kieku dan l-argument ikun kapaċi jagħmel differenza fil-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-Premessa 136 (*quod non*, billi fil-prinċipju, id-dominju tal-vjeġġi militari ma ttiħidx barra mid-dominju ekonomiku mill-Istat Rumen), ir-Rumanija ma pprovditx evidenza dwar għalfejn operaturi privati oħrajn ma jkunux kapaċi jikkompetu għal vjeġġi militari jew jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' mobilizzazzjoni bis-7 % l-oħra tal-vaguni jew bil-vaguni mixtrija addizzjonalment mis-suq għal dak il-għan (*inter alia* mingħand CFR Marfà, jew fuq bażi kummerċjali normali jew matul il-likwidazzjoni ta' CFR Marfà). Il-Kummissjoni tosserva li, għalkemm ir-Rumanija tisħaq li r-riżervi inklużi fil-pjanijiet ta' mobilizzazzjoni ma jistgħux jintremew u jridu jinżammu operazzjonali bi spiża ta' CFR Marfà (il-Premessa 64(ii)), ir-Rumanija ma setgħetx tipprovdi lill-Kummissjoni bid-dispożizzjoni espressa fil-liġijiet li tikkonferma dan ([114]).

([107]) Il-Punti 1 u 2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.

([108]) Il-Protokoll Interministerjali Nru M-86 tat-2 ta' Lulju 2003 dwar il-kooperazzjoni bejn il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tat-Turiżmu għall-koordinazzjoni u t-twettiq ta' trasport permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni ferrovjarji, navali u tal-ajru, ir-regoli ta' implimentazzjoni ta' dan il-protokoll interministerjali approvati mill-Ordni Konġunta Nru M 163/1053/2003 tal-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali u tal-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tat-Turiżmu, u l-Ftehim għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija għall-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali fi ħdan it-traffiku domestiku u li jistabbilixxi d-dokumenti tat-trasport militari u l-mezzi ta' pagament Nru A 220 tat-12 ta' Jannar 2001, sottomessi bħala l-Anness Nru 9 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

([109]) Ara, b'analoġija, is-Sentenza tal-11 ta' Settembru 2007, *Schwarz and Gootjes-Schwarz*, C-76/05, EU:C:2007:492, il-Paragrafi 37 u 38 u l-każistika kkwotata.

([110]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

([111]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 1.

([112]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ; is-sottomissjoni tar-Rumanija datata l-14 ta' Awwissu 2018.

([113]) Il-Kawżi Magħquda 209/78 sa 215/78 u 218/78 *Van Landewyck*, ECLI:EU:C:1980:248 il-Paragrafu 88; il-Kawża C-244/94 *FFSA u Oħrajn*, ECLI:EU:C:1995:392, il-Paragrafu 21; il-Kawża C-49/07 *MOTOE* ECLI:EU:C:2008:376, il-Paragrafi 27 u 28.

([114]) Id-dispożizzjonijiet ikkwotati mir-Rumanija fil-Punt 2.1 tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019 ma jikkonfermawx l-eżistenza tal-projbizzjoni ta' disponiment minn riżorsi inklużi fil-pjanijiet ta' mobilizzazzjoni u li dawn jinżammu operazzjonali għad-detriment ta' CFR Marfà.

(140) Il-Kummissjoni bl-istess mod ma taċċettax l-argument tar-Rumanija li l-ebda wieħed mill-operaturi l-oħrajn tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija ma jista' jikkwalifika biex jikseb iċ-ċertifikati ta' sigurtà industrijali meħtieġa. Anke li kieku dan l-argument ikun kapaċi jagħmel differenza fil-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-Premessa 136 (*quod non*, billi fil-prinċipju d-dominju tal-vjeġġi militari ma tteħidx barra mid-dominju ekonomiku mill-Istat Rumen), il-Kummissjoni tosserva li hija r-responsabbiltà tal-operaturi privati tal-ferroviji rispettivi li jagħmlu l-bidliet meħtieġa biex jiksbu ċ-ċertifikati rispettivi. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-fatt li anke eks-Ministru tat-Trasport ([115]) u eks-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' CFR Marfà nstabu ħatja mill-qrati nazzjonali Rumeni għal attivitajiet kriminali ekwivalenti għal korruzzjoni (ara l-Premessa 41 hawn fuq), li bl-istess mod jiskwalifika lil CFR Marfà milli tkun fornitur ta' servizzi ta' vjeġġi militari.

(141) Rigward l-argument tar-Rumanija li l-attività tal-laneċ ta' CFR Marfà mhijiex ta' natura ekonomika, il-Kummissjoni tieħu nota tal-argument tar-Rumanija li dawn il-laneċ ma ntużawx għal finijiet kummerċjali minħabba li linji tal-laneċ oħra li joperaw mill-port ta' Constanta ma kinux ekonomikament vijabbli (il-Premessa 64(vi)). Il-Kummissjoni tqis dan bħala indikazzjoni ċara li l-attività tal-laneċ ta' CFR Marfà taqa' taħt id-dominju ekonomiku, billi hija każistika stabbilita li kwalunkwe attività li tikkonsisti mill-offerta ta' prodotti u/jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika, irrispettivament minn jekk din issirx għall-profitt jew għal kumpens dovut ([116]).

(142) Rigward il-vjeġġi ta' merkanzija strateġika, il-Kummissjoni tosserva li dawn il-vjeġġi jitwettqu minn CFR Marfà abbażi tal-kuntratti normalment konklużi wara sejħiet għall-offerti, li fihom operaturi privati oħra jipperteċipaw u jikkompetu ma' CFR Marfà (ara l-Premessa 65 hawn fuq). Is-servizzi mogħtija skont dawn il-kuntratti jiġu remunerati taħt il-kundizzjonijiet tal-kuntratt rispettiv (il-Premessa 66). Għalhekk, huwa ċar li l-kuntratti għall-vjeġġi ta' prodotti strateġiċi jingħataw, u s-servizzi rispettivi taħt dawk il-kuntratti jitwettqu, b'termini tas-suq, u għalhekk huma ta' natura ekonomika.

(143) Għalkemm ir-Rumanija tisħaq li f'ċerti kundizzjonijiet ta' kriżi dawn is-servizzi jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet pubbliċi lil hinn mill-kuntratti eżistenti, ir-Rumanija tammetti dawn il-vjeġġi ġew rimunerati bil-prezzijiet stipulati fil-kuntratti mogħtija permezz ta' proċeduri ta' akkwist qabel ma seħħew il-kundizzjonijiet tat-temp diffiċli rispettivi ([117]).

(144) Rigward il-parteċipazzjoni mhux rimunerata ta' CFR Marfà f'diversi eżerċizzji pubbliċi u fil-forniment ta' riżorsi tat-trasport tal-merkanzija mingħajr l-ebda kumpens monetarju fl-interess ta'/għal ċerti awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet pubbliċi (kif imsemmi fil-Premessa 67), il-Kummissjoni ma tarax kif dan jista' jkollu effett fuq id-definizzjoni tal-attivitajiet ta' CFR Marfà fit-twettiq ta' vjeġġi strateġiċi abbażi ta' kuntratti mogħtija skont it-termini tas-suq bħala ekonomiċi b'mod ċar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li r-Rumanija ma pprovditx evidenza dwar jekk il-forniment ta' riżorsi ta' CFR Marfà mingħajr l-ebda kumpens monetarju fl-interess ta' ċerti awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet pubbliċi kellux mandat bil-liġijiet applikabbli, u fi kwalunkwe każ ma pprovditx kwantifikazzjoni tal-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet.

(145) Għalhekk, mhemmx dubju li CFR Marfà hija impriża li twettaq attività ekonomika fir-rigward tal-attivitajiet kollha ta' trasport tal-merkanzija tagħha, li l-Artikolu 107(1) TFUE huwa applikabbli għalihom.

(146) *It-tielet nett, u fl-alternattiva*, il-Kummissjoni tfakkar li l-fatt li entità teżerċita, għall-finijiet ta' parti mill-attivitajiet tagħha, prerogattivi ta' awtorità pubblika ma jimpedixxilhiex, waħdu, milli tiġi kklassifikata bħala impriża skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni għall-bqija tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha ([118]). Skont il-każistika, jekk l-attività ekonomika tal-entità kkonċernata tkun tista' tiġi separata mill-eżerċitar tal-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, dik l-entità trid tiġi kkwalifikata bħala intrapriża għal dik il-parti tal-attivitajiet tagħha ([119]).

([115]) http://www.pna.ro/comunicat.xhtml?id=4618, stqarrija għall-istampa tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni datata t-30 ta' Jannar 2014 li tirreferi għad-Deċiżjoni Nru 18 tal-Qorti kriminali maħruġa fit-30 ta' Jannar 2014.

([116]) Il-Kawżi Magħquda 209/78 sa 215/78 u 218/78 *Van Landewyck*, ECLI:EU:C:1980:248 il-Paragrafu 88; il-Kawża C-244/94 *FFSA u Oħrajn*, ECLI:EU:C:1995:392, il-Paragrafu 21; il-Kawża C-49/07 *MOTOE* ECLI:EU:C:2008:376, il-Paragrafi 27 u 28.

([117]) Il-Punt 7.2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.

([118]) Il-Kawża C-82/01 P, *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2002:617, il-Paragrafu 74, tal-1 Lulju 2008; il-Kawża C-49/07 *MOTOE*, ECLI:EU:C:2008:376, il-Paragrafu 25.

([119]) Ara, għalhekk, is-Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, *Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania*, C-74/16, ECLI:EU:C:2017:496, il-Paragrafi 44 sa 63.

(147) Il-Kummissjoni tqis li, anke li kieku l-attività ta' CFR Marfà ta' servizzi ta' vjeġġi militari u ż-żamma tar-riżervi ta' mobilizzazzjoni kellhom jitqiesu bħala attivitajiet mhux ekonomiċi, ir-Rumanija ma pprovditx evidenza li turi li l-attivitajiet ekonomiċi tat-trasport kummerċjali tal-merkanzija bil-ferrovija mwettqa minn CFR Marfà ma setgħux jinfirdu mill-prerogattivi tal-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam militari. Is-sempliċi fatt li jista' jkun hemm rabta ekonomika bejn dawk l-attivitajiet, billi l-attivitajiet ekonomiċi ta' CFR Marfà jagħmluha possibbli li jiġu ffinanzjati, bis-sħiħ jew parzjalment, l-attivitajiet mhux ekonomiċi ta' CFR Marfà, mhuwiex biżżejjed biex jintwera li dawn l-attivitajiet ma jistgħux jiġu separati, skont it-tifsira tal-każistika ([120]).

(148) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, għalkemm l-Artikolu 346(2) TFUE, li huwa applikabbli għall-produzzjoni jew għall-kummerċ ta' armi, munizzjon jew materjal ta' gwerra, ma japplikax fir-rigward tas-servizzi tat-trasport (u r-Rumanija ma tinvokahx), ċerti prinċipji dderivati fil-ġurisprudenza mill-applikazzjoni tal-Artikolu 346(2) TFUE huma applikabbli b'analoġija għall-kwistjoni tas-separazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi għall-iskop tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li l-impriżi li jwettqu attivitajiet kemm mhux ekonomiċi kif ukoll ekonomiċi ma jistgħux jinvokaw id-dispożizzjonijiet tal-Punt 18 tan-NoA, billi jargumentaw li l-attivitajiet ekonomiċi huma meħtieġa għall-vijabbiltà tal-attività militari/ta' difiża biex jisħqu li dawn huma marbuta b'mod inseparabbli ([121]).

(149) Barra minn hekk, huwa ċar li l-attività kummerċjali ta' CFR Marfà fis-settur tal-merkanzija bil-ferrovija tista' tiġi separata mill-eżerċitar ta' dawn l-attivitajiet mhux ekonomiċi, l-ewwel u qabel kollox minħabba l-fatt li, kif ammettiet ir-Rumanija (ara l-Premessa 64 hawn fuq), il-vjeġġi militari huma regolati b'regoli separati u jitwettqu skont kuntratti separati konklużi bejn il-Ministeru tad-Difiża u CFR Marfà, fost l-oħrajn.

(150) Barra minn hekk, filwaqt li inizjalment ir-Rumanija rrifjutat li tipprovdi ċifri dwar il-perċentwal tar-riżorsi riżervati għall-finijiet ta' difiża nazzjonali (minħabba s-segretezza tal-Istat), u ddikjarat li kien impossibbli li jiġu riflessi l-ispejjeż imġarrba minn CFR Marfà minħabba din ir-riżerva ta' riżorsi minħabba li l-awtoritajiet pubbliċi ma ħejjewx metodoloġiji f'dak ir-rigward (ara l-Premessa 64 hawn fuq), ir-Rumanija xorta waħda indikat li l-vjeġġi militari jiġu ordnati b'mod mhux kontinwu u jirrappreżentaw sehem ħafna iżgħar minn operazzjonijiet tat-trasport oħra, u indikat li jirrappreżentaw madwar 2 % mill-fatturat totali ta' CFR Marfà ([122]). Barra minn hekk, ir-Rumanija pprovdiet ukoll stima tal-ispejjeż imġarrba minn CFR Marfà minħabba l-istabbiliment u ż-żamma tar-riżervi ta' mobilizzazzjoni (ara l-Premessa 64 hawn fuq).

(151) Il-Kummissjoni tqis dan bħala indikazzjoni addizzjonali li l-attività ta' CFR Marfà ta' vjeġġi militari u l-obbligu parallel tal-istabbiliment u ż-żamma tar-riżervi ta' mobilizzazzjoni, anke li kieku jiġu kkwalifikati bħala mhux ekonomiċi (*quod non*, ara l-Premessa 145), ikunu tabilħaqq jistgħu jiġu separati mill-attivitajiet ekonomiċi ta' CFR Marfà.

(152) Madankollu, u mingħajr preġudizzju għall-konklużjoni fil-Premessa 151, il-Kummissjoni tqis li l-istima tal-ispejjeż imġarrba minn CFR Marfà minħabba l-istabbiliment u ż-żamma tar-riżervi ta' mobilizzazzjoni kif ipprovduta mir-Rumanija mhijiex sostanzjata, għar-raġunijiet li ġejjin.

(153) *L-ewwel nett*, il-Kummissjoni tqis li huwa ċar li l-istima tal-ispejjeż imġarrba minn CFR Marfà minħabba l-istabbiliment u ż-żamma tar-riżervi ta' mobilizzazzjoni, ipprovduta mir-Rumanija, hija eżaġerata. Ir-Rumanija tindika bħala spejjeż l-infiq annwali kollu għall-amortizzazzjoni tal-lokomottivi u l-vaguni kollha mhux użati ta' CFR Marfà, kif ukoll l-infiq annwali għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' dawn il-vaguni. Il-Kummissjoni tqis li l-ħtieġa għar-riżervi ta' mobilizzazzjoni mhijiex (u ma għandhiex tkun) iddeterminata mill-ammont u l-varjazzjonijiet fil-materjal fuq ir-roti li jappartjeni għal kumpanija tat-trasport bil-ferrovija (varjazzjonijiet li jiddependu minn għadd kbir ta' fatturi, bħall-istorja u d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-operatur ferrovjarju stabbilit innifsu), iżda mill-ħtieġa reali għal dawn ir-riżervi, li għandha tiġi ddeterminata mill-Ministeru tad-Difiża. Madankollu, ir-Rumanija ma pprovditx evidenza biex issostni li l-materjal kollu fuq ir-roti mhux użat ta' CFR Marfà jservi bħala riżervi ta' mobilizzazzjoni.

(154) L-istess jgħodd ukoll rigward l-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-laneċ li jappartjenu għal CFR Marfà. Ir-Rumanija sempliċiment tippreżenta l-ispejjeż kollha tal-manutenzjoni u spejjeż oħrajn relatati ma' dawn il-laneċ bħala spejjeż imġarrba minn CFR Marfà minħabba l-obbligu tagħha li żżomm ir-riżervi ta' mobilizzazzjoni. Madankollu, ir-Rumanija ma tissostanzjax il-fatt li dawn il-laneċ huma tabilħaqq immarkati bħala riżervi ta' mobilizzazzjoni, kif ukoll ma telaborax dwar jekk dawn l-ispejjeż ħallsux mill-Ministeru tad-Difiża, b'mod partikolari għal ċerti servizzi ta' vjeġġi militari pprovduti minn CFR Marfà għall-finijiet ta' difiża fil-qafas tal-kuntratt mal-Ministeru tad-Difiża li kien jinvolvi trasport bil-laneċ u li għalihom inħarġu fatturi minn CFR Marfà skont il-politika tariffarja tagħha.

([120]) Il-Kawża T-747/17, *Union des Ports de France - UPF vs Il-Kummissjoni*, is-sentenza tat-30 ta' April 2019, ECLI:EU:T:2019:271, il-Paragrafu 84.

([121]) Il-Kawża C-246/12P, *Ellinika Nafpigeia vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2013:133.

([122]) Ara l-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ u l-Paġna 2 tal-Minuti tal-laqgħa tar-Rumanija u l-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019.

(155) *It-tieni nett*, ir-Rumanija ma pprovditx lill-Kummissjoni bid-dokumenti li jippermettu li l-Kummissjoni tivverifika l-preċiżjoni tal-infiq għall-amortizzazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' dan il-materjal fuq ir-roti mhux użat li ġie sottomess mir-Rumanija, kif ukoll infiq ieħor (għall-persunal, il-fjuwil, il-laneċ, it-tariffi li mhumiex IUT, eċċ.).

(156) *It-tielet nett*, ir-Rumanija ħadet fattur ugwali għal 2 % bħala proporzjon għall-allokazzjoni ta' spejjeż oħra (inklużi pereżempju nefqiet fuq il-persunal, kif ukoll fuq id-diżil għall-moviment speċjali tal-materjal fuq ir-roti li jikkorrispondi għar-riżervi ta' mobilizzazzjoni, u tariffi mhux IUT għal dawn il-movimenti), iżda ma spjegatx abbażi ta' liema allokazzjoni partikolari ntagħżel dan il-fattur. Jidher li dan il-perċentwal jikkorrispondi għall-proporzjon ta' vjeġġi militari fil-fatturat totali ta' CFR Marfă (ara l-Punt (v) tal-Premessa 64). Madankollu, ir-Rumanija ma spjegatx jekk din hijiex verament ir-raġuni għaliex għażlet 2 % għall-allokazzjoni tal-ispejjeż. Fi kwalunkwe każ, huwa improbabbli ħafna li attività ta' fatturat ta' 2 % ta' CFR Marfă tkun teħtieġ il-perċentwal eżatt tal-assi jew tal-persunal għaż-żamma ta' riżervi ta' mobilizzazzjoni.

(157) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija ma ssostanzjatx sal-istandard meħtieġ l-istimi tal-ispejjeż imġarrba minn CFR Marfă minħabba l-obbligu tagħha li żżomm u tmantni r-riżervi u l-kapaċitajiet meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti ta' mobilizzazzjoni.

(158) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li CFR Marfă hija impriża li twettaq attività ekonomika fir-rigward tal-attivitajiet kollha tagħha ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, u għalhekk l-Artikolu 107(1) TFUE huwa applikabbli għall-attività kollha ta' CFR Marfă. Anke li kieku l-attività tal-vjeġġi militari u taż-żamma ta' riżervi ta' mobilizzazzjoni kellhom jiġu rikonoxxuti bħala attività mhux ekonomika, huwa ċar li din tista' tiġi separata mill-attività ekonomika prinċipali ta' CFR Marfă, jiġifieri t-trasport kummerċjali tal-merkanzija bil-ferrovija, u f'dak il-każ l-Artikolu 107(1) TFUE huwa applikabbli għall-attività ekonomika ta' CFR Marfă.

4.1.3. *Oriġini mill-Istat (riżorsi u imputabbiltà lill-Istat)*

(159) Kif ġie ddikjarat mill-Qrati tal-UE ("il-Qorti") ([123]), biex il-miżuri jiġu kkwalifikati bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, (a) iridu jkunu derivati mir-riżorsi tal-Istat, jew indirettament jew direttament minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi bis-saħħa tas-setgħat ikkonferiti lilu u (b) għandhom ikunu imputabbli lill-Istat. Il-kunċett ta' Stat Membru jinkludi l-livelli kollha tal-awtoritajiet pubbliċi, irrispettivament minn jekk ikunux awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali ([124]).

4.1.3.1. Miżuri 1 u 4 - Nuqqas ta' infurzar tad-djun tas-sigurtà soċjali u tat-taxxi pendenti (i) minn mill-inqas l-2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fl-2013 u (ii) wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità

(160) Kif ġie osservat fil-Premessa 77, l-ANAF, is-CNPP, l-ANOFM u s-CNAS jagħmlu parti mill-amministrazzjoni pubblika subordinata lill-Gvern Rumen. Għalhekk, in-nuqqas ta' infurzar tad-dejn arretrat (jiġifieri ammonti pagabbli tat-taxxa u pagamenti tal-kontribuzzjoni soċjali, minbarra l-imgħax u l-penali) minn dawk il-korpi u l-akkumulazzjoni ulterjuri tad-djun li normalment kien imisshom tħallsu lilhom huma ta' piż fuq il-baġit tal-Istat u jinvolvu riżorsi tal-Istat. Ir-Rumanija ma kkontestatx l-imputabbiltà fil-każ tal-krediturі pubbliċi msemmija hawn fuq.

(161) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-Premessa 160 hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżuri 1 u 4 huma imputabbli għall-Istat u jinvolvu trasferiment tar-riżorsi tal-Istat.

4.1.3.2. Miżuri 2 u 5 - in-nuqqas ta' infurzar tad-djun lejn CFR Infrastructură u ż-żieda fid-djun lejn CFR Infrastructură b'riżultat tal-forniment kontinwu ta' servizzi (i) minn mill-inqas l-2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fl-2013 u (ii) wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità

(162) Skont il-każistika ta' *Stardust Marine* ([125]), ir-riżorsi ta' impriża inkorporata taħt id-dritt privat, li l-ishma tagħha fil-biċċa l-kbira tagħhom huma pubbliċi – impriża pubblika, jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.

(163) L-Artikolu 2 lit. b) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE ([126]) jistipula li impriża pubblika tfisser kwalunkwe impriża li fuqha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti, direttament jew indirettament, bis-saħħa tas-sjieda tagħhom fuqha, tal-parteċipazzjoni finanzjarja fiha, jew tar-regoli li jirregolawha. Influwenza dominanti min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi preżunta meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew indirettament fir-rigward ta' impriża:

([123]) Ara l-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust Marine)*, ECLI:EU:C:2002:294.
([124]) Ara l-Kawża C-248/84 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1987:437, il-paragrafu 17.
([125]) Il-Kawża C-482/99, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust Marine)*, ECLI:EU:C;2002:294, il-Paragrafi 34, 51 *et seq*. Ara wkoll il-Kawża C-278/00, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2004:239, il-Paragrafi 53 u 54; il-Kawżi Magħquda C-328/99 u C-399/00, *L-Italja u SIM 2 Multimedia SpA vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2003:252, il-Paragrafi 33 u 34.
([126]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

(a) ikollhom il-parti maġġoritarja tal-kapital sottoskritt tal-impriża; jew

(b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti mehmuża mal-ishma maħruġa mill-impriża; jew

(c) ikunu jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża.

(164) CFR Infrastructură hija maniġer tal-infrastruttura li tappartjeni 100 % għall-Istat Rumen. Il-Ministeru tat-Trasport għandu l-voti kollha mehmuża mal-ishma maħruġa minn CFR Infrastructură. Barra minn hekk, il-Ministeru tat-Trasport huwa l-uniku korp li jaħtar il-korp amministrattiv, maniġerjali u superviżorju ta' CFR Infrastructură. Għalhekk, mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet alternattivi hija ssodisfata u huwa ċar li CFR Infrastructură hija impriża pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2006/111/KE. Barra minn hekk, id-dejn ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură iqiegħed ir-riżorsi tal-Istat f'riskju, billi dan id-dejn jaffettwa lill-baġit tal-Istat direttament. Dan ifisser li CFR Infrastructură tirċievi fondi għall-immaniġġjar tal-infrastruttura direttament mill-baġit tal-Istat, u barra minn hekk tuża l-fondi riċevuti minn tariffi għall-użu tal-infrastruttura għall-manutenzjoni tagħha. F'każ li l-fondi ta' CFR Infrastructură stess ma jkunux biżżejjed, din ikollha tirċievi aktar fondi mill-baġit tal-Istat. Għal din ir-raġuni, id-dejn ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură jinvolvi riżorsi tal-Istat.

(165) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură u ż-żieda tad-djun lejn dan l-SOE b'riżultat tal-forniment kontinwu ta' servizzi (ara t-Tabella 7 hawn fuq), jitfgħu piż fuq ir-riżorsi tal-Istat.

(166) Rigward l-imputabbiltà, fis-Sentenza *Stardust Marine* tagħha, il-Qorti saħqet ukoll li l-fatt li l-Istat jew entità tal-Istat ikunu l-uniku azzjonist jew l-azzjonist maġġoritarju ta' impriża mhuwiex biżżejjed biex jinstab li trasferiment tar-riżorsi minn dik l-impriża huwa imputabbli lill-azzjonisti pubbliċi tagħha ([127]). Skont il-Qorti, anke li kieku l-Istat kien f'pożizzjoni li jikkontrolla impriża pubblika u li jeżerċita influwenza dominanti fuq l-operazzjonijiet tagħha, l-eżerċitar effettiv ta' dak il-kontroll f'każ partikolari ma jistax jiġi preżunt awtomatikament, billi impriża pubblika tista' taġixxi wkoll b'ċertu indipendenza, skont il-livell ta' awtonomija li jippermettilha l-Istat.

(167) Skont il-Qorti, l-indikaturi ([128]) li minnhom tista' tiġi inferita l-imputabbiltà huma (minn hawn 'il quddiem "l-indikaturi Stardust"):

(a) il-fatt li l-impriża inkwistjoni ma setgħetx tieħu d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi;

(b) il-fatt li l-impriża kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-direttivi maħruġin mill-awtoritajiet pubbliċi;

(c) l-integrazzjoni tal-impriża pubblika fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika;

(d) in-natura tal-attivitajiet tal-impriża pubblika u l-eżerċitar ta' dawn l-attivitajiet fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati;

(e) l-istatus ġuridiku tal-impriża;

(f) l-intensità tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-ġestjoni tal-impriża;

(g) kwalunkwe indikatur ieħor li juri, fil-każ partikolari, involviment mill-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura jew il-probabbiltà baxxa li ma jkunux involuti, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-kumpass tal-miżura, il-kontenut tagħha jew il-kundizzjonijiet li tkun tinkludi.

(168) Rigward CFR Infrastructură, il-Kummissjoni tosserva li l-Istat, permezz tal-Ministeru tat-Trasport, bħala l-uniku azzjonist, jaħtar il-maniġment ta' CFR Infrastructură (il-Punt (f) tal-indikaturi Stardust elenkati hawn fuq). Barra minn hekk, billi CFR Infrastructură titqies bħala impriża pubblika, il-baġit annwali tagħha jiġi approvat *ex ante* ([129]) mill-Ministeru tat-Trasport, b'notifika lill-Ministeru tal-Finanzi (il-Punt (c) tal-indikaturi Stardust Marine elenkati hawn fuq). L-istess approvazzjoni minn qabel hija meħtieġa għall-bidliet kollha fil-baġit annwali ta' CFR Infrastructură, li jikkonsisti fost oħrajn minn ammonti riċevibbli kummerċjali mill-klijenti ta' CFR Infrastructură, inkluża CFR Marfă.

([127]) Il-Kawża C-482/99, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust Marine)*, ECLI:EU:C:2002:294, il-Paragrafi 34, 51 *et seq.*
([128]) Ibid.
([129]) Ara l-Anness 1 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni.

(169) Barra minn hekk, ir-Rumanija kkonfermat ([130]) li CFR Infrastructură ma setgħetx toqgħod lura milli tinforza l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront ta' CFR Marfă mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi (il-Punti (a), (b) u (g) tal-indikaturi Stardust elenkati hawn fuq). L-indikazzjonijiet li dawn il-passi ta' infurzar ittieħdu wara struzzjonijiet mill-Gvern huma trasparenti wkoll minn diversi artikoli tal-istampa ([131]).

(170) Aktar minn hekk, ir-Rumanija tisħaq li CFR Infrastructură aġixxiet bħala awtorità tal-Istat fil-konfront ta' CFR Marfă minħabba li hija obbligata tippermetti li l-attivitajiet kummerċjali ta' CFR Marfă jitkomplew u ma tistax tieħu miżuri li jistgħu jimblukkaw dawn l-attivitajiet, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 45/1994 dwar id-Difiża Nazzjonali tar-Rumanija, kif emendata ([132]) (il-Punti (a) u (b) tal-indikaturi Stardust elenkati hawn fuq).

(171) Għalhekk, il-Kummissjoni tieħu dan ta' hawn fuq bħala indikazzjoni ċara mir-Rumanija li CFR Infrastructură adottat il-Miżuri 2 u 5 b'mod imputabbli lill-Istat.

(172) Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm biżżejjed indikaturi biex jinstab li n-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură minn mill-inqas l-2010, kif ukoll iż-żieda tad-djun lejn din l-SOE bħala riżultat ta' forniment kontinwu ta' servizzi lil CFR Marfă qabel u wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, huma imputabbli lill-Istat.

4.1.3.3. Miżura 3 – il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità li tammonta għal RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun)

(173) Id-djun ta' RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun) li ġew ikkonvertiti f'ekwità ta' CFR Marfă oriġinaw minn riżorsi tal-Istat billi, kif ġie osservat fin-Nota 27 f'qiegħ il-paġna u fil-premessi 24, 77 u 86, id-djun ikkonvertiti ġġarrbu lejn korpi amministrattivi Rumeni u lejn CFR Infrastructură, fejn din tal-aħħar hija impriża pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2006/111/KE.

(174) Id-deċiżjoni biex id-djun ta' RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun) jiġu kkonvertiti f'ekwità kienet soġġetta għad-Digriet ta' Urġenza 61/2013 maħruġa mill-Prim Ministru Rumen u kontroffirmata mill-Ministru tat-Trasport u l-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi Pubbliċi.

(175) Id-dikjarazzjoni tar-Rumanija li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ma tirriżultax mir-riżorsi tal-Istat (ara l-Premessa 106 hawn fuq) mhijiex konvinċenti. Is-sempliċi fatt li l-ammonti ta' dejn ma kinux infiq dirett mill-baġit huwa irrilevanti, billi t-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jista' jsir f'bosta forom, inkluż dħul rinunzjat. Fil-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, l-Istat Rumen fil-fatt irrinunzja l-ġbir tal-fondi li kellu jikseb mill-benefiċjarju permezz tal-infurzar ta' pretensjonijiet tad-dejn minn kredituri pubbliċi u minn CFR Infrastructură. Il-Kummissjoni tosserva li hemm trikkib sostanzjali bejn ir-riżorsi tal-Istat li jikkonċernaw il-*Miżuri 1 u 2* u r-riżorsi tal-Istat li jikkonċernaw il-*Miżura 3*, sa fejn l-ammont sħiħ tad-dejn mhux infurzat li jikkorrispondi għall-*Miżura 1*, kif ukoll 85 % mid-dejn mhux infurzat li jikkorrispondi għall-*Miżura 2* tħassru permezz tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità li tikkorrispondi għall-*Miżura 3* (ara n-Nota 27 f'qiegħ il-paġna). Fi kliem ieħor, ir-riżorsi tal-Istat li jikkonċernaw il-*Miżura 3* ma kinux differenti mir-riżorsi tal-Istat li jikkonċernaw il-*Miżura 1* u (l-biċċa kbira mir-)riżorsi tal-Istat li jikkonċernaw il-*Miżura 2*.

(176) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għall-kuntrarju tal-fehma tar-Rumanija, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tirriżulta minn riżorsi tal-Istat u hija imputabbli għall-Istat.

4.1.4. *Selettività tal-miżuri mogħtija*

(177) Huwa ċar li l-miżuri taħt valutazzjoni huma selettivi billi huma pprovduti esklużivament lil CFR Marfa. Kif iddikjarat il-Qorti, fejn jikkonċerna l-għajnuna individwali, fil-prinċipju l-identifikazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku hija biżżejjed biex tappoġġa l-preżunzjoni li miżura hija selettiva ([133]). Dan huwa minnu irrispettivament minn jekk hemmx operaturi fis-swieq rilevanti li jinsabu f'sitwazzjoni kumparabbli. Fi kwalunkwe każ, impriżi oħrajn f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, fid-dawl tal-objettiv tal-miżuri, bin-negozju tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jew setturi oħra tat-trasport, ma rċevewx l-istess vantaġġ.

([130]) Ibid, ara t-tweġibiet għall-Mistoqsijiet 3-5.

([131]) Ara l-Artikolu tal-1 ta' Lulju 2018 disponibbli fuq https://www.capital.ro/cfr-marfa-se-pregateste-de-insolventa-ministrul-transporturilor.html li fih l-eks Ministru tat-Trasport jammetti s-sitwazzjoni diffiċli ta' CFR Marfă u jirrikonoxxi li ftit tax-xhur qabel inbdew il-passi ta' rkupru stretti biex jiġu infurzati d-djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură permezz tal-bejgħ tal-assi, kif ukoll li huwa talab lill-kumpanija biex tħallas id-djun tagħha. Ara wkoll l-artikolu tas-26 ta' Marzu 2018 disponibbli fuq https://www.capital.ro/lucian-sova-la-conferinta-capital-despre-datoria-cfr-marfa-catr.html [li fih l-eks Ministru tat-Trasport ta' CFR ġie kkwotat jgħid (matul il-Konferenza Kapitali tal-2018 dwar it-Trasport u l-Infrastruttura) li "*CFR Marfă akkumulat dejn kbir iżżejjed lejn CFR Infrastructură. Nemmen li, li kieku konna qed nitkellmu dwar kumpanija privata, ma konniex inkunu fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum.*"

([132]) Ara s-sottomissjoni tar-Rumanija tal-14 ta' Awwissu 2018 bi tweġiba għall-kummenti tal-ilmentatur dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

([133]) Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015 *Il-Kummissjoni* vs *MOL*, C-15/14 P ECLI :EU:C:2015:362, il-Paragrafu 60.

4.1.5. *Vantaġġ ekonomiku tal-miżuri mogħtija*

(178) Skont il-Premessi 77 sa 87, 95 sa 102, u 111 hawn fuq, ir-Rumanija ssostni li l-miżuri, b'mod partikolari l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, ma taw l-ebda vantaġġ ekonomiku lil CFR Marfă minħabba li rrispettaw it-test tal-MEO kif ippreżentat fir-Rapport ta' Deloitte, u li l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpanija pubblika CFR Infrastructură aġixxew bl-istess mod bħalma kien jaġixxi kwalunkwe kreditur jew investitur privat sabiex inaqqas it-telf tiegħu u jimmassimizza l-profitti tiegħu.

4.1.5.1. Nuqqas ta' applikabbiltà tat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq f'dan il-każ

(179) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li t-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq (it-test tal-"MEO") ma jistax jiġi applikat għall-miżuri kkonċernati. Il-Kummissjoni tfakkar li preċedentement, il-Qorti kienet qieset li l-applikabbiltà tal-"prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq" fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq il-fatt li l-Istat ikun ikkonferixxa, fil-kapaċità tiegħu ta' azzjonist u mhux fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità pubblika, vantaġġ ekonomiku lil impriża li tappartjeni lilu ([134]). Bl-istess mod, it-test tal-MEO ma setax ikun applikabbli għall-Istat fil-kapaċità tiegħu bħala kreditur ta' CFR Marfă permezz tal-ANAF u ta' kredituri pubbliċi oħra, jew permezz tal-maniġer tal-infrastruttura CFR Infrastructură, minħabba li t-"test tal-kreditur privat" ma japplikax għall-miżuri meħuda mill-Istat fil-kapaċità tiegħu bħala awtorità pubblika meta qies li CFR Marfă kienet intrapriża strateġika li għaliha ma setgħetx tiġi prevista likwidazzjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà u raġunijiet oħra mhux ekonomiċi ([135]).

(180) F'dan il-każ, ir-Rumanija aġixxiet sempliċiment bħala l-oppost ta' investitur fl-ekonomija tas-suq. Minflok ma ħa passi sodi lejn l-infurzar tad-djun akkumulati, l-Istat Rumen aġixxa, b'mod kostanti u ċar fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità pubblika, biex isalva lil CFR Marfă minn falliment. Lanqas ma aġixxa bħala kreditur jew, bħal fil-każ tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, bħala azzjonist li jinvesti f'kumpanija. Dan huwa aktar u aktar minnu hekk kif ir-Rumanija ssostni, fost l-oħrajn, li l-kredituri pubbliċi ma kinux qed jinfurzaw id-djun sabiex iżommu lil CFR Marfă lil hinn mill-insolvenza/mill-waqfien tal-attivitajiet tagħha minħabba l-importanza strateġika ta' Marfa għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali u d-difiża tal-pajjiż. B'dan, ir-Rumanija tammetti li r-raġuni prinċipali għaliex CFR Marfă ma ġietx likwidata permezz ta' infurzar ġudizzjarju ma kinitx waħda ekonomika. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-Kummissjoni tosserva li n-nuqqas ta' infurzar tad-djun dovuti minn CFR Marfă ġie deċiż fin-nuqqas ta' studji minn qabel dwar jekk il-klemenza fl-infurzar setgħetx tirriżulta f'aktar dħul meta mqabbla mal-infurzar strett, li jindika wkoll li l-motivazzjoni prinċipali tal-Istat Rumen ma kinitx waħda ekonomika. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-test tal-MEO ma kienx applikabbli f'dan il-każ ([136]).

(181) Minħabba li l-attività ta' CFR Marfă hija ekonomika (ara l-Premessa 158) u minħabba li l-Istat aġixxa, fil-konfront ta' CFR Marfă, b'mod differenti mill-mod li kieku kien jaġixxi fil-konfront ta' kwalunkwe trasportatur mhux strateġiku ieħor, kif diġà ġie muri hawn fuq fil-Premessi 179 u 180, il-miżuri huma selettivi u jikkostitwixxu għajnuna.

4.1.5.2. Applikazzjoni ipotetika tat-Test tal-MEO f'dan il-każ.

(182) Madankollu, għall-finijiet tal-kompletezza, il-Kummissjoni ċċekkjat ukoll x'kien ikun l-eżitu li kieku jiġi applikat test tal-MEO f'dan il-każ. Skont dan it-test applikat ipotetikament, il-kapital imqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kumpanija, direttament jew indirettament, mill-Istat f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jiġix ikkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat ([137]). Biex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni titwettaqx f'konformità ma' kundizzjonijiet tas-suq normali, l-imġiba ta' korp pubbliku trid tiġi mqabbla ma' dik ta' operatur ekonomiku

([134]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2012 *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France (EDF)* ECLI:EU:C:2012:318, il-Paragrafi 79-82 u 87.

([135]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima IV, it-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2019, it-Taqsima D. il-Punti 1 u 2.

([136]) Ara s-Sentenza tas-16 ta' Jannar 2018 fil-Kawża T-747/15, *EDF vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2018:6. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2012 *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France (EDF)* ECLI:EU:C:2012:318, il-Paragrafi 79-82 u 87.

([137]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri: l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KEE u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 80/723/KEE tal-Kummissjoni għall-impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura (ĠU C 307, 13.11.1993, p. 3), il-paragrafu 11. Din il-komunikazzjoni tindirizza s-settur tal-manifattura, iżda hija applikabbli għas-setturi ekonomiċi l-oħra. Ara wkoll il-Kawża T-16/96, *Cityflyer Express Ltd vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:78, il-paragrafu 51.

privat ipotetiku li jkun f'sitwazzjoni simili (test tal-MEO). Il-qrati tal-Unjoni żviluppaw tipi speċifiċi ta' test tal-MEO għal tipi differenti ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi, b'mod partikolari t-"test tal-kreditur privat", f'każijiet ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu dejn ([138]), u l-"prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq", biex tiġi identifikata l-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku f'każijiet ta' investimenti f'ekwità pubblika ([139]).

(183) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għalhekk tiffoka fuq it-tranżazzjoni mill-perspettiva tal-kreditur/investitur privat prudenti ipotetiku ([140]).

(184) F'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqet it-test tal-MEO fl-għamla ta' prinċipju tal-kreditur f'ekonomija tas-suq għal kull waħda mill-*Miżuri 1, 2, 3 u 5*, u fl-għamla ta' test tal-investitur pubbliku għall-miżura ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità, billi talbet aktar informazzjoni kontemporanja addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni dwar id-diversi atturi involuti u d-deċiżjonijiet tagħhom, billi ġabret informazzjoni mis-sorsi pubbliċi kollha disponibbli, u billi wettqet il-valutazzjoni tagħha stess ibbażata fuq l-evidenza disponibbli fi żmien il-miżuri vvalutati.

4.1.5.3. (i) Miżuri 1 u 4 - In-nuqqas ta' infurzar tad-djun tas-sigurtà soċjali u tat-taxxi pendenti qabel u wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fl-2013

(185) L-ewwel nett, fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk l-ANAF, l-aġenzija Statali responsabbli għall-infurzar ta' djun mhux imħallsa lil diversi aġenziji Statali, aġixxitx bħala MEO billi ma nfurzatx id-djun ta' CFR Marfă lejn dawk l-aġenziji Statali rispettivi u billi ppermettiet li jiżdiedu. Permezz ta' dan, hija tat faċilità ta' ħlas lill-impriża f'diffikultà (ara t-Taqsima 4.2 hawn taħt).

(186) Matul l-investigazzjoni, ir-Rumanija pprovdiet ċifri riveduti fir-rigward tad-djun arretrati ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat, inklużi l-kapital, l-imgħax fatturat kif ukoll il-penali korrispondenti. Dawn iċ-ċifri aġġornati ġew ippreżentati fit-Tabella 8 hawn fuq.

(187) Sabiex tiddetermina jekk il-*Miżura 1* tikkonferixxix vantaġġ mhux dovut lil CFR Marfă, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-krediturі pubbliċi inkwistjoni, f'dan il-każ partikolari l-ANAF, bħala l-aġenzija Statali responsabbli għall-ġbir tad-djun, ippruvawx jirkupraw il-pretensjonijiet tagħhom bl-istess diliġenza ta' kreditur privat. Kreditur privat normalment ifittex li jikseb il-ħlas massimu tas-somom dovuti lilu minn debitur f'diffikultajiet finanzjarji ([141]).

(188) Kif imsemmi fil-Premessi 78-86 hawn fuq, ir-Rumanija tqis li l-ANAF aġixxiet bħala MEO minħabba li ħadet il-passi meħtieġa biex tinforza d-dejn, jiġifieri billi kkalkulat l-imgħax u l-penali, imponiet sekwestri fuq l-assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă, u imponiet sekwestri fuq partijiet terzi. Il-Kummissjoni mhijiex tal-istess fehma.

(189) *L-ewwel nett*, ir-Rumanija ma pprovditx xi studju jew dokument intern kontemporanju tal-ANAF li jispjega r-raġunijiet għaliex id-djun akkumulati minn CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat ma ġewx infurzati diġà bejn l-2010 u l-2012.

(190) Il-Kummissjoni tosserva li CFR Marfă kienet ilha tiffaċċa diffikultajiet finanzjarji għal bosta snin (ara t-Tabelli 4 u 5 u l-Premessi 20 sa 22 hawn fuq, ara wkoll it-Taqsima 4.2 hawn taħt). Fl-2010, id-djun totali ta' CFR Marfă diġà kienu jirrappreżentaw 126 % mill-assi totali tagħha (it-Tabella 5). Id-djun totali ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat ammontaw għal RON 376,21 miljun (madwar EUR 81,78 miljun, it-Tabella 8) u kienu jirrappreżentaw 22,5 % mid-djun totali ta' CFR Marfă. Il-Kummissjoni temmen li kwalunkwe kreditur privat kien jivvaluta l-għażliet mistennija disponibbli biex jimmassimizza l-irkupru sa mhux aktar tard minn dak il-mument. Minflok, l-ANAF ippermettiet li CFR Marfă żżid id-djun tagħha lejn il-baġit tal-Istat b'aktar minn 100 % bejn l-2010 u l-2012 (it-Tabella 8 hawn fuq), u b'hekk kompliet tnaqqas il-prospettiva ta' rkupru tagħhom.

([138]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2007, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-525/04 P, ECLI:EU:C:2007:698; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 2013, *Frucona* vs *Il-Kummissjoni*, C-73/11 P, ECLI:EU:C:2013:32; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *DMTransport*, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332.

([139]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni ("Tubemeuse")*, C-142/87, ECLI:EU: C:1990:125, il-Paragrafu 29; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1991, *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni ("ALFA Romeo")*, C-305/89, ECLI:EU: C:1991:142, il-Paragrafi 18 u 19; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 1998, *Cityflyer Express* vs *Il-Kummissjoni*, T-16/96, ECLI:EU: T:1998:78, il-Paragrafu 51; Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 1999, *Neue Maxhütte Stahlwerke u Lech-Stahlwerke* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-129/95, T-2/96 u T-97/96, ECLI:EU:T:1999:7, il-Paragrafu 104; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:EU: T:2003:57.

([140]) Il-Kawża C-300/16P *Il-Kummissjoni vs Frucona Košice*, ECLI:EU:C:2017:706, il-Paragrafu 28.

([141]) Ara, għal dak il-għan, il-Kawża C-342/96 *Spanja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1999:210, il-Paragrafu 46, u C-256/97 DM Transport, ECLI:EU:C:1999:332, il-Paragrafu 24.

(191) *It-tieni nett*, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-ANAF (u l-krediturі pubbliċi l-oħra li rrappreżentat – is-CNPP, l-ANOFM u s-CNAS) ġew ittrattati b'mod differenti minn krediturі privati ta' CFR Marfă. B'mod partikolari, il-krediti bankarji ta' CFR Marfă naqsu b'27 % u l-ammonti pagabbli kummerċjali lejn impriżi privati naqsu bi 11 % bejn l-2010 u l-2012, filwaqt li l-ammonti pagabbli kummerċjali lill-baġit tal-Istat żdiedu b'aktar minn 100 % ([142]). Barra minn hekk, ir-Rapport ta' Deloitte josserva li l-ammonti pagabbli kummerċjali "żdiedu bejn il-31.12.2010 u l-31.12.2012, u li l-Kumpanija [CFR Marfă] pposponiet il-ħlasijiet lill-fornituri tagħha u lill-baġit tal-Istat sabiex tkun tista' tħallas lura l-krediti bankarji ([143])." Barra minn hekk, ir-Rapport ta' Deloitte isemmi li l-prijorità tal-Kumpanija [CFR Marfă] kienet il-ħlas lura tal-krediti bankarji, is-salarji u l-obbligazzjonijiet lejn fornituri mhux pubbliċi ([144]). Dan jindika b'mod ċar li CFR Marfă ma kinitx interessata u/jew ma setgħetx tħallas id-djun tas-sigurtà soċjali u t-taxxi. Għalhekk, ma kienx hemm raġunijiet validi biex l-ANAF temmen li CFR Marfă se tibda tħallas id-djun tas-sigurtà soċjali u t-taxxi fit-terminu qasir. Il-Kummissjoni tqis li mhuwiex aċċettabbli li krediturі pubbliċi jippermettu li d-djun ikomplu jakkumulaw tul perjodi twal mingħajr l-iċken prospettiva ta' titjib ([145]). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva wkoll li n-nuqqas ta' infurzar tad-dejn lejn il-baġit tal-Istat mhuwiex *pari passu* mad-djun dovuti lil krediturі privati, bħall-banek u l-fornituri privati u krediturі oħra msemmija hawn fuq.

(192) Id-deċiżjoni tal-ANAF li ma titlobx il-ħlas lura tad-djun dovuti lilha permzz ta' likwidazzjoni ta' CFR Marfă ma tistax tiġi ġġustifikata mill-prospettivi ta' privatizzazzjoni. Għalkemm ir-Rumanija kien ilha biħsiebha tipprivatizza lil CFR Marfă għal bosta snin (ara l-Premessa 28 *et subseq*. hawn fuq), fl-2010 ma kienx raġonevoli li jiġi mistenni li sseħħ din il-privatizzazzjoni - għall-inqas mhux għal CFR Marfă fl-intier tagħha, u mhux fl-għamla ta' bejgħ tas-sehem maġġoritarju tal-kumpanija; din il-privatizzazzjoni qatt ma saret.

(193) F'dan il-każ, l-ANAF aktarx kienet tkun kisbet 100 % mill-pretensjonijiet tal-krediturі pubbliċi (inklużi l-ANAF nfisha u l-krediturі pubbliċi l-oħra CNPP, ANOFM u CNAS) li kieku kienet tat segwitu għall-pretensjonijiet kollettivi permezz tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă. Dan minħabba li f'każ bħal dan, il-pretensjonijiet tal-ANAF (il-Linja F fit-Tabella 10 hawn taħt, li tinkludi kemm id-dejn arretrat u d-dejn li għadu mhuwiex dovut) ikollhom preċedenza fuq il-pretensjonijiet ta' krediturі oħra mhux assigurati ta' CFR Marfă (il-Linji H u I fit-Tabella 10) ([146]).

Tabella 10

Approssimazzjoni tal-ammont ta' rkupru tal-ANAF, tas-CNPP, tal-ANOFM u tas-CNAS fl-2010

F'miljuni ta' RON	31.12.2010
Valur kontabilistiku tal-assi (A)	(…)
Valur tal-likwidazzjoni tal-assi(B)	(…)
— Spejjeż tal-likwidazzjoni (C)	(…)
— Salarji (D)	(…)
— Djun garantiti (krediti bankarji) (E)	(…)
Subtotal	(…)
— Djun lejn il-baġit tal-Istat (ammonti pagabbli tat-taxxa u pagamenti tal-kontribuzzjoni soċjali) (F)	(…)
— Djun lill-baġit tal-Istat mil-likwidazzjoni (G)	(…)
Subtotal	(…)
— Ammonti pagabbli kummerċjali lill-SOEs (H)	(…)

([142]) L-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013, il-Paġna 12.
([143]) L-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013, il-Paġni 12-13.
([144]) Ibid.
([145]) Il-Kawża C-480/98, l-opinjoni ta' AG Mischio f'*Magefesa*, ECLI:EU:C:2000:305, il-Paragrafu 37.
([146]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 15.

F'miljuni ta' RON	31.12.2010
— Ammonti pagabbli kummerċjali lil kredituri oħra (I)	(…)
Total (differenza bejn il-valur tal-likwidazzjoni tal-assi u d-djun dovuti lil diversi kredituri f'każ ta' likwidazzjoni) (J)	(…)

Sors: (A) Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' CFR Marfă għas-sena 2010; (B) Il-valur minimu tal-likwidazzjoni tal-assi ta' CFR Marfă fil-31.12.2012 mill-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013 ([1]); (C) 5 % mil-valur tal-likwidazzjoni tal-assi, kif użat mill-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013; (D) L-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013; (E) l-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 Marzu 2013; (F) it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39; (G) l-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013; (H) it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39; (I) it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39; (J) il-kalkoli tal-Kummissjoni.

([1]) Minħabba li l-valur kontabilistiku tal-assi ta' CFR Marfă fil-31.12.2012 kien ta' RON […] miljun (Dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' CFR Marfă għas-sena 2012), jiġifieri aktar baxx milli fl-2010, il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat u konservattiv li jintuża l-valur tal-likwidazzjoni ta' dawn l-assi għall-2012 anke għall-2010. Huwa improbabbli ħafna li l-valur tal-likwidazzjoni tal-assi żdied b'mod drammatiku fl-2012 meta mqabbel mal-2010. Minflok, bil-kontra, il-valur tal-likwidazzjoni fl-2012 kien probabbilment aktar baxx milli fl-2010, meta jitqies id-deprezzament f'dak iż-żmien.

(194) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ANAF kien imissha tat bidu għall-eżekuzzjoni furzata tad-djun ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat permezz tal-inizjazzjoni tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă mhux aktar tard mill-2010. Dan huwa aktar u aktar minnu minħabba l-fatt li ANAF lanqas biss kellha tirrikorri għall-qrati nazzjonali għall-eżekuzzjoni furzata tad-djun tagħha, billi dan il-korp tal-Istat partikolari huwa intitolat jimponi sekwestri abbażi tal-ordnijiet tiegħu stess u mbagħad jista' jmur direttament għand l-uffiċjali ġudizzjarji biex jirrealizzaw is-sekwestri imposti (ara l-Premessa 80).

(195) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-fehma tar-Rumanija li l-imġiba tal-ANAF kienet tikkonforma mal-MEO minħabba li l-ANAF ħarġet ordnijiet u imponiet sekwestri fuq l-assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă. Il-Kummissjoni tosserva li l-ebda wieħed minn dawn is-sekwestri ma spiċċa fir-realizzazzjoni tal-assi ssekwestrati mill-ANAF, filwaqt li d-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat fis-snin 2009-2011 irdoppja u aktar (Tabella 8). Il-Kummissjoni tqis li f'dawn iċ-ċirkostanzi kien ċar li l-impożizzjoni ta' sekwestri tal-assi ta' CFR Marfă ma kinitx biżżejjed, u li l-kreditur f'ekonomija tas-suq kien jibda l-eżekuzzjoni furzata tad-djun ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat permezz tal-bidu tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă sa mhux aktar tard mill-2010. L-argumenti tar-Rumanija li l-eżekuzzjoni furzata tad-djun ta' CFR Marfă ma kinitx soluzzjoni vijabbli minħabba l-importanza strateġika ta' CFR Marfă għall-pajjiż (ara l-Premessi 85 u 86) mhix raġuni li kreditur f'ekonomija tas-suq kien se jieħu inkunsiderazzjoni, u dan jindika li l-ANAF ma aġixxitx bħala kreditur f'ekonomija tas-suq fir-rigward tad-djun ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat.

(196) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li sal-2012, l-ANAF imponiet biss 22 sekwestru fuq l-assi immobbli ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) (ara l-Premessa 81), li huwa biss 14 % mill-ammont totali tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat fl-2009 (RON 309,41 miljun, madwar EUR 67,26 miljun), meta ġew imposti dawn it-22 sekwestru (ara t-Tabella 8). Barra minn hekk, minkejja l-fatt li d-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat irdoppja u aktar tul is-snin 2010 u 2011 u laħaq RON 627,4 miljun (EUR 136,4 miljun, it-Tabella 8), l-ANAF ma imponitx aktar sekwestri jew miżuri oħra fuq l-assi ta' CFR Marfă biex tissalvagwardja l-pretensjonijiet tagħha. Ir-Rumanija tispjega li s-sekwestri fuq id-debituri ta' CFR Marfă (prinċipalment SOEs) ma ġewx imposti fl-2010 u fl-2011 biex jiġi evitat impatt soċjali sinifikanti (il-Premessa 82). Il-Kummissjoni tosserva li dawn il-kunsiderazzjonijiet mhumiex dawk li kreditur f'ekonomija tas-suq kien se jieħu inkunsiderazzjoni meta jinforza l-pretensjonijiet tiegħu lejn id-debituri tiegħu. Dan għal darb'oħra jindika li l-ANAF ma kinitx qed taġixxi bħala kreditur f'ekonomija tas-suq fir-rigward tad-djun arretrati ta' CFR Marfă lejn il-bażit tal-Istat.

(197) L-argument tar-Rumanija (il-Premessa 82 li fl-2012 l-ANAF imponiet 200 sekwestru fuq assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] (madwar EUR […] miljun) mhuwiex konvinċenti lanqas, billi l-ebda wieħed minn dawn is-sekwestri ma ġie realizzat. Ir-Rumanija tiddikjara li l-ANAF talbet il-valutazzjoni tal-assi ssekwestrati bl-għan li tagħti bidu għal proċedura għar-realizzazzjoni tal-assi, iżda mbagħad, il-mandati tal-eżekuzzjoni għad-djun arretrati ta' CFR Marfă ġew riżolti bl-implimentazzjoni tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' Ġunju 2013 (il-Premessa 86). Il-Kummissjoni tqis li r-realizzazzjoni tal-assi ssekwestrati mill-ANAF ma kinitx probabbli, minħabba li r-Rumanija ammettiet li r-raġuni għan-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă permezz ta' proċedura ta' likwidazzjoni ta' CFR Marfă u l-bejgħ tal-assi tagħha kienet dovuta għall-istatus ta' CFR Marfă bħala kumpanija strateġika (ara l-Premessi 85 u 86).

(198) Il-Kummissjoni lanqas ma hija konvinta mill-ispjegazzjoni tar-Rumanija li 81 sekwestru fuq l-assi mobbli u immobbli ta' CFR Marfă ġew imposti biss f'Novembru-Diċembru 2012 minħabba li l-assi ssekwestrati kienu jirrappreżentaw prinċipalment vaguni u lokomottivi, jiġifieri assi mobbli maħsuba biex iwettqu attivitajiet li jikkostitwixxu s-sors ta' introjtu primarju ta' CFR Marfă (ara l-Premessa 85). Il-Kummissjoni ma tarax kif dan l-aspett partikolari seta' wassal biex l-ANAF tastjeni milli timponi sekwestri fuq l-assi mobbli ta' CFR Marfă qabel, speċjalment billi l-użu ulterjuri ta' dawn l-assi mobbli sekwestrati fl-attività ta' CFR Marfă kien ikun possibbli bil-kunsens tal-ANAF (ara l-Premessa 81).

(199) Fl-aħħar nett, id-dejn arretrat ta' CFR Marfă qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità laħaq RON 1 001,2 miljun (madwar EUR 217,65 miljun, it-Tabella 8), filwaqt li l-valur kontabilistiku tal-assi soġġetti għal 200 sekwestru kien ta' RON […] (madwar EUR […] miljun). Minn dawn il-200 sekwestru, 10 ġew imposti fuq l-assi ta' CFR Infrastructură b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, ara l-Premessa 83). Ir-Rumanija targumenta li dawn is-sekwestri għandhom jiġu ttrattati bħala sekwestri tal-assi ta' CFR Marfă minħabba li CFR Marfă assumiet id-dejn sottostanti ta' CFR Infrastructură bis-saħħa tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013. Il-Kummissjoni ma taqbilx u tqis li huwa ċar li dawn l-10 sekwestri mhumiex relatati mal-*Miżura 1*, billi l-*Miżura 1* tikkonċerna strettament in-nuqqas ta' infurzar mill-ANAF ta' dejn akkumulat minn CFR Marfă. Il-fatt li ċertu ammont ta' dejn ta' CFR Infrastructură lejn il-baġit tal-Istat (RON […] miljun) ġie kkonvertit f'dejn ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat fl-2013 bħala parti mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità huwa irrilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk l-imġiba tal-ANAF lejn CFR Marfă kinitx tikkonforma mat-test tal-MEO.

(200) L-istess jgħodd fir-rigward tan-notifiki ta' sekwestru fuq l-assi ta' CFR Infrastructură u fuq l-assi tad-debituri tagħha għall-ammont totali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, il-Premessa 84 ([147]), billi dawn huma relatati mad-djun ta' CFR Infrastructură li ttieħdu minn CFR Marfă bħala parti mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, u mhux mal-*Miżura 1*.

(201) Għalhekk, id-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat ta' RON 1 001,2 miljun fl-2013 (madwar EUR 217,65 miljun, it-Tabella 8) kien assigurat parzjalment biss minn miżuri ta' infurzar b'valur kontabilistiku totali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), li jikkonsistu minn 190 sekwestru tal-assi ta' CFR Marfă fl-ammont ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljuni) ([148]) u minn sekwestri tal-kontijiet bankarji ta' CFR Ferryboat SA, Wagon Repair and Maintenance SA (u d-debituri rispettivi tagħhom) għall-valur ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, il-Premessa 84) ([149]). Il-Kummissjoni tqis dan bħala indikazzjoni addizzjonali li l-ANAF ma aġixxitx bħal kreditur f'ekonomija tas-suq fl-infurzar tad-djun ta' CFR Marfă.

(202) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-*Miżura 1* tikkostitwixxi għajnuna. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li ANAF kien imissha infurzat id-djun ta' CFR Marfă permezz tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă diġà fl-2010, u billi astjeniet milli tagħmel dan, l-ANAF vantaġġ lil CFR Marfă (kumpanija f'diffikultà – ara t-Taqsima 4.2 hawn taħt), li dam sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 (ara l-Premessa 292 u t-Tabella 14).

(203) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li, meta jitqiesu s-sitwazzjoni finanzjarja u l-istorja tal-kumpanija, ma kienx possibbli li jinkiseb finanzjament fit-tul mis-suq għall-ħlas tad-dejn arretrat fis-snin taħt valutazzjoni għall-*Miżura 1*. L-aħħar self fit-tul li CFR Marfă ffirmat imur lura għat-28 ta' Novembru 2007, meta l-kumpanija kkonkludiet self sindakat ta' EUR […] miljun għal 10 snin ma' għadd ta' banek ([150]). L-imgħax inizjali għas-self kien ta' EURIBOR 6 xhur + […] % kull sena, li aktar tard żdied għal […] % mill-1 ta' Lulju 2009. Is-self inizjalment kien assigurat permezz ta' wegħda ta' 276 lokomottiv u ċerti ammonti riċevibbli ta' CFR Marfă. L-ebda finanzjament ieħor fit-tul ma ġie rreġistrat mill-kumpanija wara dan. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li fl-2007, is-sena meta ġie konkluż is-self sindakat, CFR Marfă kienet għadha qed tagħmel profitti (ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna), u s-sehem mis-suq tagħha kien konsiderevolment għoli ([70-80] % f'termini tal-volum ta' merkanzija ttrasportata u [60-70] % f'termini ta' tunnellati-kilometri) ([151]).

([147]) L-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

([148]) Li minnhom 109 sekwestri kienu oriġinarjament imposti fuq l-assi (b'valur kontabilistiku totali ta' RON […] miljun, madwar EUR […] miljun) ta' CFR Ferryboat SA u Wagon Repair and Maintenance SA, li ngħaqdu f'CFR Marfă f'Ġunju 2012 (il-Premessa 27).

([149]) L-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

([150]) Raiffeisen Zentralbank Osterreich AG, Raiffeisenlandesbank Niederösterreich AG, Bank Austria Creditanstalt AG fl-Awstrija, Alpha Bank AE fir-Renju Unit, Caylon fi Franza, MKB Bank ZRT u Commerzbank ZRT fl-Ungerija u EFG Private Bank Lussemburgu fil-Lussemburgu, Raiffeisen Bank SA, MKB Romasterra Bank SA, Piraeus Bank Romania SA, Emporiki Bank Romania SA fir-Rumanija. Ara l-paġna 41 tar-Rapport ta' CFR Marfă dwar is-Sitwazzjoni Finanzjarja Annwali għas-sena 2016, li jikkonforma mal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju, disponibbli fuq:
http://www.cfrmarfa.cfr.ro/images/stories/financiar/Situatii%20financiare%20anuale%202016%20conform%20IFRS.pdf

([151]) It-Tweġiba tar-Rumanija tal-25 ta' Awwissu 2015.

(204) Minħabba d-diffikultajiet finanzjarji ta' CFR Marfă fis-snin ivvalutati taħt il-*Miżura 1*, u l-fatt li CFR Marfă ma setgħetx tirċievi finanzjament fit-tul mis-suq biex tkopri d-djun arretrati tagħha ([152]), il-Kummissjoni tqis li l-ammont ta' vantaġġ huwa l-ammont prinċipali akkumulat ta' dejn arretrat ta' CFR Marfă qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 (RON 437,68 miljun, madwar EUR 95,15 miljun, it-Tabella 8) biż-żieda tal-imgħax korrispondenti abbażi tar-rata tal-imgħax tas-suq.

(205) Ir-rata tal-imgħax tas-suq għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ("il-Komunikazzjoni tal-2008") ([153]). Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-ANAF diġà imponiet imgħax u penali fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă (il-Premessa 78), li qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' Ġunju 2013 kienu jammontaw għal RON […] miljuni (madwar EUR […] miljun) ([154]). Il-Kummissjoni għalhekk tqis li jekk ir-rata tal-imgħax u l-penali applikata mill-ANAF għall-kapital arretrat tkun daqs jew ogħla mir-rata tal-imgħax tas-suq li kien imissha ntalbet fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă abbażi tal-Komunikazzjoni tal-2008, allura l-ammont ta' mgħax u penali fil-fatt impost mill-ANAF għandu jiżdied mal-ammont tal-kapital.

(206) Kif imsemmi fil-Premessa 78, ir-rati tal-imgħax li ġejjin ġew ikkalkulati mill-ANAF fir-rigward tad-djun arretrati ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat: (i) rata tal-imgħax ta' 0,1 % kuljum matul il-perjodu tal-1.1.2006-30.6.2010; (ii) rata tal-imgħax ta' 0,05 % kuljum matul il-perjodu tal-1.7.2010-30.9.2010; (iii) rata tal-imgħax ta' 0,04 % kuljum matul il-perjodu tal-1.10.2010-28.2.2014. Minbarra dan, l-ANAF ikkalkulat penali għall-ħlas tard, kif ġej: (i) jekk il-ħlas tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa arretrati jsir aktar tard minn 30 jum mid-data ta' maturità, iżda qabel 90 jum wara d-data ta' maturità, tiżdied penali għall-ħlas tard ta' 5 % tal-ammont prinċipali dovut; (ii) wara l-iskadenza ta' 90 jum mid-data ta' maturità, tiżdied penali għall-ħlas tard ta' 15 % tal-ammont prinċipali.

(207) Għalhekk, ir-rata tal-imgħax annwali applikata mill-ANAF sat-30.6.2010 kienet ta' 36 % (rata ta' 0,1 % kuljum × 360), dik applikata matul il-perjodu tal-1.7.2010-30.9.2010 kienet ta' 18 % (0,05 % × 360), u dik applikata mill-1.10.2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 kienet ta' 14,4 % (0,04 % × 360). Barra minn hekk, kif jidher mit-Tabella 8, fis-snin 2011-2012 ġew applikati penali għal ħlas tard mill-ANAF minbarra l-imgħax impost fuq id-dejn kapitali arretrat, li jfisser li r-rata tal-imgħax effettiva f'dawn is-snin kienet saħansitra ogħla.

(208) Fl-istess ħin, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă mill-2010 'l hawn, kif jidher fid-*data* finanzjarja ta' CFR Marfă fit-Tabella 4, (il-klassifikazzjoni ta)l-affidabbiltà kreditizja ta' CFR Marfă trid titqies bħala dik l-aktar baxxa mill-ħames klassifikazzjonijiet possibbli previsti fil-Komunikazzjoni tal-2008, jiġifieri "Ħażin/Diffikultajiet finanzjarji (CCC u agħar)" ([155]). Barra minn hekk, id-dejn arretrat inkwistjoni prattikament ma ġiex kollateralizzat sa tard ħafna fl-2012 meta l-ANAF imponiet 81 sekwestru fuq l-assi ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, il-Premessa 84) u għalhekk għandu jiġi kkwalifikat bħala "kollateral baxx" fl-iskala ta' tliet stadji prevista fil-Komunikazzjoni tal-2008. Għalhekk, ir-rata tal-imgħax tas-suq trid tiġi kkalkulata għad-dejn akkumulat rispettiv bħala riżultat tas-somma tar-ROBOR tas-sena fiż-żmien meta ngħata s-self ([156]), minbarra 1 000 punti bażi kif iddefinit fil-Komunikazzjoni tal-2008.

(209) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, ir-ROBOR rilevanti + 1 000 punti fis-snin 2010-2012 ma kienx dejjem taħt ir-rati tal-imgħax applikati mill-ANAF. Għalhekk, l-ammont ta' vantaġġ huwa l-ammont sħiħ tal-kapital arretrat (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun, it-Tabella 8) bl-imgħax u l-penali imposti mill-ANAF għall-perjodi ta' żmien meta dawn l-imgħax u l-penali qabżu r-ROBOR + 1 000 punt; għas-snin meta l-imgħax impost mill-ANAF kien

([152]) L-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013, il-Punt 4.1.

([153]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

([154]) Id-dejn arretrat totali lejn il-baġit tal-Istat ta' RON 1 001,2 miljun (madwar EUR 217,65 miljun) bit-tnaqqis tal-kapital ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun).

([155]) Barra minn hekk, abbażi tad-diversi xenarji ppreżentati fir-Rapport ta' Deloitte, u tal-analiżi tal-mudelli finanzjarji li skonthom il-fluss tal-każ mistenni li jiġi ġġenerat mill-kumpanija matul il-perjodu ta' pronjożi tal-istudju ma kienx biżżejjed biex jissodisfa d-djun arretrati lejn CFR Infrastructură u lejn il-baġit tal-Istat fi żmien raġonevoli, mingħajr ma jitqiesu penali arretrati fil-futur. Għalhekk, kif ġie rikonoxxut fir-rapport ta' Deloitte, meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija [f'dak iż-żmien], il-ksib ta' finanzjament fit-tul mill-banek għall-ħlas tad-dejn arretrat ma kienx possibbli (ara s-Sottotaqsima 4.1 fil-Paġna 16 tar-rapport ta' Deloitte).

([156]) Ara r-rati għar-Rumanija kif inhuma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fuq https://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/reference.html

aktar baxx mir-ROBOR + 1 000 punt, l-ammont ta' vantaġġ huwa l-ammont sħiħ tal-kapital arretrat (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun, it-Tabella 8) biż-żieda tar-ROBOR + 1 000 punti. Fi kwalunkwe każ, **l-ammont globali ta' għajnuna li tikkorrispondi għall-*Miżura 1* huwa mill-inqas RON 1 001,2 miljun (madwar EUR 217,65 miljun)**, li jikkonsisti mill-kapital tad-dejn ta' RON […] (madwar EUR […] miljun) b'mill-inqas l-imgħax u l-penali imposti mill-ANAF, f'Ġunju 2013, ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun)). L-għoti tal-għajnuna jibda fl-2010 u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati meta l-fatturi maħruġa mill-ANAF (u mill-krediturі l-oħra tal-Istat irrappreżentati mill-ANAF) kellhom jitħallsu minn CFR Marfă.

(210) Rigward il-*Miżura 4*, il-Kummissjoni tosserva li, tabilħaqq, it-terminu għall-ħlas tad-dejn lill-baġit tal-Istat mhux neċessarjament jikkoinċidi ma' tmiem is-sena fiskali, u għalhekk l-ammont korrispondenti ta' dejn lejn il-baġit tal-Istat rifless fil-karta tal-bilanċ ta' CFR Marfă jista' ma jkunx qed jirrappreżenta b'mod preċiż id-dejn effettivament akkumulat.

(211) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li ċ-Ċertifikati Fiskali tal-ANAF huma sors affidabbli ta' informazzjoni u li jiddeskrivu b'mod preċiż is-sitwazzjoni tad-dejn ta' CFR Marfă lejn l-ANAF (inkluż id-dejn arretrat lejn il-baġit li jikkorrispondi għall-krediturі pubbliċi l-oħra). B'mod speċifiku, l-obbligu ta' ħlas irrappurtat f'dawn iċ-Ċertifikati Fiskali tal-ANAF jikkonċerna d-dejn fiskali dovut, inkluż kemm (i) l-obbligi ta' ħlas li jikkonsistu mill-kapital u l-ammonti dovuti anċillari (inklużi l-penali u d-dejn dovut l-ieħor stabbilit minn aġenziji kompetenti oħra u trasferit għall-irkupru lill-ANAF); u (ii) ammonti li għandhom jingħataw lura lil CFR Marfă.

(212) Il-Kummissjoni tosserva li d-diversi dokumenti li jirriżultaw mill-ANAF u li jirrappreżentaw stampi tas-sitwazzjoni tad-dejn ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat f'mumenti partikolari (ara l-Premessa 88 u t-Tabella 9) juru li l-ebda dejn ma kien pendenti lejn l-ANAF sal-2015 inklużivament (ara l-Premessa 88 u t-Tabella 9) ([157]).

(213) Fir-rigward tad-djun pendenti ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat għas-snin 2016 u 2017, il-Kummissjoni tqis li l-astensjoni mill-eżekuzzjoni furzata ta' dawn id-djun minn CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat hija fl-ambitu ta' dak li kien jagħmel kreditur privat tas-suq, billi potenzjalment tista' ssir tpaċija ta' dawn id-djun b'kontropretensjonijiet minn CFR Marfă lejn l-ANAF (kwistjoni li trid tiġi riżolta mill-qrati Rumeni f'dak iż-żmien, ara l-Premessa 89).

(214) Rigward id-djun pendenti ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat għas-sena 2018 u sat-28 ta' Marzu 2019 (total ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), ara l-Premessa 91), il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-valur tal-miżuri ta' salvagwardja li ttieħdu mill-ANAF sa issa (sekwestru ta' proprjetà mobbli u immobbli mhux gravati ta' CFR Marfă b'valur kontabilistiku ta' RON […] miljun, madwar EUR […] miljun, ara l-Premessa 91) jaqbeż l-ammont ta' dejn arretrat bi kważi darbtejn, li jindika li l-ANAF qed tinforza l-pretensjonijiet tagħha b'aktar diliġenza milli qabel Ġunju 2013. Għalhekk, u b'kunsiderazzjoni dovuta għal xejra relattivament twila ta' nuqqas ta' djun arretrati ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat (minn Ġunju 2013), il-Kummissjoni tqis li l-imġiba tal-ANAF fir-rigward tal-infurzar tad-djun arretrati ta' CFR Marfă msemmija hawn fuq hija konformi mas-suq għall-perjodu inkwistjoni.

(215) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' infurzar ulterjuri tad-djun lejn il-baġit tal-Istat minn wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 sal-2017 mhuwiex muri, filwaqt li l-imġiba tal-ANAF fl-infurzar tad-djun għall-2018 tikkonforma mal-MEO. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Miżura 4* ma tikkostitwixxix għajnuna.

4.1.5.4. (ii) Miżuri 2 u 5 - In-nuqqas ta' infurzar tad-djun lejn CFR Infrastructură u ż-żieda fid-djun lejn CFR Infrastructură b'riżultat tal-forniment kontinwu ta' servizzi (i) minn mill-inqas l-2010 u sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità fl-2013 u (ii) wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità

(216) L-ewwel nett, kif diġà ġie dettaljat fis-Sottotaqsima 4.1.5.1., anke fir-rigward tal-Miżuri 2 u 5, il-Kummissjoni tqis li t-test tal-MEO mhuwiex applikabbli.

(217) Dan huwa ovvju mis-sottomissjonijiet tar-Rumanija, li skonthom mhuwiex possibbli li jiġu imposti miżuri aktar qawwija (bħal applikazzjoni għall-insolvenza), kif jidher fil-korrispondenza preċedenti, billi CFR Infrastructură u **l-awtoritajiet Rumeni jridu jieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza ta' CFR Marfă u tar-riżorsi tagħha għas-sistema nazzjonali tad-difiża, għas-sigurtà nazzjonali, għas-sikurezza u l-ordni pubbliku, għat-trasport ta' materjali strateġiċi, għall-ekonomija nazzjonali, u għall-popolazzjoni.** (enfasi miżjuda)

([157]) Ara l-Annessi 2 u 3 tat-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018 – kopji taċ-ċertifikati ANAF maħruġa għal CFR Marfă f'diversi dati (it-18 ta' Diċembru 2013, il-5 ta' Diċembru 2014, is-16 ta' Diċembru 2015, it-12 ta' Jannar 2016, il-25 ta' April 2018).

(218) Id-determinazzjoni tal-awtoritajiet Rumeni li jżommu lil CFR Marfă operazzjonali u li jevitaw l-iskattar ta' xi proċedura ta' falliment permezz tal-infurzar tad-dejn huwa evidenti minn diversi dikjarazzjonijiet pubbliċi, bħad-diskors tal-Ministru tat-Trasport li sar fil-konferenza stampa tal-Ministeru tat-Trasport tat-2 ta' Awwissu 2018:

"Naturalment, l-infurzar huwa possibbli, iżda fuq assi li ma jaffettwawx l-attività attwali ta' CFR Marfă. Ejja ma noqtlux it-tiġieġa li tbid il-bajd, u ejja nħallu lil dawn l-azzjonijiet ta' infurzar jitwettqu taħt kundizzjonijiet ġusti u koerenti";

"*L-attività ta' CFR Marfă tista' tkompli u trid tkompli, inkluż f'dawn iċ-ċirkostanzi, minħabba li din il-kumpanija hija importanti għas-sistema tal-enerġija*" ([158]).

(219) Dan huwa saħansitra aktar evidenti mill-kummenti tal-eks-Ministru tat-Trasport li saru matul il-Konferenza Kapitali dwar it-Trasport u l-Infrastruttura tal-2018, fejn ġie kkwotat jgħid li:

"*CFR Marfă akkumulat dejn wisq, wisq kbir lejn CFR Infrastructură. Nemmen li, li kieku din kienet kumpanija privata, ma konniex inkunu fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum*" ([159]).

(220) Kif inhu spjegat fil-Premessa 103, ir-Rumanija sostniet li ma kienx possibbli li jiġu imposti miżuri aktar qawwija fuq CFR Marfă (bħal applikazzjoni għall-insolvenza), billi CFR Infrastructură u l-awtoritajiet Rumeni jridu jieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza ta' CFR Marfă u tar-riżorsi tagħha għas-sistema nazzjonali tad-difiża u għas-sigurtà nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssib li hemm evidenza ċara minn diversi preżentazzjonijiet/rapporti tal-Bord tal-Assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti (u l-approvazzjoni sussegwenti mill-Ministeru tat-Trasport bħala l-uniku azzjonist ta' CFR Infrastructură tad-diversi proposti f'dawk ir-rapporti) li CFR Infrastructură qieset kunsiderazzjonijiet mhux tas-suq meta ddeċiediet li tastjeni milli tirrestrinġi l-aċċess lil CFR Marfă fuq il-linji ferrovjarji tagħha bħala miżura possibbli ta' infurzar tad-dejn, minkejja li d-dejn arretrat kien ilu dovut għal aktar minn 60 jum. Dawn id-deċiżjonijiet għan-nuqqas ta' infurzar ittieħdu minkejja l-fatt li l-impożizzjoni tar-restrizzjonijiet ġiet rikonoxxuta minn CFR Infrastructură stess (f'xi whud mir-rapporti msemmija preċedentement) bħala mod aktar effiċjenti biex jiġu rkuprati d-djun arretrati mit-trasportaturi ([160]).

(221) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li CFR Infrastructură aġixxiet bħala awtorità pubblika li teżerċita s-setgħat pubbliċi tagħha b'kunsiderazzjoni meħuda tar-rwol strateġiku ta' CFR Marfă bħala fornitur ta', fost oħrajn, servizzi tat-trasport bil-ferrovija ta' difiża u ta' sigurtà nazzjonali, aktar milli operatur tas-suq. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' infurzar tad-djun minn CFR Infrastructură jagħti vantaġġ ekonomiku lil CFR Marfă.

(222) Madankollu, għall-kompletezza, il-Kummissjoni twettaq it-test tal-MEO ukoll, kif inhu spjegat hawn taħt.

Applikazzjoni tat-test tal-MEO fir-rigward tal-Miżuri 2 u 5

(223) Fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk CFR Infrastructură aġixxitx bħala MEO billi ma nfurzatx l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă u billi ppermettiet li jiżdiedu d-djun permezz tal-forniment kontinwu ta' servizzi lil CFR Marfă. B'dan, hija tat faċilità ta' ħlas lill-impriża f'diffikultà (ara t-Taqsima 4.2).

(224) Kif inhu ddikjarat fil-Premessi 92 sa 105 hawn fuq, ir-Rumanija ssostni li CFR Infrastructură ma ffavorixxiet lil CFR Marfă bl-ebda mod, meta mqabbla ma' operaturi oħrajn. Barra minn hekk, ir-Rumanija ssostni li CFR Infrastructură aġixxiet bħala MEO, fejn ippruvat tinforza d-dejn ta' CFR Marfă billi tat bidu għal arbitraġġ u proċedimenti tal-qorti.

Applikazzjoni tat-test tal-MEO għall-Miżura 2

(225) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-*Miżura 2* tikkonferix vantaġġ mhux dovut lil CFR Marfă, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk CFR Infrastructură ppruvatx tirkupra l-pretensjonijiet tagħha bl-istess diliġenza ta' kreditur privat. MEO normalment ifittex li jikseb il-ħlas massimu tal-ammonti dovuti lilu minn debitur f'diffikultajiet finanzjarji ([161]).

(226) Meta tapplika l-prinċipju tal-MEO, il-Kummissjoni trid tieħu inkunsiderazzjoni d-*data* u l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien meta ttieħdu d-deċiżjonijiet ta' astinenza minn irkupru immedjat tad-djun u tal-kontinwazzjoni tal-forniment ta' servizzi lil CFR Marfă ([162]).

([158]) It-Tweġiba tar-Rumanija tad-19 ta' Diċembru 2018, it-Taqsima A.
([159]) Ara l-artikolu tas-26 ta' Marzu 2018 disponibbli fuq https://www.capital.ro/lucian-sova-la-conferinta-capital-despre-datoria-cfr-marfa-catr.html.
([160]) Ara l-Anness 1.2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 li tinkludi dokumenti interni ta' CFR Infrastructură bħad-diversi Preżentazzjonijiet tal-Bord lill-Assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti datati t-8.12.2015, it-8.4.2014 u s-7.3.2016.
([161]) Ara, għal dak il-għan, il-Kawża C-342/96 *Spanja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1999:210.
([162]) Il-Kawża C-124/10P *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France (EDF)*, ECLI:EU:C:2012:318, il-paragrafu 85.

(227) Kif inhu osservat fil-Premessi 20 sa 22 hawn fuq, CFR Marfă kienet ilha tiffaċċa diffikultajiet finanzjarji għal bosta snin. Fl-2010, id-djun totali ta' CFR Marfă diġà kienu jirrappreżentaw 126 % mill-assi totali tagħha. Id-djun totali ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură ammontaw għal RON 412,67 miljun (madwar EUR 90 miljun) u kienu jirrappreżentaw 25 % mid-djun totali ta' CFR Marfă. Il-Kummissjoni temmen li kwalunkwe kreditur privat kien jivvaluta l-għażliet mistennija disponibbli biex jimmassimizza l-irkupru tal-pretensjoni tiegħu sa mhux aktar tard minn dak il-mument, jiġifieri fl-2010. Minflok, CFR Infrastructură kompliet tipprovdi servizzi lil CFR Marfă u ppermettietilha tkompli żżid l-ammonti pagabbli kummerċjali tagħha b'74 % bejn l-2010 u l-2012, u b'hekk kompliet tnaqqas aktar il-perspettivi ta' rkupru tagħha.

(228) *L-ewwel nett*, ir-Rumanija ma pprovditx xi studju jew informazzjoni kontemporanja li abbażi tagħhom CFR Infrastructură ddeċidiet li ma tfittixx il-likwidazzjoni ta' CFR Marfă fil-qorti diġà fl-2010. Għalhekk, ma hemmx indikazzjonijiet li CFR Infrastructură wettqet xi valutazzjoni tal-għażliet fil-futur u tal-prospettivi ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfă, li kien imissha wettqet sa mhux aktar tard mill-2010. L-unika dokumentazzjoni li r-Rumanija għamlet disponibbli f'dan ir-rigward tinkludi biss id-deċiżjonijiet tal-Bord relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sanzjonijiet alternattivi għal CFR Marfă minn CFR Infrastructură, bħar-restrizzjoni jew is-sospensjoni tal-aċċess ta' ċerti ferroviji ta' CFR Marfă għall-infrastruttura ferrovjarja ([163]), iżda mhux id-diversi xenarji jew il-valutazzjoni tal-likwidazzjoni bħala pass possibbli għall-infurzar effettiv tad-djun ta' CFR Marfă.

(229) *It-tieni nett*, il-Kummissjoni tosserva wkoll li CFR Infrastructură ġiet trattata b'mod differenti mill-krediturі privati ta' CFR Marfă. L-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă lejn impriżi privati żdiedu bi 12 % bejn l-2010 u l-2012, filwaqt li l-ammonti pagabbli kummerċjali lil CFR Infrastructură żdiedu b'74 % (abbażi tad-*data* ppreżentata fit-Tabella 6). Barra minn hekk, kif ġie rikonoxxut fir-Rapport ta' Deloitte, bejn l-31.12.2010 u l-31.12.2012 il-Kumpanija [CFR Marfă] pposponiet il-ħlasijiet lill-fornituri tagħha u lill-Baġit tal-Istat sabiex tkun tista tħallas lura l-krediti bankarji ([164]). Dan ir-Rapport partikolari ta' Deloitte ġie kkummissjonat mir-Rumanija biex tivvaluta l-prospettivi ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfă fl-2013, u għalhekk ma jistax jitqies bħala informazzjoni "kontemporanja" għall-valutazzjoni tal-*Miżura 2*. Madankollu, huwa ta' rilevanza *ex post* f'li jiddeskrivi l-istorja u s-sitwazzjoni ta' CFR Marfă matul il-perjodu li jikkorrispondi għall-*Miżura 2*. B'mod partikolari, meta jirreferi għall-perjodu bejn l-2010 u l-2012, ir-Rapport ta' Deloitte jispjega li l-prijorità tal-Kumpanija [CFR Marfă] kienet il-ħlas lura tal-krediti bankarji, is-salarji u l-obbligazzjonijiet lejn fornituri mhux pubbliċi ([165]). Dan jindika b'mod ċar li CFR Marfă ma kinitx interessata u/jew ma setgħetx tħallas id-djun lil CFR Infrastructură. Fi kwalunkwe każ, ma kienx hemm raġunijiet validi biex CFR Infrastructură temmen li CFR Marfă kienet se tibda tħallas id-djun tagħha fit-terminu qasir. Il-Kummissjoni tqis li mhuwiex aċċettabbli li krediturі pubbliċi jippermettu li d-djun ikomplu jakkumulaw tul perjodi twal mingħajr l-iċken prospettiva ta' titjib ([166]).

(230) *It-tielet nett*, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni individwali ta' CFR Infrastructură biex ma titlobx ħlas lura tad-djun dovuti lilha permzz tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă ma tistax tiġi ġġustifikata mill-prospettivi ta' privatizzazzjoni. Kif ġie osservat fil-Premessa 192, fl-2010 ma kienx ċar jekk CFR Marfă kinitx tabilħaqq se tiġi privatizzata f'terminu qasir. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li MEO kien iwettaq valutazzjoni tal-għażliet possibbli fil-futur, inkluż tal-prospettiva ta' likwidazzjoni ta' CFR Marfă. Ir-Rumanija naqset milli tipprovdi kwalunkwe dokument li juri li twettqet valutazzjoni bħal din minn CFR Infrastructură fl-2010.

(231) Sabiex twettaq valutazzjoni u stima tal-valur tal-likwidazzjoni tal-assi ta' CFR Marfă fl-2010 stess, il-Kummissjoni talbet espressament biex ir-Rumanija tipprovdilha l-fatturi ta' likwidazzjoni statutorji kontemporanji. Ir-Rumanija kkonfermat li ma jeżistux fatturi statutorji ta' likwidazzjoni bħal dawn (ara l-Premessa 287). Għalhekk, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-valur tal-likwidazzjoni pprovduti fir-Rapport ta' Deloitte (ara l-Premessa 193 u t-Tabella 10 inkluża).

(232) Il-Kummissjoni tqis li CFR Infrastructură kien imissha talbet ħlas lura immedjat tal-ammonti pagabbli kummerċjali tagħha sa mhux aktar tard mill-2010. F'dan il-każ, CFR Infrastructură kienet tikseb l-irkupru ta' madwar 44,4 % mill-pretensjonijiet tagħha (ara t-Tabella 11 hawn taħt), li kieku tat segwitu għall-pretensjonijiet fl-2010 permezz tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă. Barra minn hekk, din il-likwidazzjoni kieku kienet tiżgura li jiġux akkumulati djun ulterjuri.

([163]) Ara l-Annessi 1.2 u 1.3. tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017. Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni Nru 15 tal-Bord ta' CFR Infrastructură tat-18 ta' Novembru 2010 u l-proposta korrispondenti Nru 11/1a/221 tad-9 ta' Novembru 2010 li kienet ibbażata fuqha, id-Deċiżjoni Nru 11 tal-Bord tat-8 ta' Lulju 2010 u l-proposta korrispondenti Nru 11/3a ta' Ġunju 2010 li kienet ibbażata fuqha. B'mod partikolari, fid-dokument intern tal-aħħar jissemma' li abbażi tal-esperjenza preċedenti, l-unika miżura effiċjenti sabiex jiġi żgurat il-ħlas tal-ammonti dovuti li jikkorrispondu għat-TUI mit-trasportaturi kienet is-sospensjoni tal-aċċess fuq in-network. Ara wkoll id-Deċiżjoni Nru 47 tal-10 ta' Ġunju 2010 tal-Assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti u l-preżentazzjoni korrispondenti tal-Bord Nru 1/3205/2010.

([164]) Ir-Rapport ta' Deloitte, il-Paġna 12.

([165]) Ibid.

([166]) Il-Kawża C-480/98, l-opinjoni ta' AG Mischo f'*Magefesa*, ECLI:EU:C:2000:305, il-Paragrafu 37.

Tabella 11

Stampa ġenerali tal-ammonti ta' rkupru approssimati għall-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfã fl-2010 ([167]).

	Fl-2010 (miljuni ta' RON)	Frazzjoni mit-total (%)	Ammonti ta' rkupru approssimati għall-ammonti pagabbli kummerċjali fl-2010 (miljuni ta' RON)	Frazzjoni mit-total (%)
Ammonti pagabbli kummerċjali lejn CFR Infrastructură	412,68	73,35	183,19	44,4
Total tal-ammonti pagabbli kummerċjali	**562,6**	**100**	**249,75** ([1])	**44,4**

([1]) Abbażi tal-istess ammonti ta' rkupru approssimati fl-2010 fit-**Tabella 10** hawn fuq.
Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija, l-24 ta' Diċembru 2015, l-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013, it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39, il-kalkoli tal-Kummissjoni.

(233) Ir-raba' nett, l-argument tar-Rumanija li l-miżuri meħuda minn CFR Infrastructură kellhom l-għan li jimminimizzaw l-effetti negattivi fuq is-sigurtà nazzjonali u fuq is-sistema ta' difiża tal-pajjiż. Kwalunkwe miżura oħra (pereżempju l-likwidazzjoni jew l-insolvenza) kienet twassal għar-riskju ta' telf ta' riżorsi u kompetenzi sinifikanti ([168]) tikkostitwixxi ammissjoni mir-Rumanija li l-motivazzjoni reali ta' CFR Infrastructură għan-nuqqas ta' infurzar tad-djun kienet waħda mhux ekonomika (ara l-Premessi 179 - 181 hawn fuq).

(234) *Fl-aħħar nett*, il-Kummissjoni tqis li CFR Infrastructură ma setgħetx titqies bħala fornitur limitat ta' CFR Marfã, u għalhekk dipendenti bis-sħiħ fuq l-eżistenza ta' CFR Marfã bħala sors prinċipali tad-dħul tagħha. Kif jidher ċar mit-Tabella 12 hawn taħt, għalkemm f'termini tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija CFR Marfã kienet qrib nofs is-suq matul il-perjodu taħt valutazzjoni għall-*Miżura 2*, hija kienet tirrappreżenta biss madwar 20 % mid-dħul ta' CFR Infrastructură. Barra minn hekk, f'termini ta' dinamika, il-Kummissjoni tosserva li l-proporzjon tad-dħul irrappreżentat minn CFR Marfã fit-traffiku totali tal-merkanzija bil-ferrovija naqas b'mod kostanti, simili għall-frazzjoni tad-dħul ta' CFR Infrastructură li joriġina minn CFR Marfã. Għalhekk, mhuwiex faċli li jiġi sostnut li CFR Infrastructură tiddependi sostanzjalment mill-provvisti lejn CFR Marfã.

Tabella 12

L-importanza relattiva ta' CFR Marfã bħala proporzjon mill-attivitajiet ta' CFR Marfã fit-traffiku ferrovjarju ġenerali u fid-dħul ta' CFR Infrastructură mill-2009 sal-2018 (abbażi taċ-ċifri ta' tunnellati-kilometri).

	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018
% tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija li jikkorrispondi għal CFR Marfa	[50-60]	[40-50]	[40-50]	[40-50]	[40-50]	[40-50]	[30-40]	[30-40]	[30-40]	[30-40]
% mid-dħul ta' CFR Infrastructura irrappreżentat minn CFR Marfa	[10-20]	[10-20]	[20-30]	[10-20]	[10-20]	[10-20]	[10-20]	[10-20]	[10-20]	[10-20]

Sors: It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 29.

(235) Anke f'każ ta' likwidazzjoni ta' CFR Marfã wara l-infurzar tad-djun permezz ta' tilwim ikkawżat minn CFR Infrastructură fl-2010, kien hemm probabbiltà baxxa ħafna li t-traffiku li jikkorrispondi għal CFR Marfã kien se jisparixxi kompletament, billi l-kuntratti ta' trasport u l-assi ta' CFR Marfã kienu jibqgħu fis-suq u probabbilment jiġu moqdija mill-kompetituri tagħha, trasportaturi li diġà kienu jaqdu aktar minn nofs is-suq ([60-70] % f'tunnellati-km) u li, bħala medja, kienu jirrappreżentaw il-bqija ta' [80-90] % tad-dħul ta' CFR Infrastructură fil-perjodu wara l-2010 u sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013.

([167]) Ara l-kalkolu tal-ammonti ta' rkupru approssimati fl-2010 fit-**Table 10** hawn fuq.
([168]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Punt 2 (il-Paġna 6).

(236) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Miżura 2* tagħti lil CFR Marfă vantaġġ selettiv permezz tan-nuqqas ta' infurzar u, b'mod korrispondenti, billi toffri faċilità ta' ħlas lejn CFR Marfă mill-2010 sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 taħt kundizzjonijiet li kieku ma kinux jeżistu fis-suq.

(237) Kif diġà ġie spjegat b'mod estensiv fil-Premessi 203 u 204 hawn fuq, u kif ġie rikonoxxut *ex post* fir-Rapport ta' Deloitte, kien impossibbli għal CFR Marfă li ssib finanzjament fit-tul fil-perjodu taħt valutazzjoni għall-*Miżura 2*. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-vantaġġ marbut mal-finanzjament mogħti minn CFR Infastructură, kumpanija tal-Istat, fl-għamla tad-djun akkumulati u mhux infurzati li CFR Marfă għandha fil-konfront tagħha, huwa daqs l-ammont tad-dejn kapitali arretrat (RON […] million (madwar EUR […] miljun) fil-mument tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 ([169]), biż-żieda tal-ammont ta' dejn arretrat li ma tħassarx bil-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (ara t-Tabella 14), biż-żieda tal-imgħax tas-suq korrispondenti. L-imgħax tas-suq għandu jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-suq għall-kapital arretrat. L-għoti tal-għajnuna tibda fl-2010 u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati li fihom il-fatturi maħruġa minn CFR Infrastructură kellhom jitħallsu minn CFR Marfă.

(238) Il-Kummissjoni tosserva li CFR Infrastructură diġà imponiet imgħax u penali fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă (ara t-Tabella 7 hawn fuq), li fil-mument tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 kienu jammontaw għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, ara t-Tabella 14 u n-Nota 179 f'qiegħ il-paġna). Għalhekk, ir-rata tal-imgħax tas-suq hija l-massimu bejn (i) ir-rata tal-imgħax ikkalkulata f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2008 għall-perjodu rilevanti għall-*Miżura 2* u (ii) ir-rata tal-imgħax u l-penali imposti u applikati minn CFR Infrastructură fl-istess perjodu. B'riżultat ta' dan, jekk ir-rata tal-imgħax u l-penali applikata minn CFR Infrastructură għall-kapital arretrat tkun ugwali jew ogħla mir-rata tal-imgħax tas-suq li kien imissha ġiet imposta fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă abbażi tal-Komunikazzjoni tal-2008, allura l-ammont ta' mgħax u penali fil-fatt impost minn CFR Infrastructură għandu jiżdied mal-ammont tal-kapital. Jekk ir-rata tal-imgħax u l-penali applikata minn CFR Infrastructură kienet aktar baxxa mir-rata tal-imgħax tas-suq ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-2008, allura trid tiġi applikata r-rata tal-imgħax tas-suq ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-2008.

(239) Fi kwalunkwe każ, l-ammont tal-għajnuna li tikkorrispondi għall-Miżura 2 huwa ta' mill-inqas RON 783,78 miljun (madwar EUR 170,39 miljun) - li jikkorrispondi għad-dejn kapitali li tħassar f'Ġunju 2013 (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun) biż-żieda tad-dejn arretrat li ma tħassarx f'Ġunju 2013 (RON 115,79 miljun, madwar EUR 25,17 miljun), biż-żieda ta' mill-inqas l-imgħax effettivament impost minn CFR Infrastructure ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) (ara t-Tabella 14 hawn taħt).

Applikazzjoni tat-test tal-MEO għall-Miżura 5

(240) B'mod simili għall-*Miżura 2* (ara l-Premessi 225 *et subseq.*), sabiex tiddetermina jekk il-*Miżura 5* tikkonferix vantaġġ mhux dovut lil CFR Marfă, il-Kummissjoni tivvaluta jekk CFR Infrastructură ppruvatx tirkupra l-pretensjonijiet tagħha bl-istess diliġenza dovuta ta' kreditur privat minn wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' Ġunju 2013 sal-2018 inkluż. Il-Kummissjoni tfakkar li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 kienet tinkludi ammont ta' RON 667,99 miljun (madwar EUR 145,21 miljun) f'obbligazzjonijiet arretrati ta' CFR Infrastructură, li minnhom RON […] miljun (madwar EUR […]) kienu kapital u RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) kienu imgħax u penali. Dan l-ammont globali kien jirrappreżenta 85 % mill-obbligazzjonijiet arretrati ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură. Għalhekk, il-*Miżura 5* tirreferi għall-akkumulazzjoni kontinwa tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, iżda mingħajr l-inklużjoni tal-15 % tad-dejn ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură fl-ammont ta' RON 115,79 miljun (madwar EUR 25,17 miljun, ara l-Premessa 239), li ma tħassarx mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 u li huwa diġà inkluż fl-ammont tal-għajnuna tal-*Miżura 2* (ara l-Premessa 239 hawn fuq).

(241) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tosserva li, minkejja titjib fil-kontijiet tal-kumpanija f'termini ta' ekwità bis-saħħa tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă kompliet tindika d-diffikultajiet tagħha: hija kompliet takkumula t-telf, djun dejjem jiżdiedu u pożizzjoni fis-suq tiddeterjora (ara t-Tabelli 1 u 4 u s-Sottotaqsima 2.4). Wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, l-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură komplew jakkumulaw u kważi ttriplikaw minn RON 213,47 miljun (madwar EUR 46 miljun) fi tmiem l-2013 għal RON 622,03 miljun (madwar EUR 135 miljun) fl-2016, u mbagħad laħqu RON 860,93 miljun (madwar EUR 187 miljun) fl-2018 (ara t-Tabella 7 hawn fuq). L-obbligazzjonijiet arretrati ta' CFR Marfă żdiedu wkoll b'mod kostanti wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità (bi 72 % fl-2014, b'46 % fl-2015, b'21 % fl-2016 u b'39 % fl-2017 (abbażi taċ-ċifri ppreżentati fit-Tabella 7)).

([169]) L-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Paġna 3.

(242) Billi r-Rapport ta' Deloitte kien ibbażat fuq is-suċċess tal-privatizzazzjoni ppjanata, ir-Rumanija ma setgħetx tiġġustifika l-appoġġ kontinwu sussegwenti għal CFR Marfă fl-għamla ta' forniment kontinwu ta' infrastruttura u ta' servizzi anċillari oħra minn CFR Infrastructură wara li l-privatizzazzjoni kienet falliet f'Ottubru 2013.

(243) Ir-Rumanija ma pprovditx studju jew rapport intern ta' CFR Infrastructură li abbażi tiegħu CFR Infrastructură ddeċiediet li tastjeni milli titlob il-likwidazzjoni ta' CFR Marfă fil-qorti immedjatament wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx f'Ottubru 2013, jew milli tinforza l-irkupru tad-djun permezz ta' tilwim. B'mod simili għall-*Miżura 2*, il-Kummissjoni għalhekk wettqet l-evalwazzjoni tal-prospettivi tal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă bi tqabbil mal-kontinwazzjoni tal-klemenza fl-infurzar tad-dejn fil-konfront ta' CFR Marfă. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni talbet espressament biex ir-Rumanija tipprovdi l-fatturi ta' likwidazzjoni statutorji kontemporanji sabiex tkun tista' tistma l-valur tal-likwidazzjoni tal-assi ta' CFR Marfă fl-2014 stess. Ir-Rumanija kkonfermat li ma jeżistux fatturi statutorji ta' likwidazzjoni bħal dawn (ara l-Premessa 287). Għalhekk, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-valur tal-likwidazzjoni pprovduti fir-Rapport ta' Deloitte (ara l-Premessa 193 u t-Tabella 10 inkluża).

(244) *L-ewwel nett*, il-Kummissjoni tqis li operatur tas-suq prudenti fis-sitwazzjoni ta' CFR Infrastructură kieku kien jipprova jinforza d-dejn tiegħu immedjatament wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx, meta kien ċar li l-prospettivi ta' bejgħ *fi blokka waħda* tal-kumpanija jew ta' frazzjoni mill-ishma tagħha kienu improbabbli ħafna fit-terminu qasir. Aktar minn hekk, fi tmiem l-2013, CFR Marfă ma kellhiex aktar obbligazzjonijiet arretrati lejn il-baġit tal-Istat, prinċipalment b'riżultat tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. Barra minn hekk, fi tmiem l-2013, l-ammonti pagabbli kummerċjali dovuti lil CFR Infrastructură minn CFR Marfă kienu żgħar biżżejjed biex jiġu koperti permezz tar-riċevuti minn likwidazzjoni (ara t-Tabella 13 hawn taħt).

Tabella 13

Stampa ġenerali tal-ammonti ta' rkupru approssimati għall-ammonti pagabbli kummerċjali ta' CFR Marfă fl-2014 (il-bidu tas-sena)

	L-1 ta' Jannar 2014 (miljuni ta' RON)	Frazzjoni mit-total (%)	Ammonti ta' rkupru approssimati għall-ammonti pagabbli kummerċjali fl-2014 (miljuni ta' RON)	Frazzjoni mit-total (%)
Ammonti pagabbli kummerċjali lejn CFR Infrastructură	213,47	67	213,47	100
Total tal-ammonti pagabbli kummerċjali	**318,72**	**100**	**318,72** [1]	**100**

[1] Il-kalkolu tal-ammonti ta' rkupru approssimati huwa simili għal dak tal-2012 fit-**Table 11**. L-ammont ta' obbligazzjonijiet għall-ANAF u l-krediturі l-oħra tal-Istat żero, billi d-djun kollha kienu tħassru matul il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità u ma ġewx irrappurtati djun arretrati oħra għas-sena sussegwenti. Anke f'xenarju konservattiv li jippermetti tnaqqis ta' 10 % fil-valur tal-likwidazzjoni tal-assi (biex jiġi rrappreżentat it-tnaqqis ta' 3,4 % fil-valur kontabilistiku tal-assi meta mqabbel mal-2012), u meta ma jinbidlux il-kostijiet l-oħrajn kollha (minkejja tnaqqis fl-għadd ta' impjegati u tnaqqis fid-djun dovuti lill-banek), l-ammont li jifdal wara l-ħlas tal-kategoriji ta' prijorità (RON […] miljun) ikun għadu fil-biċċa l-kbira suffiċjenti biex jitħallsu lura l-ammonti pagabbli kummerċjali.

Sors: Is-Sottomissjoni mir-Rumanija tal-24 ta' Diċembru 2015, l-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013, it-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39, il-kalkoli tal-Kummissjoni.

(245) Kif rifless fit-Tabella 13 hawn fuq, CFR Infrastructură kienet tirkupra l-obbligazzjonijiet tagħha mingħand CFR Marfă bis-sħiħ permezz ta' likwidazzjoni fl-għamla ta' bejgħ ta' assi (individwalment jew f'settijiet, sabiex tiġi żgurata l-massimizzazzjoni tar-riċevuti mill-bejgħ). Minflok, billi stenniet, hija ppermettiet li d-dejn jakkumula aktar, u b'hekk tonqos il-probabbiltà ta' rkupru b'suċċess. Fl-2013, id-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură kien jammonta għal RON 155,99 miljun (madwar EUR 33,91 miljun), u fl-2014 kien jammonta għal RON 166,94 miljun (madwar EUR 36,3 miljun). Għall-kuntrarju ta' dan, id-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură aktar milli rdoppja fl-2015 (u laħaq RON 452,42 miljun, madwar EUR 98,35 miljun).

(246) *It-tieni nett*, ir-Rumanija tispjega li CFR Infrastructură ħadet ċerti passi biex tinforza l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront ta' CFR Marfă bejn l-2013-2018, inkluż permezz ta' ordnijiet ta' ħlas u/jew proċedimenti ta' arbitraġġ, u wara l-2016 permezz ta' infurzar ġudizzjarju ([170]). Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn il-passi kienu jikkonċernaw biss partijiet mid-djun, u kien ċar li ma kinux biżżejjed biex jiġi rkuprat id-dejn sħiħ.

(247) B'mod aktar speċifiku, CFR Infrastructură ma ħaditx passi ta' infurzar bħal dawn fl-2014, is-sena wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità u l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx fl-2013. Fis-snin sussegwenti, l-ammonti li għalihom CFR Infrastructură tat bidu għal proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim bħala passi konkreti lejn l-infurzar tad-djun ta' CFR Marfă kienu jikkostitwixxu biss frazzjonijiet żgħar mill-ammonti pagabbli kummerċjali totali dovuti minn CFR Marfă, kif ġej: fl-2015, il-proċedimenti ta' arbitraġġ għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) kienu jirrappreżentaw biss 4,74 % mill-ammonti pagabbli kummerċjali; fl-2016, il-proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) kienu jirrappreżentaw biss 15,5 % mill-ammonti pagabbli kummerċjali totali dovuti minn CFR Marfă.

(248) Kien biss aktar tard, fit-tieni parti tal-2017, li CFR Marfă intensifikat l-isforzi ta' infurzar tagħha permezz tal-proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim. Fl-2017, dawn il-proċedimenti koprew ammont globali ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) u rrappreżentaw 49,34 % mill-ammonti pagabbli kummerċjali. Fl-2018, il-proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim ammontaw għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), u b'ħekk koprew 42,61 % mill-ammonti pagabbli kummerċjali dovuti minn CFR Marfă lejn CFR Infrastructură. Ir-Rumanija tisħaq li l-ammonti sħaħ li jikkorrispondu għal dawn il-proċedimenti ta' arbitraġġ u tilwim ġew aġġudikati favur CFR Infrastructură bid-deċiżjonijiet finali rispettivi tal-qorti u l-arbitraġġ.

(249) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija (ara l-Premessi 98 *et subseq.*), sa Awwissu 2018 CFR Infrastructură rnexxielha tirkupra mingħand CFR Marfă biss parti mid-djun tagħha permezz ta' miżuri ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji (madwar RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), u dan ħalla lil CFR Infrastructură b'dejn arretrat sostanzjali ta' madwar RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), kif inhu rifless fit-Tabella 7 hawn fuq. Minn dan l-ammont, ġew koperti biss RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) minn sentenzi tal-qorti (ara l-Premessa 98 hawn fuq). Għalhekk, ammont sostanzjali mid-dejn arretrat ta' CFR Marfă ma kienx kopert mill-miżuri ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji mibdija minn CFR Infrastructură, u ammont saħansitra iżgħar ġie fil-fatt irkuprat (ara l-Premessa 96).

(250) Barra minn hekk, rigward il-parti tad-djun arretrati koperti mis-sentenzi tal-qorti, il-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas kopra biss l-iskedar mill-ġdid tal-ħlas tal-imgħax u l-penali fuq id-dejn kapitali ta' CFR Marfă, filwaqt li r-Rumanija ma ssottomettitx evidenza fir-rigward tal-passi meħuda għall-irkupru tal-kapital. Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas jispeċifikaw li l-kapital ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) għandu jkompli jiġi rkuprat permezz tar-realizzazzjoni ta' sekwestri imposti fuq il-proprjetà mobbli u immobbli ta' CFR Marfă, ir-Rumanija ma pprovditx evidenza dwar l-għadd u t-tipi ta' dawn is-sekwestri, il-valur tagħhom, kif ukoll il-grad ta' realizzazzjoni tagħhom, minkejja talbiet espressi mill-Kummissjoni.

(251) *It-tielet nett*, ir-Rumanija ma ddokumentatx u ma ssostanzjatx għalfejn il-passi għall-infurzar imsemmija hawn fuq, li twettqu minn CFR Infrastructură, inbdew daqstant tard wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx fl-2013. Ir-Rumanija la spjegat u lanqas iddokumentat għalfejn il-proċedimenti ta' arbitraġġ u ta' infurzar tal-qorti li ngħataw bidu ma kinux ikopru d-dejn sħiħ li CFR Marfă kienet għadha trid tħallas lura lil CFR Infrastructură.

(252) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din il-klemenza fl-infurzar tad-djun ta' CFR Marfă tindika li anke fl-2017 u fl-2018, għal żmien twil wara l-privatizzazzjoni ta' CFR Marfă fl-2013 li ma rnexxitx, CFR Infrastructură ma aġixxitx bħala MEO fl-infurzar tad-djun ta' CFR Marfă.

(253) *Ir-raba' nett*, ir-Rumanija ssostni li CFR Infrastructură ma setgħetx titlob infurzar li kien iwassal għal-likwidazzjoni ta' CFR Marfă minħabba n-natura strateġika tal-kumpanija (ara l-Premessa 233 hawn fuq). Għal darb'oħra, bħalma kien il-każ għall-*Miżura 2*, u anke għall-*Miżura 5*, dan l-argument huwa ammissjoni mir-Rumanija li l-motivazzjoni reali wara n-nuqqas ta' infurzar tad-djun minn CFR SA kienet waħda mhux ekonomika (ara l-Premessi 179 - 181).

(254) Minbarra l-argumenti ta' hawn fuq, għar-raġunijiet li ġejjin il-Kummissjoni tqis li operatur tas-suq privat u prudenti li jitqiegħed fis-sitwazzjoni ta' CFR Infrastructură ma kienx ikompli jforni lil CFR Marfă għal snin mingħajr ma jipprova jirkupra d-dejn tiegħu, u minflok jillimita lilu nnifsu għas-sempliċi kalkolu tal-imgħax u l-penali għal snin sħaħ.

([170]) Ara l-Anness 2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 u s-sottomissjoni tar-Rumanija tas-6 ta' Ottubru 2017 bi tweġiba għall-*Addendum* tal-Ilment datat id-19 ta' Settembru 2017.

(255) *L-ewwel nett*, il-Kummissjoni tosserva li s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli u deterjoranti b'mod kostanti ta' CFR Marfà kienet ilha magħrufa sew minn CFR Infrastructură, saħansitra mill-2010. Għalhekk, CFR Infrastructură kellha biżżejjed żmien biex tħejji, internament tivvaluta u timplimenta passi biex tirkupra l-pretensjonijiet tagħha f'każ ta' privatizzazzjoni oħra li ma tirnexxix fl-2013. Minflok ma ħadet passi immedjati ta' infurzar, inkluż billi tipprova tirkupra d-dejn dovut lilha minn CFR Marfă fil-qorti, kien biss mill-2017 li CFR Infrastructură tat bidu għal tali proċedimenti għal ammont sostanzjali ta' dejn, jiġifieri biss fi stadju meta kienet qed tiffaċċa l-ftuħ imminenti ta' proċedimenti formali mill-Kummissjoni. Speċifikament, f'Mejju 2017, il-Kummissarju għall-Kompetizzjoni żar ir-Rumanija u informa lill-awtoritajiet Rumeni li aktarx tittieħed deċiżjoni biex jinfetħu proċedimenti ta' investigazzjoni fil-każ ta' CFR Marfă. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ebda operatur tas-suq privat u prudenti ma kien joqgħod jistenna għal perjodu daqstant twil biex jirkupra d-djun tiegħu.

(256) *It-tieni nett*, fuq talba tal-Kummissjoni, ir-Rumanija pprovdiet għadd ta' dokumenti interni, bħal minuti tal-Laqgħat rilevanti tal-azzjonisti ta' CFR Infrastructură, u l-preżentazzjonijiet/rapporti sottostanti mill-Bord fejn CFR Infrastructură ħadet nota tal-akkumulazzjoni tad-djun minn CFR Marfă u ddeċiediet li ma twettaqx miżuri ta' eżekuzzjoni furzata jew li tirrestrinġi l-aċċess ta' CFR Marfă għall-binarji tagħha ([171]). Minkejja dan, ir-Rumanija ma pprovditx studji (prodotti internament jew ikkummissjonati lil konsulenti esterni) li abbażi tagħhom ittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-infurzar jew, pjuttost, in-nuqqas ta' infurzar tad-djun ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură fil-perjodu ta' wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, u li jiġġustifikaw minn perspettiva ekonomika approċċ klementi ħafna ta' CFR Infrastructură lejn l-irkupru tad-djun dovuti lilha minn CFR Marfă.

(257) *It-tielet nett*, kif diġà ġie spjegat b'relazzjoni mal-*Miżura 2* hawn fuq (ara t-Tabella 12 u l-Premessi 234 u 235), il-Kummissjoni ssib li CFR Infrastructură ma setgħetx titqies bħala fornitur limitat ta' CFR Marfă, u għalhekk li tiddependi fuq l-eżistenza ta' CFR Marfă bħala sorsi prinċipali tad-dħul tagħha fil-perjodu ta' wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013. Għalkemm f'termini tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija CFR Marfă kienet qrib nofs is-suq, hija kienet tirrappreżenta biss inqas minn 20 % mid-dħul ta' CFR Infrastructură wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013. Barra minn hekk, f'termini ta' dinamika, il-proporzjon tad-dħul irrappreżentat minn CFR Marfă fit-traffiku totali tal-merkanzija bil-ferrovija kompla jonqos b'mod kostanti wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013. Fl-aħħar nett, anke f'każ ta' likwidazzjoni ta' CFR Marfă wara l-infurzar tad-djun permezz ta' tilwim ikkawżat minn CFR Infrastructură fil-perjodu ta' wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx, kien hemm probabbiltà baxxa ħafna li t-traffiku li jikkorrispondi għal CFR Marfă kien jisparixxi kompletament, billi l-kuntratti tat-trasport u l-assi ta' CFR Marfă kienu jiddaħħlu fis-suq u probabbilment jiġu moqdija mill-kompetituri tagħha.

(258) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Miżura 5* tagħti vantaġġ lil CFR Marfă permezz tan-nuqqas ta' infurzar tad-djun tagħha u, b'mod korrispondenti, billi toffri għajnuna lil CFR Marfă fl-għamla ta' faċilità ta' ħlas li kieku ma kinitx tikseb mis-suq fil-perjodu ta' wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 u sakemm il-miżuri ta' għajnuna tibqa' fis-seħħ.

(259) Sabiex jiġi stabbilit il-vantaġġ marbut mal-finanzjament mogħti minn CFR Infrastructură, li tappartjeni għall-Istat, lil CFR Marfă fl-għamla ta' djun akkumulati mhux infurzati, il-Kummissjoni tfakkar li s-sitwazzjoni diffiċli ta' CFR Marfă kienet magħrufa sew fost il-banek privati u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, ferm qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 u wara l-privatizzazzjoni sussegwenti li ma rnexxitx. Filwaqt li s-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet għal ftit wara dan it-tħassir sinifikanti tad-dejn, CFR Marfă xorta waħda kompliet takkumula aktar dejn, b'mod partikolari lejn il-fornitur prinċipali tagħha - CFR Infrastructură - u kompliet tirreġistra telf mingħajr eċċezzjoni fis-snin sussegwenti (ara l-Premessa 241 hawn fuq). Għalhekk, ma kienx hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li wara l-privatizzazzjoni li ma rnexxitx, l-affidabbiltà kreditizja ta' CFR Marfă kienet se tinbidel. Għall-kuntrarju, kien pjuttost ċert li l-kumpanija ma kinitx se tkun kapaċi tikseb finanzjament fit-tul mis-suq.

(260) Għalhekk, b'mod simili għall-metodoloġia għall-*Miżuri 1 u 2* (ara l-Premessi 203-209 u 237-239 hawn fuq), l-ammont tal-vantaġġ marbut mal-finanzjament mogħti minn CFR Infrastructură fl-għamla ta' djun akkumulati mhux infurzati dovuti lilha minn CFR Marfă wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 taħt il-*Miżura 5*, huwa ugwali għall-kapital tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură sal-2018 (inklużivament) bit-tnaqqis tal-ammont ta' RON 115,79 miljun (madwar EUR 25,17 miljun), li jikkorrispondi għall-15 % tal-*Miżura 2* li ma tħassrux mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (ara l-Premessa 240), u biż-żieda tal-imgħax tas-suq korrispondenti sal-2018 (inklużivament). L-għoti tal-għajnuna jibda immedjatament wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati li fihom il-fatturi maħruġa minn CFR Infrastructură kellhom jitħallsu minn CFR Marfă.

([171]) Ara l-Anness 1.2 tat-Tweġiba tar-Rumanija tat-12 ta' Mejju 2017 li tinkludi dokumenti interni ta' CFR Infrastructură bħad-diversi Preżentazzjonijiet tal-Bord lill-Assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti datati t-8.12.2015, it-8.4.2014 u s-7.3.2016.

(261) L-imgħax tas-suq għandu jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-suq għall-kapital arretrat.

(262) Il-Kummissjoni tosserva li CFR Infrastructură diġà imponiet imgħax u penali fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă (ara t-Tabella 7 hawn fuq), li kienu jammontaw għal RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) għas-sena 2018 biss. Rigward l-imgħax, dan ma jistax ikun iżgħar mill-imgħax ikkalkulat f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2008. Għalhekk, ir-rata tal-imgħax tas-suq hija l-massimu bejn (i) ir-rata tal-imgħax ikkalkulata f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2008 għall-perjodu rilevanti għall-*Miżura 5* u (ii) ir-rata tal-imgħax u l-penali imposti u applikati minn CFR Infrastructură għall-perjodu rilevanti wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 u sal-2018 inkluża. B'riżultat ta' dan, jekk ir-rata tal-imgħax u l-penali applikata minn CFR Infrastructură għall-kapital arretrat tkun ugwali jew ogħla mir-rata tal-imgħax tas-suq li kien imissha ġiet imposta fuq id-djun arretrati ta' CFR Marfă abbażi tal-Komunikazzjoni tal-2008, allura l-ammont ta' mgħax u penali fil-fatt impost minn CFR Infrastructură għandu jiżdied mal-ammont tal-kapital. Jekk ir-rata tal-imgħax u l-penali applikata minn CFR Infrastructură kienet aktar baxxa mir-rata tal-imgħax tas-suq ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-2008, allura trid tiġi applikata r-rata tal-imgħax tas-suq ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-2008.

(263) Fi kwalunkwe każ, **l-ammont tal-għajnuna għall-Miżura 5 huwa mill-inqas ta' RON 834,29 miljun (madwar EUR 181,37 miljun)** ([172]), li huwa l-ammont tad-dejn arretrat totali dovut minn CFR Marfă lejn CFR Infrastructură fi tmiem l-2018, bit-tnaqqis tal-ammont ta' RON 115,79 miljun (madwar EUR 25,17 miljun), li jikkorrispondi għall-15 % tal-*Miżura 2* li ma tħassrux bil-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (ara l-Premessa 240).

4.1.5.5. (iii) Miżura 3 – Il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità li tammonta għal RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun)

Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar l-allegata approvazzjoni tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, kif iddikjarat mir-Rumanija

(264) Ir-Rumanija tqis li (ara l-Premessa 107 hawn fuq) il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013. Madankollu, kif inhu spjegat aktar 'l isfel fil-Premessa 322 *et subseq*., il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq ma tissostitwixxix lilha nnifisha għall-iskrutinju tal-għajnuna mill-Istat; għall-kuntrarju, il-Memorandum ta' Qbil approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill jeħtieġ b'mod espliċitu li jiġu rispettati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri ta' ristrutturar li għandhom jittieħdu mir-Rumanija ([173]).

(265) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva wkoll li tabilħaqq, il-proċess ta' privatizzazzjoni għal bosta SOEs imsemmija fil-Memorandum ta' Qbil mar-Rumanija ġie mmonitorjat u rifless f'diversi rapporti tal-Kummissjoni, inkluż ir-rapport dwar *"Il-Programm għall-Bilanċ tal-Pagamenti. Ir-Rumanija, 2013-2015"*. Madankollu, għall-kuntrarju tal-fehma tar-Rumanija (ara l-Premessi 107 sa 110 hawn fuq), il-Kummissjoni tqis li r-rapport ikkwotat fil-fatt enfasizza l-eżistenza stess ta' tħassib mill-perspettiva tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 favur CFR Marfă. Dan jidher ċar mill-mod kif il-Kummissjoni tispjega fir-rapport li dan it-tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat "jittaffa" mill-privatizzazzjoni mwieġħda u mistennija. Fi kwalunkwe każ, minkejja l-weġħdiet tar-Rumanija li jinsabu fid-diversi Memoranda ta' Qbil mal-UE, il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfă qatt ma tnieda uffiċjalment wara t-tentattiv ta' privatizzazzjoni fl-2013 li ma rnexxiex, aħseb u ara tlesta b'suċċess, anke 6 snin wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tfakkar li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw Stat Membru biex jintroduċi eżenzjoni (fiskali) ma għandhomx l-effett li jipprevienu lill-Kummissjoni milli teżamina jekk dik l-eżenzjoni tikkostitwix għajnuna mill-Istat ([174]). B'mod simili, l-eżistenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija mir-Rumanija ma tistax tiġi invokata mir-Rumanija għal stennijiet leġittimi (ara wkoll il-Premessa 323 hawn fuq).

(266) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li d-dikjarazzjoni mir-Rumanija li skontha l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ġiet approvata għall-finijiet tal-għajnuna mill-Istat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 hija mingħajr bażi.

([172]) Ara t-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punti 36 u 37 u l-Anness 6 korrispondenti li jinkludi l-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas. Il-Kummissjoni tosserva li l-obbligazzjonijiet arretrati ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură ppreżentati mir-Rumanija fil-Punt 36 ivarjaw b'mod sinifikanti miċ-ċifri tad-dejn arretrat ippreżentati fil-Punt 39. Il-Kummissjoni qabblet dawn iċ-ċifri ma' dawk imsemmija fil-Ftehim tal-2018 ta' Skedar mill-Ġdid tal-Ħlas u tqis li l-eqreb ammonti għar-realtà tas-sitwazzjoni tal-obbligazzjonijiet fi tmiem l-2018 huma dawk fil-Punt 36 tat-Tweġiba tar-Rumanija.

([173]) It-Taqsima B, il-Punt 9 tal-Anness 1 tal-Memorandum ta' Qbil.

([174]) Ara s-Sentenza *Eurallumina* mill-Qorti fil-Kawża C-272/12 P *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda u Oħrajn*, ECLI:EU:C:2013:812 tal-10.12.2013.

Nuqqas ta' applikabbiltà tat-test tal-MEO

(267) Barra minn hekk, kif spjegat fil-Premessi 179 sa 181 hawn fuq, anke fir-rigward tal-*Miżura 3*, il-Kummissjoni tqis li t-test tal-MEO mhuwiex applikabbli.

(268) Minkejja dan, qiegħed jiġi mfakkar li l-Kummissjoni wettqet test tal-MEO bħal dan fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni kellha xi dubji li, bl-approvazzjoni tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' EUR 363 miljun, il-krediturі pubbliċi ta' CFR Marfă (jiġifieri l-ANAF u CFR Infrastructură) aġixxew bl-istess mod bħal kif kieku kien jagħmel MEO, u b'hekk taw vantaġġ lil CFR Marfă. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni kellha dubji jekk id-Digriet ta' Urġenza Nru 61/2013 (kif deskritt fin-Nota 27 f'qiegħ il-paġna hawn fuq) biex RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun) fi djun ta' CFR Marfă jiġu kkonvertiti f'ekwità f'Ġunju 2013, u b'hekk jitnaqqsu sostanzjalment id-djun ta' CFR Marfă, kinitx tissodisfa t-test tal-MEO.

(269) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għalkemm hija tqis li t-test tal-MEO mhuwiex applikabbli, il-Kummissjoni xorta waħda se tivverifika l-eżitu ta' test tal-MEO ipotetiku fir-rigward tal-*Miżura 3*.

Applikazzjoni ipotetika tat-Test tal-MEO

(270) Sabiex tiddetermina jekk il-*Miżura 3* tikkonferix vantaġġ mhux dovut lil CFR Marfă, il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-ANAF, li hija wkoll ir-rappreżentant ta' kull wieħed mill-krediturі pubbliċi l-oħra, is-CNPP, l-ANOFM, is-CNAS u CFR Infrastructură, ippuvatx tirkupra d-dejn pubbliku bl-istess diliġenza ta' kreditur privat li jkun qed ifittex li jimmassimizza l-irkupru tad-dejn dovut lilu ([175]).

(271) F'dan ir-rigward, meta kumpanija li tkun qed tiffaċċa deterjorament sostanzjali tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha tipproponi ftehim jew sensiela ta' ftehimiet għal arranġamenti ta' dejn lill-krediturі tagħha bl-għan li tirrimedja s-sitwazzjoni u tevita l-likwidazzjoni, kull kreditur irid jieħu deċiżjoni minn naħa waħda, wara li jikkunsidra l-ammont offrut lilu skont il-ftehim propost, u min-naħa l-oħra wara li jikkunsidra l-ammont li jkun qed jistenna li jirkupra wara l-likwidazzjoni possibbli tal-kumpanija. L-għażla tiegħu hija influwenzata minn għadd ta' fatturi, inkluż l-istatus tal-kreditur bħala d-detentur ta' pretensjoni assigurata, preferenzjali jew ordinarja, in-natura u l-punt sa fejn ikollu xi titoli, il-valutazzjoni tiegħu tal-probabbiltajiet li l-kumpanija terġa' ssir vijabbli, kif ukoll l-ammont li kieku jirċievi f'każ ta' likwidazzjoni ([176]). Barra minn hekk, it-test tal-MEO jeħtieġ valutazzjoni realistika tal-falliment fir-rigward tar-ristrutturar, li jfisser li l-ammont li kieku tirċievi f'każ ta' likwidazzjoni jrid jitqabbel mal-valutazzjoni tal-probabbiltajiet li l-kumpanija tiġi restawrata għall-vijabbiltà ([177]).

(272) Kif inhu deskritt fil-Premessi 116 u 117, ir-Rumanija sostniet li kien hemm similaritajiet qawwija bejn il-miżuri favur CFR Marfă u dawk il-każijiet preċedenti li kienu jinvolvu kumpaniji ferrovjarji tal-Istat fejn il-Kummissjoni wettqet it-test tal-MEO u sabet li l-miżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna.

(273) Il-Kummissjoni tosserva li d-deċiżjoni dwar ZSSK Cargo ikkwotata mir-Rumanija (ara l-Premessa 116 hawn fuq) tikkonċerna self ta' EUR 166 miljun mogħti mis-Slovakkja lill-operatur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, il-kumpanija ferrovjarja Slovakka. F'dak il-każ partikolari, il-Kummissjoni sabet li: (1) kien hemm offerti indikattivi simili mill-banek li saru fl-istess żmien; (2) abbażi ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva, l-imgħax mitlub kien ġeneralment jikkonforma mar-rati tal-imgħax imħallsa mill-kumpaniji f'sitwazzjoni finanzjarja komparabbli; (3) is-self ingħata abbażi ta' studju li wera li l-kumpanija kienet se tkun tista' tħallas lura s-self.

(274) Il-Kummissjoni tfakkar li t-Test tal-MEO jitwettaq każ b'każ, bl-attenzjoni dovuta għall-ispeċifiċitajiet ta' kull sitwazzjoni. Il-valutazzjoni u s-sejba ta' self bħala konformi mas-suq fil-każ Slovakk huma differenti ħafna mis-sitwazzjoni f'CFR Marfă, fejn il-miżuri jieħdu l-għamla ta' nuqqas ta' infurzar tad-djun għal snin sħaħ u ta' tħassir sinifikanti tad-dejn għal attivitajiet kummerċjali normali. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-MEO ta' dan il-każ partikolari hija bbażata fuq sitwazzjoni differenti u mhux neċessarjament twassal għall-istess konklużjoni.

(275) Il-Kummissjoni tosserva li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità kienet ibbażata fuq l-obbligazzjonijiet akkumulati preċedentement minn CFR Marfă lejn l-ANAF ([178]) u CFR Infrastructură ([179]), kif inhu ppreżentat fit-tabella hawn taħt.

([175]) Il-Kawża C-342/96 *Tubacex*, ECLI:EU:C:1999:210, il-paragrafu 46; il-Kawża C-256/97 *DMT*, ECLI:EU:C:1999:332, il-Paragrafu 21; il-Kawża C-480/98 *Magefesa*, ECLI:EU:C:2000:559; il-Kawża T-152/99 *Hamsa*, ECLI:EU:T:2002:188, il-Paragrafu 167.

([176]) Il-Kawża T-152/99 *Hamsa*, ECLI:EU:T:2002:188, il-Paragrafu 168.

([177]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2005 fil-każ dwar l-għajnuna mill-Istat C 20/04 (eks NN 25/04) – il-Polonja – Għajnuna mill-Istat favur Huta Częstochowa, ĠU L 366, 21.12.2006, p. 1, il-Premessa 118.

([178]) Li jikkonsistu minn RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) f'kapital u RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) f'imgħax u penali. Ara l-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Paġna 3.

([179]) Li jikkonsistu minn total ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) f'kapital u RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) f'imgħax u penali. Ara l-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Paġna 3.

Tabella 14

Dettalji dwar l-ammonti ta' dejn imħassra permezz tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013

Obbligazzjonijiet soġġetti għall-konverżjoni ta' dejn f'ekwità	Qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013		Konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013		
			Ammont ta' dejn ikkonvertit f'ekwità		*Proporzjon ta' dejn ikkonvertit f'ekwità (%)*
	miljuni ta' RON	*Miljuni ta' EUR*	*miljuni ta' RON*	*Miljuni ta' EUR*	
I. **Obbligazzjonijiet lejn il-baġit tal-Istat** li minnhom	**1 001,2**	**217,65**	**1 001,2**	**217,65**	***100***
(i) dejn kapitali	(…)	(…)	(…)	(…)	
(ii) imgħax u penali	(…)	(…)	(…)	(…)	
II. **Ammonti pagabbli pendenti lejn CFR Infrastructură** li minnhom:	**783,78**	**170,39**	**667,99**	**145,22**	***85***
taħt OUG 32/2013 li minnhom:			**527,20**	**114,61**	*67*
(iii) dejn kapitali			(…)	(…)	
(iv) imgħax u penali			(…)	(…)	
taħt OUG 61/2013 li minnhom:			**140,79**	**30,61**	*18*
(v) dejn kapitali			(…)	(…)	
(vi) imgħax u penali			(…)	(…)	
TOTAL	**1 784,98**	**388,04**	***1 669,19***	***362,87***	**94**

Sors: Il-kalkoli tal-Kummissjoni bbażati fuq l-Anness 4 tal-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Paġna 3 u t-Tweġiba tar-Rumanija ta' Mejju 2017 tal-Punt 17.

(276) Fis-sottomissjonijiet tagħha matul l-investigazzjoni, minkejja l-istedina espliċita mill-Kummissjoni fil-Premessa 132 tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ, ir-Rumanija ma pprovditx informazzjoni rilevanti ġdida, minbarra r-Rapport ta' Deloitte, dwar ix-xerqien tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 u l-mod kif din ġiet implimentata. Minflok, ir-Rumanija tenniet il-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Deloitte, li kienu diġà ġew ikkritikati fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(277) Ir-Rumanija naqset ukoll milli tipprovdi informazzjoni kontemporanja disponibbli li wasslitha biex tapprova l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, fost oħrajn informazzjoni disponibbli matul il-proċess ta' diliġenza dovuta u rapporti dwar il-valur tal-assi ta' CFR Marfă li tħejjew għall-privatizzazzjoni sussegwenti fl-2013 li ma rnexxitx, dettalji dwar l-ipoteżijiet u valutazzjonijiet kumparattivi li jappoġġaw ir-rati ta' skont użati fir-Rapport ta' Deloitte, il-valur u l-ġustifikazzjoni tal-fatturi ta' likwidazzjoni użati biex jiġi ddeterminat ir-rikavat massimu possibbli mill-bejgħ tal-assi ta' CFR Marfă fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, u kwalunkwe informazzjoni oħra li jippermettilha tieħu kont tad-deprezzament addizzjonali f'xenarju ta' falliment imdewwem.

(278) Minkejja t-talba espliċita mill-Kummissjoni fil-Premessa 132 tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ, ir-Rumanija ma pprovditx stima tar-redditu mistenni mill-Istat Rumen minn aktar investiment f'kumpanija b'dejn kbir bħal CFR Marfă fi żmien il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, u lanqas ġustifikazzjoni xierqa għal dan.

(279) *L-ewwel u qabel kollox*, il-Kummissjoni tqis li x-xenarju tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità kien vijabbli biss f'każ tal-privatizzazzjoni sussegwenti immedjata ta' CFR Marfă, li madankollu ma seħħitx. Is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli ta' CFR Marfă kienet ilha magħrufa snin għall-krediturі tal-Istat u għal CFR Infrastructură, u l-prospettivi ta' privatizzazzjoni tal-kumpanija kienu riskjużi, anke fid-dawl tat-tentattivi ta' privatizzazzjoni preċedenti tal-kumpanija li ma rnexxewx. Barra minn hekk, fil-perjodu eżatt qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, kien ċar li kienu ftit ħafna x-xerrejja potenzjali li wrew interess fil-kumpanija, u li l-probabbiltà ta' suċċess tal-privatizzazzjoni ma kinitx iġġustifikata. Il-Kummissjoni tqis li l-ebda MEO sensibbli ma kien jaqbel li jħassar djun daqstant sinifikanti ta' kumpanija f'diffikultà bħal CFR Marfă f'dak iż-żmien, minħajr ma jiżgura d-dħul mill-ġdid ta' dawk id-djun f'każ ta' privatizzazzjoni li ma tirnexxix (eż. permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru u b'garanziji addizzjonali għall-ammonti dovut lilu minn CFR Marfă f'każ ta' likwidazzjoni wara privatizzazzjoni li ma tirnexxix). F'dan il-każ, l-awtoritajiet Rumeni wettqu l-konverżjoni minħajr prekawzjonijiet bħal dawn, li jikkonferma li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 ma kinitx tikkonforma mal-MEO.

(280) *It-tieni nett*, il-Kummissjoni tqis ukoll li d-deċiżjoni tal-Istat li jwettaq il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ħadet inkunsiderazzjoni fatturi li normalment ma jiddeterminawx l-imġiba ta' operatur tas-suq. Kif ġie rikonoxxut mir-Rumanija fid-diversi sottomissjonijiet tagħha matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-likwidazzjoni tal-kumpanija qatt ma kienet għażla valida għad-diversi krediturі tal-Istat. Fil-fatt, kwalunkwe passi ta' infurzar li setgħu rriżultaw fl-imblukkar tal-attività ta' CFR Marfă tqiesu bħala li jimminaw is-sigurtà nazzjonali, l-ekonomija nazzjonali u li għandhom implikazzjonijiet soċjali konsiderevoli (ara l-Premessi 78, 82, 169 u 170 hawn fuq).

(281) *It-tielet nett*, u minbarra t-tħassir minħajr titolizzazzjoni ta' dawk id-djun, il-Kummissjoni tqis ukoll li għalkemm ir-Rapport ta' Deloitte ġie prodott f'Marzu 2013, ftit xhur biss qabel ma r-Rumanija ddeċidiet li tikkonverti d-djun tagħha f'ekwità ta' CFR Marfă (jiġifieri Ġunju 2013), l-istudju nnifsu ma kienx bażi suffiċjenti għad-deċiżjoni tar-Rumanija.

(282) B'mod speċifiku, il-Kummissjoni l-ewwel tosserva li l-input prinċipali fil-metodu ta' stima tad-dħul fil-fatt ġie pprovdut minn CFR Marfă stess, u ma ġiex ivverifikat indipendentement minn xi konsulent indipendenti. Kif inhu spjegat fil-ġurisprudenza reċenti, l-oneru tal-provi huwa tal-Istat Membru li jisħaq li aġixxa bħala investitur privat biex jipprovdi l-evidenza meħtieġa li turi li aġixxa bħala investitur privat li jkun qed ifittex profitt fit-tul. Studji bbażati fuq stimi mhux ivverifikati li joriġinaw mill-impriża stess mhumiex affidabbli f'dan ir-rigward ([180]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva wkoll li, minkejja li kienu konxji mid-dgħufijiet ta' dawn it-tbassir u l-istimi, l-awtoritajiet Rumeni ma ħadux ir-responsabbiltà li jwettqu valutazzjoni tas-sensittività tat-tbassir u tal-preżunzjonijiet sottostanti, u lanqas ma evalwaw il-probabbiltà tar-riżultati u tal-avvenimenti. Pereżempju, it-tbassir fix-xenarju ta' privatizzazzjoni kien ibbażat fuq il-preżunzjoni ottimista żżejjed li l-introjtu operatorju ta' CFR Marfă jiżdied bi […] % mill-2013 sal-2017, li jirriżulta primarjament minn żieda ta' […] % f'tunnellati-kilometri. Madankollu, id-*data* tal-passat uriet biċ-ċar li CFR Marfă kienet qed tnaqqas l-attività tagħha konsistentement fid-deċennju ta' qabel il-privatizzazzjoni ppjanata (ara l-evoluzzjoni tal-ishma mis-suq ta' CFR Marfă fit-Tabella 1 u tnaqqis kostanti u sinifikanti fid-dħul ta' CFR Marfă fit-Tabella 4 hawn fuq).

(283) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tosserva wkoll li r-riżultat pożittiv tar-Rapport ta' Deloitte li jappoġġa l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità kien predikat fuq is-suċċess ta' privatizzazzjoni sussegwenti. Ir-Rapport ta' Deloitte jikkonferma li meta titqies is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija [CFR Marfă] u l-evoluzzjoni tad-djun baġitarji ta' CFR Marfă, jirriżulta li dan id-dejn ikompli jiżdied bħala riżultat tal-kontinwazzjoni tal-attività ta' CFR Marfă minħajr likwidazzjoni jew privatizzazzjoni, bi prospettivi ta' rkupru saħansitra aktar baxxi minn dawk attwali fl-2013.

(284) Madankollu, ir-Rapport ta' Deloitte ma jinkludix valutazzjoni tal-prospettivi ta' privatizzazzjoni f'żewġ stadji ta' CFR Marfă (jiġifieri l-ewwel stadju fl-2013 bil-privatizzazzjoni ta' sehem maġġoritarju ta' 51 %, u t-tieni stadju fl-2017 bil-privatizzazzjoni ta' sehem minoritarju ta' 49 %). Fil-mument meta l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ġiet deċiża irrevokabbilment (jiġifieri fit-13 ta' Ġunju 2013), ma kinux ġew sottomessi offerti vinkolanti u kien għadu mhux ċar jekk il-privatizzazzjoni kinitx se tirnexxi. Skont informazzjoni disponibbli pubblikament, l-ewwel tentattiv ta' privatizzazzjoni ta' CFR Marfă fl-2013 ġie kkanċellat u ppubblikat mill-ġdid (ara l-Premessa 31 sa 33 hawn fuq). Minkejja li kien hemm tliet offerenti prekwalifikati, dawk l-offerenti sempliċiment issottomettew l-espressjonijiet ta' interess mhux vinkolanti tagħhom, minħajr l-ebda impenn konkret. Barra minn hekk, skont informazzjoni disponibbli pubblikament, l-offerenti prekwalifikati kollha, għajr GFR, irtiraw mit-tranżazzjoni f'Ġunju 2013 (ara l-Premessa 37 hawn fuq). Barra minn hekk, għalkemm GFR issottomettiet offerta vinkolanti, il-privatizzazzjoni ma rnexxitx.

([180]) Ara l-Kawża T-93/17 *Duferco Long Products SA vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2018:558, il-Paragrafi 54-55. "54. *Pris collectivement, il apparaît ainsi que ces documents sont, pour l'essentiel, des documents internes au groupe Duferco, se limitant à des études de l'activité du groupe ou à la présentation de chiffres, dont certains ne sont pas datés. S'agissant des rapports d'expertise externes, ceux-ci ont été réalisés, à la demande du groupe Duferco, sans aucun contrôle des comptes ni aucun audit de l'entreprise en cause et ne contiennent que des estimations fondées sur des documents communiqués par le groupe Duferco, dont la fiabilité n'est à aucun moment éprouvée par l'expert concerné.*"

(285) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li bil-privatizzazzjoni ppjanata tas-sehem maġġoritarju ta' 51 % f'CFR Marfă fl-2013, fix-xenarju medju, l-Istat stenna li jikseb RON […] miljun (madwar EUR […] miljuni), u kien mistenni li l-bqija ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun) jinkisbu mit-tieni stadju ta' privatizzazzjoni fl-2017 (ara l-Premessi 30 sa 34 hawn fuq). Dan għandu jitqabbel mar-riżultati tal-eżitu pjuttost ċert tax-xenarju ta' likwidazzjoni, li (fl-aħjar każ) kien biss RON 88,22 miljun (madwar EUR 19-il miljun) aktar baxx milli fix-xenarju ta' privatizzazzjoni f'żewġ stadji li kien inċert ħafna ([181]).

(286) Barra minn hekk, fix-xenarju tal-likwidazzjoni, ġie applikat skont medju fuq il-valur fis-suq tal-assi (RON […] miljun) ta' bejn […] % u […] % ([182]). Li kieku ġie applikat skont aktar baxx fuq il-valur fis-suq tal-assi, ir-riżultati tax-xenarju tal-likwidazzjoni kien ikun saħansitra ogħla. Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, ir-Rumanija ma pprovditx ġustifikazzjoni tal-fatturi ta' likwidazzjoni magħżula, u lanqas xi valutazzjoni kumparattiva li l-kumpanija tal-awditjar kienu qed jużaw matul il-perjodu rilevanti għal stimi simili.

(287) Il-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha biex ir-Rumanija tipprovdi l-livelli tal-fatturi ta' likwidazzjoni statutorji applikabbli matul il-perjodu taħt valutazzjoni. Bħala tweġiba, ir-Rumanija sostniet li fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi tad-debitur jew fil-proċedimenti ta' infurzar jew inkella fil-proċedimenti ta' insolvenza, irrispettivament minn jekk ikunux mobbli u/jew immobbli, il-liġi ma tipprevedix tnaqqis fil-likwidazzjoni b'mod espliċitu, iżda dan jiġi ddettat minn elementi differenti: bħall-metodu ta' valwazzjoni approvat mill-kredituri, individwalment jew flimkien; in-natura tal-assi; l-attraenza tas-suq; il-livell ta' tkagħbir; l-interess ta' offerenti potenzjali, eċċ. Għalhekk, meta jitqies li f'ipoteżi bħal din hemm bosta elementi varjabbli, mhuwiex possibbli li jiġi stmat l-eżitu tal-valwazzjoni ([183]).

(288) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li r-riżultati fix-xenarju ta' likwidazzjoni jidhru pjuttost ċerti, billi s-suċċess ta' proċedura ta' likwidazzjoni ma jiddependix fuq id-disponibbiltà ta' xerrej wieħed, u fid-dawl tal-preżunzjonijiet restrittivi li jikkonċernaw il-prezz tal-bejgħ tal-assi individwali fix-xenarju tal-privatizzazzjoni.

(289) Rigward il-pretensjonijiet tal-ANAF (u ta' kredituri oħra tal-Istat - is-CNPP, l-ANOFM, u s-CNAS) u ta' CFR Infrastructură fil-konfont ta' CFR Marfă, il-Kummissjoni tqis li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 ma kinitx l-aħjar għażla disponibbli għall-irkupru tas-somom dovuti lilhom. Skont ix-xenarju ta' likwidazzjoni fir-Rapport ta' Deloitte, l-ANAF kienet tkun tista' tirkupra [90-100] % mill-pretensjonijiet tal-kreditur tal-Istat, filwaqt li fl-2010 l-ANAF setgħet irkuprat 100 % mill-pretensjonijiet tal-kredituri tal-Istat taħt xenarju ta' likwidazzjoni. Skont ix-xenarju ta' likwidazzjoni tal-2012 tal-istess Rapport ta' Deloitte, CFR Infrastructură ma jkollha l-ebda prospettiva ta' rkupru (ara t-Tabella 15 hawn taħt), filwaqt li fix-xenarju ta' likwidazzjoni tal-2010 CFR Infrastructură setgħet tistenna rkupru ta' [40-50] % tal-pretensjonijiet tagħha (ara t-Tabella 11 hawn fuq). Madankollu, għandu jiġi osservat li bejn l-2010 u l-2012, l-ANAF (u kredituri oħra tal-Istat) u CFR Infrastructură ppermettew li CFR Marfă żżid id-djun tagħha lejhom b'[90-100] % (abbażi tat-Tabella 7 hawn fuq).

(290) Hija l-fehma tal-Kummissjoni li din iż-żieda kbira tad-dejn maż-żmien rendiet possittiv it-test tal-MEO tal-2013 fuq il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità, kif deskritt fir-Rapport ta' Deloitte ([184]), għalkemm dan kien ibbażat fuq il-preżunzjoni mhux realistika ta' privatizzazzjoni fit-terminu qasir. Il-livell ogħla ta' dejn ta' CFR Marfă lejn il-bażit konsolidat tal-Istat (jiġifieri l-ANAF, is-CNPP, l-ANOFM u s-CNAS) u lejn CFR Infrastructură sal-2013 irriżulta f'rata ta' rkupru aktar baxxa taħt ix-xenarju ta' likwidazzjoni tal-2012, bi tqabbil max-xenarju tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. Konsegwentement, dan id-dejn ogħla lejn il-bażit konsolidat tal-Istat u lejn CFR Infrastructură żied l-ammont li għandu jiġi rkuprat taħt il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità segwita minn privatizzazzjoni taħt it-test tal-MEO kif twettaq fir-Rapport ta' Deloitte, u dan b'RON […] miljun (madwar EUR […] miljun), billi f'dan ix-xenarju ġie preżunt li CFR Marfă kienet se tħallas lura d-djun pendenti kollha tagħha (jiġifieri d-djun mhux soġġetti għall-konverżjoni ta' dejn f'ekwità).

([181]) RON […] miljun (ir-riżultati tax-xenarju ta' privatizzazzjoni medju) – RON […] miljun (ir-riżultati tax-xenarju ta' likwidazzjoni massimu) = RON 88,22 miljun.

([182]) Ir-Rapport ta' Deloitte, il-Paġni 32-34 jippreżentaw id-diversi fatturi ta' likwidazzjoni, bil-valuri minimi u massimi, għad-diversi kategoriji ta' assi.

([183]) Ara l-Punt 45, is-Sottopunti (a) u (b) tat-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019.

([184]) Il-Kawża T-11/95 *BP Chemicals Ltd vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:199, il-Paragrafi 170 – 179; Ara wkoll, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2009 fil-każ dwar l-għajnuna mill-Istat C43/2007 – il-Polonja - Bidla fil-pjan ta' ristrutturar ta' Huta Stalowa Wola, ĠU L 81, 26.3.2010, p. 1, il-Premessa 105.

Tabella 15

Stampa ġenerali tal-ammonti ta' rkupru fix-xenarju ta' likwidazzjoni fir-Rapport ta' Deloitte

F'miljuni ta' RON	31.12.2012	Ammonti ta' rkupru approssimati fl-2012	% ta' rkupru fl-2012
Valur kontabilistiku tal-assi	**[…]**		
Valur tal-likwidazzjoni tal-assi [1]	**(…)**		
— Spejjeż tal-likwidazzjoni	**(…)**	**(…)**	100
— Salarji	**(…)**	**(…)**	100
— Djun garantiti (krediti bankarji)	**(…)**	**(…)**	100
Subtotal	**(…)**	**(…)**	**(…)**
— Djun lejn il-baġit tal-Istat (ammonti pagabbli tat-taxxa u pagamenti tal-kontribuzzjoni soċjali)	**(…)**	**(…)**	**[90-100]**
— Djun lejn il-baġit tal-Istat mil-likwidazzjoni	**(…)**	**(…)**	**[90-100]**
Subtotal	**(…)**	**(…)**	**(…)**
— Ammonti pagabbli kummerċjali lill-SOEs	**(…)**	**(…)**	**[0-5]**
— Ammonti pagabbli kummerċjali lil kredituri oħra	**(…)**	**(…)**	**[0-5]**
Total tad-dejn mhux kopert mill-valur tal-likwidazzjoni tal-assi	**(…)**		

(1) Il-valur minimu tal-likwidazzjoni tal-assi ta' CFR Marfă fil-31.12.2012, kif stabbilit fir-Rapport ta' Deloitte.
Sors: Sottomissjoni mir-Rumanija, l-24 ta' Diċembru 2015, l-applikazzjoni Private Investor Test, Deloitte, id-29 ta' Marzu 2013.

(291) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Miżura 3* tagħti lil CFR Marfă vantaġġ permezz tan-nuqqas ta' infurzar u t-tħassir tad-dejn akkumulat mogħti fil-mument tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. Il-valur ta' din l-għajnuna jikkorrispondi għall-ammont sħiħ tad-dejn imħassar permezz tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' RON 1 669 miljun (madwar EUR 363 miljun). Il-Kummissjoni tosserva li l-għajnuna taħt il-*Miżura 3* tirriżulta mill-istess riżorsi li jikkorrispondu għall-Miżuri 1 u minn 85 % tar-riżorsi li jikkorrispondu għall-*Miżura 2*, li jittieħed inkunsiderazzjoni kif meħtieġ fid-determinazzjoni tal-ammont globali tal-għajnuna sabiex jiġi evitat għadd doppju.

4.1.5.6. (iv) Valutazzjoni ġenerali tal-vantaġġ ekonomiku tal-Miżuri 1, 2, 3 u 5

(292) Wara li tkun ivvalutat il-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku fir-rigward ta' kull Miżura separatament, il-Kummissjoni għandha twettaq ukoll valutazzjoni aktar ġenerali dwar jekk il-Miżuri jistgħux jiġu ttrattati bħala intervent wieħed kontinwu mill-Istat f'CFR Marfă.

(293) Il-Kummissjoni tosserva li CFR Marfă ma għamlitx profitti mill-2008 'il hawn u li kienet soġġetta għal bosta tentattivi ta' privatizzazzjoni li ma rnexxewx, li l-ebda wieħed minnhom ma rriżulta fil-likwidazzjoni ta' CFR Marfă minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha li kienet qed tiddeterjora b'mod kostanti. Barra minn hekk, il-*Miżuri 1, 2, 3 u 5* deskritti hawn fuq jidhru li huma intrinsikament marbuta u jagħmlu parti mill-istess objettiv prinċipali li jappoġġaw u jżommu lil CFR Marfă fis-suq għal snin sħaħ, kif ukoll li jiżguraw impjiegi għall-impjegati ta' CFR Marfă, permezz tan-nuqqas ta' infurzar tad-djun, it-tħassir tad-dejn u forniment kontinwu ta' servizzi ta' infrastruttura.

(294) Din l-istrateġija mill-Istat biex iżomm lil CFR Marfà operazzjonali akkost ta' kollox tidher aktar ċara meta jittieħdu inkunsiderazzjoni (i) l-istess identità ta' dawk li jippermettu l-miżuri, kollha kemm huma aġenziji jew korpi tal-Istat; (ii) il-kronoloġija tal-miżuri inkwistjoni (il-*Miżuri 1 u 2* ingħataw fil-perjodu 2010-2013 filwaqt li l-*Miżura 3* ngħatat f'Ġunju 2013 bħala sempliċi konsegwenza tad-deċiżjoni li titħalla akkumulazzjoni tad-dejn fil-perjodu preċedenti) (iii) l-iskop tagħhom, jiġifieri li jżommu lil CFR Marfà attiva fis-suq akkost ta' kollox u li tiġi evitata l-likwidazzjoni; u (iv) is-sitwazzjoni (finanzjarja u tar-riskju) tal-impriża matul dan il-perjodu ta' żmien kollu li huwa itwal minn 8 snin.

(295) Barra minn hekk, il-*Miżura 3* ma kinitx teżisti mingħajr il-*Miżuri 1 u 2*. Id-djun akkumulati direttament lejn il-baġit tal-Istat taħt il-*Miżura 1* (intervent dirett) u lejn CFR Infrastructură b'riżultat tal-fornimenti kontinwi taħt il-*Miżura 2* (intervent indirett) aktar tard ġew ittrasformati fil-*Miżura 3*. *Il-Miżura 3* twassal għal vantaġġ imsaħħaħ favur CFR Marfà lil hinn mill-*Miżuri 1 u 2* kkombinati, li ma jistax jiġi sseparat mill-vantaġġ taħt il-*Miżuri 1 u 2*.

(296) Billi l-*Miżura 3* tirriżulta mill-*Miżuri 1 u 2*, u billi l-*Miżura 5* hija sempliċiment kontinwazzjoni tal-*Miżura 2*, dawk il-miżuri kollha jikkostitwixxu sensiela ta' interventi interdipendenti ([185]) relatati b'għan komuni, li l-Istat iżomm lil CFR Marfà operazzjonali, u għalhekk huma imputabbli għall-Istat. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li kien hemm bidla wara l-2013 fejn CFR Marfà ma baqgħetx tirreġistra djun lejn il-baġit tal-Istat, u minflok irreġistrat żidiet konsiderevolment ogħla fid-dejn lejn CFR Infrastructură. Dan huwa spjegat mill-fatt li sabiex jipparteċipaw fis-sejħiet għall-offerti għall-forniment ta' servizzi tat-trasport għal ċerti kumpaniji tal-Istat, l-offerenti kollha ġew ikkundizzjonati minn nuqqas ta' djun pendenti lejn l-ANAF.

(297) B'mod ġenerali, anke meta jitqiesu l-fallimenti ta' privatizzazzjoni fil-passat, MEO f'sitwazzjoni qrib dik tal-Istat l-ewwel kien jipprova jimmassimizza l-irkupru tad-dejn tiegħu minn CFR Marfà billi jeżawrixxi l-mezzi kollha possibbli għad-dispożizzjoni tiegħu, inkluż billi jitlob mill-Qorti l-infurzar tad-diversi pretensjonijiet tiegħu fi żmien xieraq, u sussegwentement jiskatta l-likwidazzjoni ta' CFR Marfà.

(298) L-għajnuna totali mogħtija mill-Istat lil CFR Marfà hija għalhekk ugwali għall-ammont totali tad-dejn (inkluż il-kapital, l-imgħax u l-penali) dovut minn CFR Marfà taħt il-*Miżuri 1, 2 u 5*, flimkien mad-differenza bejn l-imgħax u l-penali imposti mill-ANAF u minn CFR Infrastructură u r-rata tal-imgħax tas-suq ikkalkulata f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2008. L-għajnuna mogħtija lil CFR Marfà taħt il-*Miżura 3* fl-għamla ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità ta' madwar EUR 363 miljun fl-2013 diġà tinsab fl-ammont ta' għajnuna taħt il-*Miżuri 1 u 2*, u għalhekk mhux se tiġi miżjuda mal-ammont li għandu jiġi rkuprat sabiex jiġi evitat għadd doppju.

4.1.6. *Distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ fost l-Istati Membri*

(299) L-appoġġ pubbliku jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni anke jekk ma jgħinx lill-impriża riċevitur biex tespandi u tikseb sehem mis-suq. Huwa biżżejjed li l-għajnuna tippermettilha żżomm pożizzjoni kompetittiva aktar b'saħħitha milli kieku kien ikollha li kieku ma tkunx ingħatat l-għajnuna. F'dan il-kuntest, biex jitqies li l-għajnuna toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, normalment huwa biżżejjed li l-għajnuna tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju billi tiffrankalu spejjeż li kieku kien ikollu jġarrab matul l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu ta' kuljum ([186]).

(300) L-appoġġ pubbliku lill-impriżi jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE bissa sa fejn huwa jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dak ir-rigward, mhuwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ fost l-Istati Membri, iżda biss jekk l-għajnuna hijiex kapaċi taffettwa dan il-kummerċ. B'mod partikolari, il-Qrati tal-Unjoni ddeċidew li "*fejn l-għajnuna finanzjarja mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li qed jikkompetu fil-kummerċ intra-[Unjoni], dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li ġew affettwati mill-għajnuna*" ([187])

([185]) Il-Kawża T-11/95 *BP Chemicals vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:199, il-paragrafi 171 *et subseq*.
Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.33926 li tikkonċerna l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mill-Belġju favur Duferco, il-Premessi 345-353, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/250264/250264_1739911_271_2.pdf.

([186]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, C-172/03, ECLI:EU:C:2005:130, il-Paragrafu 55.

([187]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech vs The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:EU:C:2015:9, il-Paragrafu 65; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert u oħrajn*, il-Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:EU:C:2013:288, il-Paragrafu 76.

(301) L-appoġġ pubbliku jista' jitqies li għandu l-kapaċità li jkollu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri anke jekk irriċevitur ma jkunx involut direttament fil-kummerċ transkonfinali. Pereżempju, is-sussidju jista' jagħmilha aktar diffiċli għall-operaturi fi Stati Membri oħra biex jidħlu fis-suq billi tinżamm jew tiżdied il-provvista lokali ([188]).

(302) CFR Marfă hija attiva fit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, jiġifieri fi swieq kompetittivi fl-Ewropa (ara l-Premessi 13-16 hawn fuq). Il-Kummissjoni tqis li, billi taw lil CFR Marfă l-possibbiltà li tkompli l-attivitajiet tagħha u li tħassar id-djun pubbliċi permezz ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità, il-*Miżuri 1, 2, 3 u 5* jistgħu jtejbu l-pożizzjoni kompetittiva ta' CFR Marfă meta mqabbla mal-kompetituri nazzjonali u internazzjonali tagħha fis-suq intern.

(303) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Miżuri 1, 2, 3 u 5* għandhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni, u li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

4.1.7. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(304) Minħabba li l-kundizzjonijiet kollha għall-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara s-Sottotaqsimiet 4.1.2 sa 4.1.6 hawn fuq) huma ssodisfati għal erbgħa minn ħames miżuri, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

(1) Il-*Miżura 1* tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ugwali għall-kapital tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn l-ANAF (u l-krediturі pubbliċi l-oħra) bejn l-2010 u qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun, ara t-Tabella 8), flimkien mal-imgħax tas-suq (u l-penali) korrispondenti. Fi kwalunkwe każ, l-ammont totali tal-għajnuna taħt il-*Miżura 1* **huwa ta' mill-inqas RON 1 001,2 miljun (madwar EUR 217,65 miljun)**, li jikkonsisti mid-dejn kapitali ta' RON […](madwar EUR […] miljun) u mill-imgħax u l-penali imposti mill-ANAF sa Ġunju 2013 ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, ara l-Premessa 209), u li jista' jiżdied aktar mir-rata tal-imgħax tas-suq (il-Premessa 209). L-għoti tal-għajnuna jibda fl-2010 u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati meta l-fatturi maħruġa mill-ANAF (u mill-krediturі l-oħra tal-Istat irrappreżentati mill-ANAF) kellhom jitħallsu minn CFR Marfă, sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013.

(2) Il-*Miżura 2* tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ugwali għall-kapital tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură eżatt qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (madwar RON […] miljun, madwar EUR […] miljun, ara n-Nota 179 f'qiegħ il-paġna, biż-żieda tal-kapital tad-dejn arretrat mhux imħassar) u l-imgħax tas-suq (u l-penali) korrispondenti. Fi kwalunkwe każ, l-ammont tal-għajnuna taħt il-*Miżura 2* **huwa ta' mill-inqas RON 783,78 miljun (madwr EUR 170,39 miljun)** - li jikkorrispondi għad-dejn kapitali li tħassar f'Ġunju 2013 (RON […] miljun, madwar EUR […] miljun) biż-żieda tad-dejn arretrat li ma tħassarx f'Ġunju 2013 (RON 115,79 miljun, madwar EUR 25,17 miljun), biż-żieda ta' mill-inqas l-imgħax effettivament impost minn CFR Infrastructure ta' RON […] miljun (madwar EUR […] miljun, ara l-Premessa 239), li jista' jiżdied aktar mir-rata tal-imgħax tas-suq (il-Premessa 238). L-għoti tal-għajnuna jibda fl-2010 u jdum sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013, u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati meta l-fatturi maħruġa minn CFR Infrastructură kellhom jitħallsu minn CFR Marfă, sal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013.

(3) Il-*Miżura 3* tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fl-ammont globali tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 ta' RON 1 669,19 miljun (madwar EUR 363 miljun); kif spjegat hawn fuq (ara l-Premessa 291) l-għajnuna taħt il-*Miżura 3* hija diġà inkluża fl-għajnuna taħt il-*Miżura 1* u l-*Miżura 2*, u din hija r-raġuni għala l-għajnuna taħt il-*Miżura 3* mhijiex miżjuda mal-ammont globali tal-għajnuna, biex jiġi evitat għadd doppju tal-kapital u tal-imgħax li jappartjenu għall-*Miżuri 1 u 2* u ta' dawk imħassra taħt il-*Miżura 3*.

(4) Il-*Miżura 4* ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 sal-2018 inkluż.

(5) Il-*Miżura 5* tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ugwali għall-kapital tad-dejn arretrat mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 fi tmiem l-2018, imnaqqas bl-ammont li jifdal tad-dejn arretrat ta' CFR Marfă lejn CFR Infrastructură mhux kopert mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (ammont totali ta' RON 115,79 miljun, madwar EUR 25,17 miljun, li jagħmel parti mill-Miżura 2) biż-żieda tal-imgħax tas-suq (u l-penali) korrispondenti. Fi kwalunkwe każ, **l-ammont tal-għajnuna għall-Miżura 5 huwa mill-inqas ta' RON 834,29 miljun (madwar EUR 181,37 miljun), li huwa** l-ammont tad-dejn arretrat totali dovut minn CFR Marfă lil CFR

([188]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech vs The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:EU:C:2015:9, il-Paragrafu 66; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert u oħrajn*, il-Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:EU:C:2013:288, il-Paragrafu 77; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2001, *Friulia Venezia Giulia*, T-288/97, ECLI:EU:T:2001:115, il-Paragrafu 41.

Infrastructură fi tmiem l-2018, bit-tnaqqis tal-ammont ta' RON 115,79 miljun (madwar EUR 25,17 miljun), li jikkorispondi għall-15 % tal-Miżura 2 li ma tħassrux mill-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 (ara l-Premessi 240 u 263), li jista' jiżdied aktar mir-rata tal-imgħax tas-suq (il-Premessa 262). L-għoti tal-għajnuna jibda immedjatament wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 u d-dati tal-għoti tal-għajnuna huma d-dati li fihom il-fatturi maħruġa minn CFR Infrastructură kellhom jitħallsu minn CFR Marfă.

4.2. **Impriżi f'diffikultà**

(305) Il-Linji Gwida R&R tal-2004 u tal-2014 ([189]) jipprovdu definizzjoni tal-impriżi f'diffikultà għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

4.2.1. *L-applikabbiltà tal-Linji Gwida R&R tal-2004 u l-2014*

(306) Skont il-Punt 137 tal-Linji Gwida R&R tal-2014, il-Kummissjoni teżamina l-kompatibbiltà mas-suq intern ta' kwalunkwe għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, u li għalhekk tkun qed tikser l-Artikolu 108(3) tat-Trattat abbażi ta' dawn il-linji gwida **jekk xi parti** mill-għajnuna, jew l-għajnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. (enfasi miżjuda)

(307) Barra minn hekk, skont il-Punt 138 tal-Linji Gwida R&R tal-2014, "[f]il-każijiet l-oħra kollha, ser twettaq l-eżami abbażi tal-linji gwida li kienu japplikaw fiż-żmien ta' meta ngħatat l-għajnuna".

(308) Kif inhu spjegat fin-Nota 27 f'qiegħ il-paġna u fil-Premessi 24, 77, u 86, il-*Miżuri 1 u 2* (id-djun ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat u lejn CFR Infrastructură) kienu fil-biċċa l-kbira kkonvertiti f'ekwità bil-*Miżura 3* f'Ġunju 2013. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-*Miżuri 1, 2 u 3* ngħataw qabel il-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida R&R tal-2014. Rigward il-*Miżura 5*, din seħħet wara l-implimentazzjoni tal-*Miżura 3* fl-2013 u kompliet wara l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida R&R tal-2014 (jiġifieri l-31 ta' Lulju 2014). Minħabba li l-*Miżuri 1, 2, 3 u 5* jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, l-għajnuna ma kinitx soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk, dawn jikkostitwixxu għajnuna illegali (ara t-Taqsima 4.3, il-Premessi 319 - 320).

(309) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ttenni l-konklużjoni tagħha fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ u tqis li l-Linji Gwida R&R tal-2004 japplikaw għall-valutazzjoni tal-*Miżuri 1, 2 u 3*, u li l-Linji Gwida R&R tal-2014 japplikaw għall-valutazzjoni tal-*Miżura 5*.

(310) Fi kwalunkwe każ, il-konklużjoni dwar il-fatt li CFR Marfă hija kumpanija f'diffikultà tkun l-istess kemm taħt il-Linji Gwida R&R tal-2004 kif ukoll taħt dawk tal-2014.

4.2.2. *Valutazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă skont il-Linji Gwida R&R tal-2004 u l-2014*

(311) Kif imsemmi hawn fuq, il-Linji Gwida R&R tal-2004 huma applikabbli għall-*Miżuri 1, 2 u 3*. Skont il-Punt 10(a) tal-Linji Gwida R&R tal-2004, impriża tkun f'diffikultà meta "*fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, meta aktar minn nofs il-kapital reġistrat tagħha jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dan il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar ta' qabel*".

(312) CFR Marfă hija kumpanija b'responsabbiltà limitata ([190]) (ara l-Premessa 11) aktar 'il fuq). Kif inhu spjegat fil-qosor fit-Tabella 4, mill-2009, ir-riżervi ta' CFR Marfă ma kinux biżżejjed biex jassorbu t-telf tagħha. Fl-2009, CFR Marfă tilfet 62 % mill-kapital azzjonarju sottoskritt minħabba t-telf akkumulat ta' RON 141,84 miljun (madwar EUR 31 miljun) u telf annwali ta' RON 341,98 miljun (madwar EUR 74 miljun). Fl-2012 u fl-2013, CFR Marfă tilfet 443 % u 71 % mill-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha minħabba t-telf akkumulat ta' RON 1 149,12 miljun (madwar EUR 250 miljun) u ta' RON 1 565,68 miljun (madwar EUR 340 miljun) rispettivament, kif ukoll telf annwali ta' RON 405,09 miljun (madwar EUR 88 miljun) u ta' RON 262,92 miljun (madwar EUR 57 miljun) rispettivament.

([189]) Il-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà ("il-Linji Gwida R&R tal-2004") (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2); il-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (il-Linji Gwida R&R tal-2014) (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([190]) Ara n-Nota 1 f'qiegħ il-paġna li tikkorrispondi għall-Punt 10(a) tal-Linji Gwida R&R tal-2004. Ara wkoll in-Nota 25 f'qiegħ il-paġna tal-Linji Gwida R&R tal-2014. B'mod partikolari, dan jirreferi għat-tipi ta' kumpanija msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19). Għar-Rumanija, dan huwa l-każ għal: societate pe acțiuni, societate cu răspundere limitată, societate în comandită pe acțiuni.

(313) Barra minn hekk, jidher li CFR Marfă tinsab f'diffikultà anke taħt id-dispożizzjonijiet tal-Punt 11 tal-Linji Gwida R&R tal-2004. Speċifikament, kif jidher fit-Tabella 4 hawn fuq, CFR Marfă ġarrbet (i) telf qawwi kostanti minn mill-inqas l-2009 (telf ta' RON 141,84 miljun (madwar EUR 30,83 miljun) fl-2009, RON 535,27 miljun (madwar EUR 116,36 miljun) fl-2010, RON 405 miljun (madwar EUR 88,04 miljun) fl-2012, u RON 263 miljun (madwar EUR 57,17 miljun) fl-2013), li wassal għal ekwità negattiva (RON – 343,5 miljun (madwar EUR – 74,67 miljun) fl-2010 u RON – 904,6 miljun (madwar EUR – 196,65 miljun fl-2012), (ii) dejn dejjem jiżdied (minn RON 1 261,6 (madwar EUR 274,26 miljun) fl-2009 dejjem jiżdied b'mod kostanti għal RON 2 186,6 (madwar EUR 475,35 miljun) fl-2012) u (iii) dħul dejjem jonqos (fatturat jonqos b'mod kostanti minn RON 1 097,3 miljun (madwar EUR 238,54 miljun) fl-2009 għal RON 1 020,6 miljun (madwar EUR 221,87 miljun) fl-2012). Għalhekk, skont il-Punti 10(a) u 11 tal-Linji Gwida R&R tal-2004, CFR Marfă ilha impriża f'diffikultà mill-2009.

(314) Kif imsemmi hawn fuq (ara l-Premessa 309), il-Linji Gwida R&R tal-2014 huma applikabbli għall-*Miżura 5*. Skont il-Punt 20(a) tal-Linji Gwida R&R tal-2014, impriża tkun f'diffikultà meta "*fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, meta aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun għosfor minħabba telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) jwassal għal ammont kumulat negattiv li jeċċedi nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt*". Barra minn hekk, skont il-punt 20(c) tal-Linji Gwida R&R tal-2014 "*impriża tkun ikkunsidrata li hija f'diffikultà meta, mingħajr l-intervent tal-Istat, tkun kważi ċertament ikkundannata li tagħlaq l-operat tagħha fit-terminu taż-żmien qasir jew medju*".

(315) Ir-Rumanija sostniet li CFR Marfă ma kinitx u mhijiex f'diffikultà skont it-tifsira tal-Linji Gwida R&R (il-Komunikazzjoni 2014/C 249/01) wara l-2014 ([191]).

(316) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li fl-2014, is-sena ta' wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă kompliet tiddeterjora. CFR Marfă tilfet 73 % mill-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha minħabba t-telf akkumulat ta' RON 1 828,88 miljun (madwar EUR 398 miljun) u telf annwali ta' RON 27,16 miljun (madwar EUR 5,9 miljun). Fi kwalunkwe każ, fl-2014 u fis-snin sussegwenti, is-sitwazzjoni ta' CFR Marfă kienet tkun sinifikattivament agħar fin-nuqqas tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013, li ħassret il-biċċa l-kbira mid-djun ta' CFR Marfă u artifiċjalment "tejbet" is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

(317) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li, skont ir-Rumanija, CFR Marfă tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċedimenti kollettivi ta' insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha (jiġifieri li jkollhom obbligazzjonijiet arretrati ta' aktar minn RON 40 000 u li jaqbżu 60 jum) ([192]). Il-Kummissjoni tenfasizza li CFR Marfă tabilħaqq issodisfat l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex tkun soġġetta għal proċedimenti kollettivi ta' insolvenza, mhux biss minn mill-inqas l-2009 (ara l-Premessi 22 sa 25), iżda wkoll mill-2014 'il quddiem. Għall-kuntrarju tal-fehma tar-Rumanija, mhuwiex meħtieġ li intrapriża tkun insolventi sabiex tkun tista' titqies f'diffikultà. Minflok, huwa biżżejjed li l-kumpanija inkwistjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-iskattar tal-insolvenza skont id-dritt nazzjonali. Dan ċertament kien il-każ ta' CFR Marfă anke qabel il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità. L-ammont sostanzjali ta' obbligazzjonijiet arretrati ta' CFR Marfă fil-konfront ta' CFR Infrastructură (ara l-Premessi 23 u 24 u t-Tabella 7 korrispondenti aktar 'il fuq) juri fil-biċċa l-kbira nqabeż is-soll ta' RON 40 000 (madwar EUR 8 695,7) u ta' 60 jum. Għalhekk, skont il-Punt 20(a) u (c) tal-Linji Gwida R&R tal-2014, CFR Marfă ilha impriża f'diffikultà mill-2014 fir-rigward tal-*Miżura 5*.

(318) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li skont il-Punti 10(a) u 11 tal-Linji Gwida R&R tal-2004 u skont il-Punti 20(a) u 20(c) tal-Linji Gwida R&R tal-2014, CFR Marfă hija impriża f'diffikultà. Speċifikament, CFR Marfa ilha f'diffikultà minn mill-inqas l-2009, jiġifieri anke bejn l-2010 u Ġunju 2013 inklużi, għall-perjodu meta ngħataw il-Miżuri 1, 2 u 3, kif ukoll wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013 meta ngħatat il-Miżura 5. Kif imsemmi hawn fuq, is-suq Rumen tal-merkanzija bil-ferrovija ġie liberalizzat biss fl-2008 ([193]); għalhekk l-effetti ta' operaturi ġodda li kkontestaw il-pożizzjoni ta' CFR Marfă fis-suq nazzjonali setgħu jibdew jidhru biss mill-2009.

([191]) Ara wkoll il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, it-Taqsima III. il-Punt 2.

([192]) L-Artikolu 5(1), il-Punti 20 u 72 tal-Liġi Rumena 85 dwar l-Insolvenza tal-21 ta' April 2006, kif immodifikata fl-2014. Is-soll kien saħansitra aktar baxx qabel l-2014, jiġifieri ta' RON 10 000 (madwar EUR 2 173,9) għal perjodu ta' 30 jum.

([193]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ippubblikata fit-22 ta' Lulju 2008, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2008:184:0013:0031:MT:PDF

4.3. **Legalità tal-għajnuna**

(319) Il-Kummissjoni tosserva li l-*Miżuri 1 u 2* ngħataw minn mill-inqas l-2010, il-*Miżura 3* ngħatat f'Ġunju 2013, il-*Miżura 5* ngħatat minn mill-inqas l-2014, u kollha kemm huma jikkostitwixxu għajnuna. Din l-għajnuna ma kinitx soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, u għalhekk ir-Rumanija ma rrispettatx l-obbligu ta' moratorju tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(320) L-għajnuna mill-Istat ingħatat u ġiet żborżata, mingħajr notifika, mill-2010, b'ammont sinifikanti mill-għajnuna totali li ngħata matul il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità f'Ġunju 2013, u għalhekk hija illegali.

4.4. **Kompatibbiltà tal-għajnuna u l-bażi ġuridika għall-valutazzjoni**

4.4.1. *Kunsiderazzjonijiet preliminari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà*

(321) Kif inhu spjegat hawn fuq taħt il-Premessa 107, ir-Rumanija tisħaq li l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ġiet approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013.

(322) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 ma tiddeċidix dwar il-kompatibbiltà, taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tal-miżuri proposti mir-Rumanija fl-Anness I tal-Memorandum ta' Qbil; għalhekk din lanqas ma tiddeċiedi dwar il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 favur CFR Marfà. Kif diġà ġie spjegat fil-Premessi 265 - 266 hawn fuq, il-ġurisprudenza tal-Qorti fil-kawża *Eurallumina* għamlitha ċara li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar eżenzjoni mit-taxxa ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat u, b'analoġija, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 lanqas ma tista' tiġi invokata għal aspettattivi leġittimi mir-Rumanija fir-rigward tal-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ([194]).

(323) Aktar minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u r-Rumanija, li abbażi tiegħu ittieħdet espliċitament id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013, jeħtieġ li jiġu rispettati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' ristrutturar li għandhom jitwettqu mir-Rumanija. B'mod konkret, l-Anness I (it-Taqsima B, il-Punt 9) tal-Memorandum ta' Qbil jelenka, fost miżuri oħra speċifiċi tal-politika ekonomika, dan li ġej: "jitnaqqsu l-arretrati għal intrapriżi tal-Istat permezz tar-ristrutturar **li għandu jitwettaq f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-prevenzjoni ta' telf fil-futur** […]" (enfasi miżjuda). Fil-fehma tal-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni tirreferi speċifikament għal każijiet bħar-ristrutturar ta' CFR Marfà.

(324) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dikjarazzjoni tar-Rumanija li skontha d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 approvat l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità ma għandhiex bażi.

4.4.2. *Kompatibbiltà mal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004 u l-2014*

(325) Kif jidher fis-Sottotaqsima 4.2.1. hawn fuq, ma hemmx dubju li CFR Marfà kienet kumpanija f'diffikultà, u għalhekk il-kompatibbiltà tal-għajnuna identifikata mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni trid tiġi vvalutata f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

(326) Hija każistika stabbilita li Stat Membru li jkun jixtieq jingħata permess jagħti għajnuna permezz ta' deroga mir-regoli tat-Trattat għandu dmir li jikkollabora mal-Kummissjoni. Skont dak id-dmir, b'mod partikolari huwa jrid jipprovdi l-informazzjoni kollha biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-kundizzjonijiet għad-deroga mixtieqa jkunu ssodisfati ([195]).

(327) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Rumeni ma ddikjarawx espliċitament xi bażi ġuridika għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà, billi fil-fehma tagħhom il-miżuri li qed jiġu vvalutati ma jikkostitwux għajnuna. Minkejja dan, ir-Rumanija ddikjarat similaritajiet ma' kawżi preċedenti tal-Kummissjoni li fihom l-għajnuna nstabet li kienet kompatibbli, b'mod partikolari l-għajnuna għar-ristrutturar fl-għamla ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità favur il-kumpanija ferrovjarja Griega Trainose, li ġiet approvata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE (ara l-Premessi 116 - 121). L-applikabbiltà ta' din il-bażi ġuridika hija diskussa fil-premessa 332 hawn taħt.

(328) Minħabba li CFR Marfà tikkwalifika bħala impriża f'diffikultà (ara l-Premessa 318 hawn fuq), l-unika raġuni għall-kompatibbiltà identifikata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ ([196]) kienet għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar abbażi tal-Linji Gwida R&R tal-2004 għall-*Miżuri 1, 2 u 3*, u l-Linji Gwida R&R tal-2014 għall-*Miżura 5*. Skont il-Punt 137 tal-Linji Gwida R&R tal-2014, "*[i]l-Kummissjoni ser teżamina l-kompatibilità mas-suq intern ta' kwalunkwe għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u għalhekk li tkun qed tikser l-Artikolu 108(3) tat-Trattat abbażi ta' dawn il-linji gwida jekk ftit mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.". Barra minn hekk, skont il-Punt 138 tal-Linji Gwida R&R tal-2014, "*[f]il-każijiet l-oħra kollha, ser twettaq l-eżami abbażi tal-linji gwida li kienu japplikaw fiż-żmien ta' meta ngħatat l-għajnuna*".

([194]) Ara l-Kawża C-272/12 P *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda u Oħrajn*, ECLI:EU:C:2013:812 tal-10.12..2013, il-Paragrafu 53.
([195]) Ara l-Kawża C-364/90, *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:1993:157, il-Paragrafu 20.
([196]) Ara d-Deċiżjoni ta' Ftuħ f'SA.43549 – ir-Rumanija – Għajnuna allegata lil CFR Marfà, il-Premessi 154-159, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/272427/272427_1987287_50_2.pdf

(329) Kif inhu spjegat fil-Premessa 275 u fin-Nota 27 f'qiegħ il-paġna, il-*Miżuri 1 u 2* (id-djun ta' CFR Marfă lejn il-baġit tal-Istat u lejn CFR Infrastructură) kienu fil-biċċa l-kbira kkonvertiti f'ekwità bil-*Miżura 3* f'Ġunju 2013. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-*Miżuri 1, 2 u 3* ngħataw qabel il-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida R&R tal-2014. Rigward il-*Miżura 5*, din seħħet wara l-implimentazzjoni tal-*Miżura 3* fl-2013 u kompliet wara l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida R&R tal-2014 (jiġifieri l-31 ta' Lulju 2014). Fl-aħħar nett, minħabba li nstab li l-*Miżura 4* ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna (ara l-Premessi 215 u 304 hawn fuq), il-kompatibbiltà għal din il-*Miżura 4* partikolari mhijiex qed tiġi vvalutata.

(330) Ir-Rumanija tisħaq li hemm similaritajiet qawwija bejn il-miżuri għal CFR Marfă u każijiet oħra li jinvolvu r-ristrutturar tat-trasportaturi ferrovjarji fl-UE li għalihom il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna kienet kompatibbli (ara l-Premessi 117 *et subseq.* hawn fuq).

(331) Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li hemm għadd ta' differenzi sinifikanti bejn is-sitwazzjoni ta' CFR Marfă u dik tal-kumpaniji ferrovjarji Griegi u Slovakki, li ma jiġġustifikawx il-kompatibbiltà tal-għajnuna lil CFR Marfă bħal fil-każ tal-kumpaniji ferrovjarji Griegi u Slovakki stabbiliti. L-ispeċifiċitajiet ta' dawn il-kawżi partikolari huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

(332) Id-deċiżjonijiet pożittivi tal-Kummissjoni li japprovaw l-għajnuna għar-ristrutturar skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE għal TRAINOSE u OSE li taqbeż EUR 15-il biljun ġew adottati fis-16 ta' Ġunju 2017. Iż-żewġ preċedenti jridu jitqiesu fil-kuntest tal-programm ta' rkupru makroekonomiku li għadu għaddej għall-Greċja, li identifika lil OSE (maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja) u lil TRAINOSE (operatur ferrovjarju) bħala li jeħtieġu ristrutturar. Fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku Grieg, il-Greċja kellha tirristruttura l-maniġer pubbliku tal-infrastruttura ferrovjarja tagħha, OSE. Fi Frar 2011, il-Greċja nnotifikat tliet miżuri favur OSE. Minħabba li jikkonċerna lil TRAINOSE, il-Memorandum ta' Qbil mat-Trojka kien jeħtieġ il-privatizzazzjoni ta' TRAINOSE mill-2010 'l quddiem. Il-Greċja rristrutturat u organizzat mill-ġdid lil TRAINOSE sabiex iżżid l-effiċjenza tagħha. Minħabba l-fatt li, għall-kuntrarju ta' CFR Marfă, TRAINOSE hija l-unika operatur ferrovjarju u li OSE huwa l-uniku maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja, ir-riskju ta' waqfien li jista' jirriżulta mill-fatt li TRAINOSE ma tkunx tista' tkompli tipprovdi servizzi tat-trasport bil-ferrovija, min-naħa tiegħu, iqiegħed f'riskju l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija għall-passiġġieri u l-merkanzija fil-Greċja, u għalhekk ukoll il-kapaċità tal-OSE li tmantni l-infrastruttura ferrovjarja.

(333) Bil-privatizzazzjoni ta' TRAINOSE minn TRENITALIA, il-Greċja sseparat definittivament il-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja tagħha mill-operatur ferrovjarju tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li fid-dawl taċ-ċirkostanzi straordinarji u speċifiċi fis-settur ferrovjarju tal-Greċja, l-għajnuna mogħtija lil TRAINOSE kienet xierqa biex jiġi rimedjat disturb serju fl-ekonomija Griega. Dan ifisser li TRAINOSE kienet impjegatur dirett u indirett importanti ħafna fil-Greċja, fejn aktar minn 99 % mill-kumpaniji huma SMEs. Ir-rati tal-qgħad kienu għoljin b'mod storiku fil-Greċja u kienu jirrappreżentaw l-aktar varjabbli li diffiċli jissolva (minn 17,9 % fl-2011 għal 27.5 % fl-2013, u ogħla minn 20 % b'mod kostanti bejn l-2010 u l-2017) ([197]). Fil-Greċja, l-SMEs jiffaċċaw riskji anormali ta' volatilità ekonomika b'riżultat tal-ambjent ekonomiku instabbli tal-pajjiż u, b'mod partikolari, tal-effett li dan għandu fuq il-finanzjament, li huwa kruċjali għall-SMEs.

(334) Is-sitwazzjoni tal-ekonomija Griega u r-rwol tal-kumpanija stabblita tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fil-Greċja, kif deskritti fil-każ TRAINOSE, huma kompletament differenti mis-sitwazzjoni ekonomika tar-Rumanija u mir-rwol ta' CFR Marfă fl-ekonomija tal-pajjiż f'dan il-każ, u dan għal bosta raġunijiet. Kif osservat il-Kummissjoni meta applikat l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE għall-miżuri li jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-Greċja, l-iskala u d-durata tar-reċessjoni ekonomika li l-Greċja qed tesperjenza tmur ferm lil hinn mill-isfidi esperjenzati mill-ekonomiji tal-Istati Membri fil-kuntest taċ-ċiklu tan-negozju standard, li fih it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jrid jiġi aċċettat bħala parti mix-xejra normali tat-tkabbir u l-iżvilupp. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-effetti eċċezzjonali tal-kriżi fuq is-setturi differenti tal-ekonomija. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni qieset il-prolongazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ipprovduta lis-settur finanzjarju Grieg sat-30 ta' Ġunju 2017 bħala meħtieġa għar-rimedju ta' disturb serju fl-ekonomija Griega, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE. Dawn il-konklużjonijiet rigward is-sitwazzjoni tal-ekonomija Griega minn Diċembru 2011 baqgħu validi għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Din is-sitwazzjoni kellha l-effetti tagħha fuq is-settur ferrovjarju Grieg, u kkawżat għadd ta' disturbi bħat-tnaqqis fid-domanda għal servizzi tat-trasport bil-ferrovija kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija minħabba l-waqfien ta' ċerti impriżi u tnaqqis fl-attività ekonomika (bħal FYROM or EBZ), kif ukoll l-inabbiltà ta' ċerti negozji li jħallsu l-kontijiet tagħhom u l-problemi ta' likwidità sussegwenti ta' TRAINOSE. Il-Kummissjoni osservat li bejn l-2008 u l-2012, il-kilometri tal-passiġġieri moqdija naqsu b'49 % u t-tunnellati-kilometri tal-merkanzija naqsu saħansitra b'64 %.

([197]) Ibid.

(335) Għall-kuntrarju, aktar minn nofs (madwar 64 % f'tunnellati-km) tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija huwa diġà moqdi minn kompetituri. Is-sitwazzjoni tal-qgħad tar-Rumanija hija differenti ħafna minn dik tal-Greċja, b'rati tal-qgħad taħt il-medja tal-UE mingħajr eċċezzjoni f'dawn l-aħħar 10 snin (l-ogħla rata tal-qgħad annwali fir-Rumanija mill-2009 kienet ta' 7,2 % fl-2011 u naqset b'mod kostanti, fejn laħqet 4,9 % fl-2017 u 4,2 % fl-2018) ([198]). F'dan il-kuntest, il-pożizzjoni ta' CFR Marfă ma tistax titqies bħala essenzjali la f'termini ta' impjieg dirett u lanqas dak indirett fir-Rumanija. Barra minn hekk, huwa improbabbli ħafna wkoll li l-SMEs, bħala kategorija ta' aġenti ekonomiċi, jintlaqtu b'mod partikolari minn ħruġ potenzjali ta' CFR Marfă mis-suq, minħabba li aktar minn 50 % mis-suq huwa diġà moqdi mill-kompetituri ta' CFR Marfă u minħabba li parti sinifikanti mill-klijenti ta' CFR Marfă hija rrappreżentata minn SOEs kbar.

(336) Kawża oħra kkwotata mir-Rumanija (ara l-Premessa 116) tikkonċerna għajnuna mogħtija lil HŽ Cargo d. o. o. fl-għamla ta' kanċellazzjoni tad-dejn ta' HRK 975 miljun tal-operatur ferrovjarju nazzjonali HZ Cargo, u konverżjoni korrispondenti ta' dejn f'ekwità li tmur lura għall-2015, li kienet tinvolvi wkoll iż-żieda tal-kapital ta' HZ Cargo. Ir-Rumanija tfakkar li, fil-każ ta' HZ Cargo, l-għajnuna mill-Istat instabet illegali iżda, minkejja dan, kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, u għalhekk HZ Cargo ma kellhiex għalfejn tirritorna l-ammont tal-għajnuna. Madankollu is-sitwazzjoni ta' HZ Cargo hija wkoll differenti ħafna minn dik ta' CFR Marfă. B'mod partikolari, il-miżura mogħtija lil HZ Cargo kienet serviet biex tpatti għal djun iddeterminati u individwalizzati b'mod ċar li kienu ġġarrbu qabel id-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (jiġifieri l-1 ta' Lulju 2013), u huwa ċar li dan mhuwiex il-każ ta' CFR Marfă, billi r-Rumanija daħlet fl-UE fl-2007, tliet snin qabel il-perjodu taħt valutazzjoni f'dan il-każ.

(337) Għall-finijiet tal-kompletezza, il-Kummissjoni tfakkar li kien hemm kawża addizzjonali li tapprova għajnuna lil kumpanija ferrovjarja stabbilita u li tikkonċerna għotja ta' EUR 96,5 miljun lill-operatur ferrovjarju Slovakk stabbilit li huwa 100 % tal-Istat, biex dan jibni ħwienet tax-xogħol għall-manutenzjoni ħafifa tal-ferroviji tal-passiġġieri (eż. it-tindif tal-vetturi, il-mili tal-provvista tal-ilma jew tiswijiet oħra żgħar). F'dak il-każ partikolari, il-Kummissjoni sabet li l-għotja kienet tikkostitwixxi għajnuna iżda ddikjarat li l-għajnuna kienet kompatibbli bil-ġustifikazzjoni li l-miżura kienet se tikkontribwixxi għall-objettivi ta' interess komuni tal-Unjoni, b'mod partikolari bidla fit-trasport mit-triq għall-ferrovija, li trawwem il-protezzjoni ambjentali u t-tnaqqis tal-konġestjoni fit-toroq. Il-Kummissjoni tfakkar li l-impenji offruti mis-Slovakkja (b'mod partikolari aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju), flimkien mal-kontribuzzjoni tal-għajnuna għall-objettivi ta' interess komuni tal-Unjoni, kienu fatturi deċiżivi għall-konklużjoni tagħha li dik il-miżura ma tikkawżax distorsjonijiet mhux dovuti fil-kompetizzjoni, u għalhekk awtorizzatha skont l-Artikolu 93 TFUE.

(338) Huwa ċar li l-kawżi msemmija hawn fuq huma sostanzjalment differenti minn dan il-każ li jinvolvi lil CFR Marfă.

(339) Ir-Rumanija ma nnotifikatx pjan ta' ristrutturar sinifikattiv li jgħolli l-istandards sal-livell meħtieġ mil-*Linji Gwida R&R*.

(340) Ir-Rumanija sempliċiment irreferiet ex post, f'Mejju 2017, għal diversi "miżuri ta' ristrutturar" biex tittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja ta' CFR Marfă, inkluża lista ta' miżuri għall-perjodu 2017-2020. Barra minn hekk, fil-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, ir-Rumanija pprovdiet dokument intitolat "Pjan ta' ristrutturar u riorganizzazzjoni" għal CFR Marfă kif adottat fil-Laqgħa tal-Azzjonisti tal-kumpanija f'Ġunju 2014 ([199]), akkumpanjat minn lista ta' miżuri annwali biex jittejjeb id-dħul u jitnaqqsu l-ispejjeż għas-snin 2014-2017 ([200]). Madankollu, dawn id-dokumenti flimkien ma jissodisfawx l-istandard meħtieġ mil-Linji Gwida R&R biex jitqiesu bħala "*pjan ta' ristrutturar fattibbli, koerenti u li jestendi 'l bogħod*". Tabilhaqq, l-indikaturi kollha tal-profitabbiltà u r-rata ta' redditu fil-futur, it-tbassir għat-3-5 snin sussegwenti, l-istimi tad-domanda fil-futur, it-tqabbil ta' diversi xenarji ta' ristrutturar (xenarju bażi, pessimistiku), l-analiżi SWOT, informazzjoni dettaljata dwar l-għajnuna mill-Istat involuta, il-kontribuzzjoni proprja eċċ., huma kollha neqsin. L-aħħar iżda mhux l-inqas, jidher li d-diversi miżuri ta' ristrutturar imbassra fid-dokument tal-2014 (irrispettivament minn jekk ġewx implimentati) ma wasslux għal stabbiltà jew profitabbiltà għall-kumpanija saħansitra fl-2018, sena li fiha l-kumpanija kompliet takkumula d-dejn lejn CFR Infrastructură u rreġistrat it-telf.

(341) B'mod aktar speċifiku, fl-2018 CFR Marfă ġarrbet telf ta' RON 158,05 miljun (madwar EUR 34 miljun) u rreġistrat djun globali konsiderevoli (fuq terminu qasir) ta' madwar RON […] miljun (madwar EUR […] miljun). Minn dan, aktar minn 70 % kien dejn dovut lil CFR Infrastructură (id-dejn totali fi tmiem is-sena kien ta' RON 884,3 miljun (madwar EUR 192 miljun), li minnu dejn pendenti ta' RON 792,33 miljun (madwar EUR 172 miljun) ([201]).

([198]) Id-*data* tal-Eurostat kif disponibbli online fuq: https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=une_rt_a&lang=mt
([199]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, is-Sottotaqsima III.4 u l-Anness 10.
([200]) Il-Kummenti tar-Rumanija dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, is-Sottotaqsima III.4 u l-Anness 12.
([201]) It-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39.

(342) Għalhekk, ir-Rumanija ma pprovditx informazzjoni sinifikanti u konvinċenti li tagħti prova li ġew stabbiliti miżuri ta' ristrutturar sabiex jiġi żgurat li ġiet restawrata l-vijabbiltà tal-kumpanija. Tard ħafna fil-proċedimenti (matul laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2019), l-awtoritajiet Rumeni semmew li l-kumpanija kienet qed taħdem fuq rapport dwar l-Istrateġija ta' Żvilupp ta' CFR Marfă. Fi kwalunkwe każ, kull lista ta' miżuri aġġornata ipotetika li setgħat tiġi mfassla wara d-Deċiżjoni ta' Ftuħ tkun awtomatikament tħares 'il quddiem, filwaqt li d-Deċiżjoni tivvaluta l-miżuri tal-Istat fil-passat, minn mill-inqas l-2010.

(343) F'dan il-kuntest partikolari, li fih CFR Marfă ilha tagħmel telf sa mill-2009, il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà tal-Linji Gwida R&R mhumiex issodisfati. B'mod partikolari, minħabba l-ammont sostanzjali ta' għajnuna ta' mill-inqas RON 2 619,27 miljun (madwar EUR 569,41 miljun), u s-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-kumpanija, b'dejn pendenti ta' mill-inqas RON 792 miljun (madwar EUR 172 miljun) ([202]) lejn CFR Infrastructură, ma hemmx prospettiva biex CFR Marfă tiġbor kontribuzzjoni proprja tagħha; b'mod simili, ma hemmx prospettiva ta' vijabbiltà mingħajr għajnuna mill-Istat addizzjonali.

(344) Fl-aħħar nett, minħabba l-pożizzjoni ta' tmexxija ta' CFR Marfă fis-settur tal-merkanzija bil-ferrovija fir-Rumanija, u l-ishma mis-suq sinifikanti tagħha fid-diversi swieq tal-prodotti fejn hija attiva, u skont it-Taqsima 3.6.2. tal-Linji Gwida R&R, CFR Marfă kien imissha implimentat miżuri sabiex tillimita d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li nħolqu mill-għajnuna. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tosserva li r-Rumanija naqset milli tipproponi miżuri ta' kumpens strutturali u kumpensatorji.

(345) Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wara l-fażi ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għal għajnuna kompatibbli għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar stabbiliti fil-Linji Gwida R&R ma ġewx issodisfati mill-ebda waħda mill-miżuri.

(346) Rigward il-Punt (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE, il-Kummissjoni ma tistax tara xi qafas jew linji gwida li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3) li jistgħu japplikaw għall-miżuri taħt valutazzjoni, kif spjegat hawn taħt.

(347) L-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jistipula li "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni", tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern. F'dan ir-rigward, it-Taqsima 4 tal-Linji Gwida għal-Linji Ferrovjarji ([203]) tipprovdi qafas għall-valutazzjoni ta' jekk l-għajnuna mogħtija lil impriżi ferrovjarji għall-kanċellazzjoni tad-djun tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli skont ir-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Punt 53 tal-Linji Gwida dwar il-Linji Ferrovjarji jipprovdi li f'każijiet speċifiċi (fejn id-djun ikkanċellati jikkonċernaw esklużivament il-koordinazzjoni tat-trasport, il-kumpens għall-obbligi tas-servizzi pubbliċi jew l-issettjar ta' standards kontabilistiċi), il-kompatibbiltà tal-għajnuna għandha tiġi vvalutata taħt l-Artikolu 93 tat-Trattat.

(348) Skont il-Punt 54 tal-Linji Gwida għal-Linji Ferrovjarji, fid-dawl tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/440/KEE, il-Kummissjoni tqis ukoll li, f'ċertu ċirkostanzi għandu jkun possibbli li tiġi awtorizzata għajnuna mill-Istat mingħajr ristrutturar jekk il-kanċellazzjoni tkun tikkonċerna djun qodma mġarrba qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/12/KE, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ftuħ tas-settur għall-kompetizzjoni.

(349) Il-Kummissjoni tosserva li, skont il-Punt 56 tal-Linji Gwida għal-Linji Ferrovjarji, fil-każ tal-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/12/KE fil-15 ta' Marzu 2001, id-data tal-adeżjoni għandha titqies bħala d-data rilevanti. F'dan ir-rigward, id-data rilevanti f'din id-deċiżjoni hija d-data tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE, li hija l-1 ta' Jannar 2007.

(350) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li mhuwiex meħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fil-Punti 55 sa 60 tal-Linji Gwida għal-Linji Ferrovjarji humiex issodisfati sabiex l-għajnuna li rċeviet CFR Marfă titqies bħala kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, minħabba li l-miżuri kollha taħt valutazzjoni f'din id-deċiżjoni seħħew aktar tard mid-data tal-adeżjoni.

(351) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mogħtija lil CFR Marfă mhumiex kompatibbli mas-suq intern.

([202]) Ara l-aħħar ċifri mit-Tweġiba tar-Rumanija tas-27 ta' Ġunju 2019, il-Punt 39.
([203]) Il-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji (ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13).

5. **IRKUPRU**

(352) Skont it-TFUE u l-każistika stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jibdel jew jabolixxi l-għajnuna meta hija ssib li din hija inkompatibbli mas-suq intern ([204]). Il-Qrati tal-Unjoni kienu konsistenti fil-fehma tagħhom li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi għajnuna meqjusa bħala inkompatibbli mas-suq intern mill-Unjoni għandu l-għan li jerġa' jistabbilixxi l-s-sitwazzjoni qabel l-għoti tal-għajnuna ([205]).

(353) F'dan il-kuntest, il-Qrati tal-Unjoni stabbilixxew li dan l-objettiv jintlaħaq ladarba r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, flimkien mal-imgħax ta' rkupru, u b'hekk jiġi rinunzjat il-vantaġġ mogħti fuq il-kompetituri tagħha fis-suq intern ([206]).

(354) F'konformità mal-każistika, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([207]) jiddikjara li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju."

(355) Għaldaqstant, minħabba li l-Miżuri 1, 2, 3 u 5 ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, dawn għandhom jiġu rkuprati sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel ingħatat l-għajnuna. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien mid-data li fiha l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv tagħha. L-ammont li għandu jiġi irkuprat għandu jġarrab imgħax sal-irkupru effettiv tiegħu.

(356) Kif jidher fil-Premessi 326 sa 351, l-għajnuna mogħtija lil CFR Marfã taħt l-erba' *Miżuri* (*1, 2, 3 u 5*) flimkien u li tammonta għal mill-inqas RON 2 619,27 miljun (madwar EUR 569,41 miljun), jiġifieri l-ammont tal-għajnuna taħt il-*Miżura 1* ta' mill-inqas RON 1 001,2 miljun (madwar EUR 217,65 miljun), biż-żieda tal-ammont tal-għajnuna taħt il-Miżura 2 ta' mill-inqas RON 783,78 miljun (madwar EUR 170,39 miljun), biż-żieda tal-ammont tal-għajnuna li jikkorrispondi għall-Miżura 5 ta' mill-inqas RON 834,29 miljun (madwar EUR 181,37 miljun), biż-żieda tad-differenza korrispondenti fl-imgħax - sal-imgħax tas-suq - għad-djun arretrati kollha (ikkalkulati skont il-metodoloġija deskritta fil-Premessi 204-209, 237-238, u 260-262 hawn fuq), ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, u għandha titqies bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, u għandha tiġi rkuprata sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel ingħatat.

(357) F'konformità mal-każistika stabbilita, l-insolvenza tal-benefiċjarju u l-inabbiltà tiegħu li jħallas lura l-għajnuna ma jikkostitwux raġuni valida biex dan jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jirrimborża l-għajnuna ([208]). F'dan il-każ, fil-prinċipju, ir-restawr tas-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna u l-eliminazzjoni tad-distorsjoni fil-kompetizzjoni jistgħu jinkisbu billi tiġi rreġistrata l-obbligazzjoni relatata mal-ħlas lura tal-għajnuna fl-iskeda tal-obbligazzjonijiet bħala parti mill-proċedura ta' likwidazzjoni ssorveljata mill-qorti. Fejn l-Istat Membru ma jkunx jista' jirkupra l-ammont sħiħ ta' għajnuna, ir-reġistrazzjoni tal-obbligazzjoni tista' tissodisfa l-obbligu ta' rkupru dment li l-proċedimenti ta' insolvenza jirriżultaw fl-istralċ tal-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna illegali, jiġifieri l-waqfien definittiv tal-attivitajiet tagħha ([209]).

6. **KONKLUŻJONI**

(358) Il-Kummissjoni ssib li l-*Miżuri 1, 2, 3, u 5* meħuda flimkien u separatament jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil CFR Marfã skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(359) Il-Kummissjoni ssib li l-*Miżura 4* ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat lil CFR Marfã.

(360) Il-Kummissjoni ssib li r-Rumanija implimentat illegalment il-*Miżuri 1, 2, 3 u 5* bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(361) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-elementi ta' għajnuna skont il-Miżuri 1, 2, 3 u 5 mhumiex kompatibbli mas-suq intern, billi ma ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida R&R tal-2004 u l-2014, u ma ġewx identifikati raġunijiet oħra għall-kompatibbiltà. Għalhekk, l-għajnuna illegali u inkompatibbli trid tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarju, flimkien mal-imgħax tal-irkupru,

([204]) Is-Sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja,* C-70/72, ECLI:EU:C:1973:87, il-Paragrafu 13.
([205]) Is-Sentenza tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni,* C-142/87, ECLI:EU:C:1990:125, il-paragrafu 66.
([206]) Is-Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni,* C-75/97, ECLI:EU:C:1999:311, il-Paragrafi 64 u 65.
([207]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).
([208]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni,* C-277/00, ECLI:EU:C:2004:238, il-Paragrafu 85; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Jannar 1986, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju,* C-52/84, ECLI:EU:C:1986:3, il-Paragrafu 14; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni,* C-142/87, ECLI:EU:C:1990:125, il-Paragrafi 60 sa 62.
([209]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Diċembru 2012, *Il-Kummissjoni vs Spanja,* C-610/10, ECLI:EU:C:2012:781, il-Paragrafu 104.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri li ġejjin soġġetti għal din id-Deċiżjoni li ttieħdu b'mod illegali mir-Rumanija bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, flimkien u separatament, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat:

(a) in-nuqqas ta' infurzar u l-akkumulazzjoni ulterjuri tad-djun dovuti minn CFR Marfă lill-baġit tal-Istat bejn l-2010 u l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013;

(b) in-nuqqas ta' infurzar u l-akkumulazzjoni ulterjuri tad-djun dovuti minn CFR Marfă lil CFR Infrastructură bejn l-2010 u l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013;

(c) il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013;

(d) in-nuqqas ta' infurzar u l-akkumulazzjoni ulterjuri tad-djun dovuti minn CFR Marfă lil CFR Infrastructură wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 sal-2018 inkluża.

Artikolu 2

Il-miżura li ġejja, soġġetta għal din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE:

(a) in-nuqqas ta' infurzar u l-akkumulazzjoni ulterjuri tad-djun dovuti minn CFR Marfă lill-baġit tal-Istat wara l-konverżjoni ta' dejn f'ekwità tal-2013 sal-2018 inkluża.

Artikolu 3

L-għajnuna mill-Istat taħt il-Miżura 3 hija diġà inkluża fl-għajnuna taħt il-*Miżura 1* u l-*Miżura 2*, li hija r-raġuni għalfejn l-għajnuna taħt il-*Miżura 3* mhijiex tingħadd mal-ammont globali tal-għajnuna, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tal-għajnuna. L-għajnuna mill-Istat li tammonta għal mill-inqas RON 2 619,27 miljun (madwar EUR 569,41 miljun), li huwa l-ammont tal-għajnuna taħt il-*Miżura 1* (mill-inqas RON 1 001,2 miljun, madwar EUR 217,65 miljun), biż-żieda tal-ammont tal-għajnuna taħt il-*Miżura 2* (mill-inqas RON 783,78 miljun, madwar EUR 170,39 miljun), biż-żieda tal-ammont tal-għajnuna li jikkorrispondi għall-*Miżura 5* (mill-inqas RON 834,29 miljun, madwar EUR 181,37 miljun), biż-żieda, għal kull wieħed mid-djun arretrati taħt il-*Miżuri 1, 2 u 5*, tal-imgħax tas-suq korrispondenti (li jrid jiġi ddeterminat skont il-metodoloġija ta' kalkolu deskritta), li kollha ngħatat illegalment favur CFR Marfă mir-Rumanija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 4

1. Ir-Rumanija għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarju.

2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġarrbu mgħax mid-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta, f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 ([210]) u mar-Regolament (KE) Nru 271/2008 ([211]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Ir-Rumanija għandha twaqqaf kull nuqqas ta' infurzar tad-djun imsemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data ta' adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 5

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Ir-Rumanija għandha tiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien sitt xhur mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Rumanija għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħax tal-irkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;

([210]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([211]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u li jkunu ppjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

2. Ir-Rumanija għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħedu biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm ikun ġie kkompletat l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Hija għandha tissottometti immedjatament, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u li jkunu ppjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u ta' mgħax tal-irkupru li jkunu diġà ġew irkuprati mill-benefiċjarju.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Il-Kummissjoni tista' tippubblika l-ammonti tal-għajnuna u tal-imgħax tal-irkupru rkuprati fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2015/1589.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Viċi President Eżekuttiv